# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġużè Galea

*QABEL XEJN*

*L-interess li tqanqal minn xi snin 'il hawn fid-drawwiet u l-ħajja qadima ta' niesna jħaddan ukoll is-snajja' u x-xogħol li bihom kienu jaqilgħu l-għajxien bosta rġiel u nisa fi djarhom jew fil-ħwienet tax-xogħol ġewwa l-bliet u l-irħula ta' pajjiżna. Kienu snajja' żgħar li aktarx jintirtu mill-missier għal għand l-iben — xogħol li, bla tibdil jew bi ftit li xejn tibdil, baqa' jsir bħal ma kien fil-qedem sakemm fi żmienna, jew ftit qabel żmienna, beda jitwarrab u jagħmel il-wisa' għal ħidmiet u għodod iżjed moderni li, bħal imsiemer ġodda, qalgħu 'l barra l-imsiemer il-qodma.*

*Huma snajja' jew xogħlijiet li kellhom jispiċċaw maċċaqliq ekonomiku u industrijali ta' pajjiżna imma li b'xorti tajba għad fadal tifkiriet ħajja tagħhom, sew jekk kienu marbutin ma' drawwiet ta' festi kemm jekk ma' metodi tradizzjonali ta' bini, ta' inġenji u ta' xogħlijiet oħra ġewwa d-djar li llum għebu mid-dehra tal-ħajja Maltija. Iktar u iktar għalhekk hija ħaġa xierqa li jkollna miġbur fi ktieb tagħrif fuq l-għodod li kienu jaħdmu bihom, il-kliem li kien jinstema' f'ħalq in-nies tas-snajja', flimkien ma' dettalji tax-xogħol kif kien isir, liema snajja' kienu jħaddmu rġiel biss, f'liema minnhom kienu jmiddu jdejhom in-nisa, u irqaqat oħra li għada pitgħada għad jiswew biex jimlew il-battal ta' l-istorja soċjali ta' niesna.*

*Għal xogħol bħal dan forsi ħadd ma kien imħejji tajjeb daqs il-Professur Ġużè Galea, magħruf biżżejjed bħala prożatur u rumanzier mill-aħjar — mgħallem tal-kelma Maltija li f'kitbiet u fi studji bil-Malti jew bl-Ingliż diġà wriena l-interess tiegħu fis-snajja' qodma u fix-xogħol ta' l-imgħoddi f'deskrizzjonijiet milquta ta' persunaġġi tradizzjonali li darba waħda kienu karatteristiċi, fir-rumanzi tiegħu* San *Ġwann, Raġel bil-Għaqal* u *Meta Nħaraq it-Teatru,* kif *ukoll fi studju fuq ix-xogħol ta' l-imtieħen tar-riħ fil-*Maltese Folklore Review.

*F'dawn il-kitbiet Ġużè Galea jfakkar, u jsalva min-nisi, il-ħidma ta' bosta nies tas-sengħa li b'sabar kbir huwa rnexxielu jiġbor dwarhom tagħrif ta' siwi. Il-kwadru li jagħtina huwa mera li fih naraw nies ħajjin fid-dar, fil-għalqa u fuq il-lant tax-xogħol jaħdmu bi bżulija kbira biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, jonkella għan-namra, fi żmien li llum għoddu ntesa għal kollox. Għaldaqshekk biss, biex ma nidħlux fil-merti l-oħra letterarji li għandu, dan il-kittieb jistħoqqlu l-ħajr ta' kull min għandu għal qalbu t-tifkira ta' dak li kien, bħala dokument ħaj li jkellimna u jgħallimna ngħożżu l-ħidma u l-bżulija ta' niesna fl-imgħoddi.*

*Ġ. Cassar Pullicino.*

## IL-GĦASSARA

Is-sengħa tal-għassara hi mill-eqdem nett. Naqraw fuqha f'kitbiet l-aktar antiki, għax meta ma kienx hawn mezzi mekkaniċi ż-żjut u l-imbejjed, żewġ ħtiġiet importanti fil-ħajja tal-bniedem, kienu jsiru bl-idejn u bis-saqajn.

Fost il-qdumijiet arkoeloġiċi li dan l-aħħar instabu f'pajjiżna, ħdejn il-Knisja ta' San Pawl Milqi, f'Burmarrad, inkixfu presses taż-żejt ta' żmien ir-Rumani, madwar elfejn sena ilu.

Il-pressa kienet ħawt kbir tal-ġebel tal-qawwi, b'rota taż-żonqor iddur ġewwa fih. Il-għassara kienu jixħtu ż-żebbuġ ġewwa l-ħawt, imbagħad idawwru r-rota li tisħaq il-frott u tagħsar iż-żejt minnu.

Barra ż-żebbuġ, il-għassara kienu jaħdmu l-għeneb ukoll. Kien ikollhom nħajjes twal, b'xi sitt irġiel jew nisa minsubin quddiem kull nħassa u kull wieħed b'qoffa għeneb ma' ġenbu. Il-għassara kienu jaqbdu l-għenieqed mill-qoffa ta' ma' ġenbhom, jagħsruhom bejn idejhom u jixħtuhom fl-inħasa, u meta din timtela sa nofsha, kultant kienu jqabbdu lit-tfal jitilgħu fuqha, jgħaffġu b'saqajhom biex il-għeneb jinsaħaq u jingħasar aħjar. Hemm min igħid li xi drabi kienu jitilgħu l-għassara wkoll jgħaffġu fuq il-għeneb.



Fis-sajf kienu jagħsru wkoll it-tuffieħ tadam biex joħorġu l-kunserva minnu. Wara li jagħsruh fl-inħasa jew f'lembija, kienu jgħadduh minn passatur tal-fuħħar jew tal-landa biex jisseparaw il-qoxra u ż-żerriegħa, imbagħad dak li jaqa' mill-passatur kienu jixħtuh ġewwa ċurniena tax-xoqqa bajda u jħalluha mdendla għal ftit taż-żmien sakemm jiskula l-ilma mill-għasir. Fl-aħħar kienu jferrgħu l-għasir ġewwa reċipjent u jgħalluh fuq in-nar biex isir kunserva.

Kien hawn ukoll xi ftit nies li jagħsru ż-żejt il-lewż (Amygdalus Com. Amara) u ż-żejt ir-riġnu (Ricinus Comminis). Dan ix-xogħol kien isir aktarx fil-Belt fejn il-għassara kellhom l-imħażen tagħhom. Kienu jgħaffġu u jisħqu l-lewż morr jew iż-żerriegħa tar-riġnu f'meħrież kbir, imbagħad il-polpa kienu jrossuha fi strinċtur jew magħsar biex isaffu ż-żejt minnha. Wara kienu jħallu ż-żejt joqgħod għal ftit taż-żmien biex in-naqal jinżel fil-qiegħ u l-ixkuma tgħum fil-wiċċ, u meta jitnaddfu dawn, iż-żejt jisfa fin u pur.

## IS-SELLAR

Is-sengħa tas-sellar kienet waħda mill-aktar qodma u meħtieġa meta ż-żwiemel kellhom sehem kbir fix-xogħol ta' kuljum. Minn qabel ma ġew il-Kavalieri f'Malta kien hawn is-sellar biex ifasslu u jħitu l-kawwara għall-bhejjem tal-ħart, jew biex jagħmlu l-pennell għal fuq dahar il-ħmir li jġorr tagħbijiet minn trejqiet imwiegħra qalb il-blat u r-raba' jew biex jaħdmu x-xedd għaż-żwiemel jew bgħula tal-kalessi u tal-karettuni.

Fi żmien il-Kavalieri kien hawn ħafna sellara li jaħdmu l-bardatura ta' fuq dahar iż-żiemel tal-Kavalieri. Dawk li jaħdmu għall-Kavalieri kienu mgħallmin primi u x-xogħol tagħhom barra t-tfassil u l-ħjata, kien aktarx jikkonsisti f'tiżjin u tirqim u tberfil bi freneż tad-deheb, taċċi bir-ras tal-fidda, bokkli tar-ram aħmar u ċineg ileqqu ta' Cordova.

(*ikompli f'ħarġa oħra*) (1)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Imma l-aktar li kellhom xogħol, kienu s-sellara tal-bhejjem tal-karettuni. F'kull raħal kien hemm xi tnejn jew tlieta, imma fl-irħula l-kbar, dawk ta' madwar ix-xatt fejn kien hemm xogħol tal-ġarr, wieħed kien jiltaqa' ma' bosta ħwienet tas-sellara u kien jara mdendlin mal-koxox tal-bieb, pennelli, taranti, kontri u bċejjeċ oħra tax-xedd.

Ix-xedd kienet dik il-biċċa inġenji li jorbtu fuq dahar il-bhima biex tiġbed il-karettun warajha. Ix-xedd kien jeħtieġ li jkun ta' saħħa, kif ukoll ħafif u artab biex ma jisloħx il-ġilda tal-bhima. Tgħamira ta' xedd kienet komposta minn ħafna bċejjeċ: l-ewwel waħda kienet il-wtaja, biċċa għażel kwadra daqs maktur kbir, li kienet tinfirex fuq dahar il-bhima, u kienet tal-għażel biex kultant tinħasel u titnaddaf mill-għaraq u mill-għakar.

Fuq l-ewwel wtaja kienu jitqiegħdu xi tlieta jew erba' wtajjiet oħra ta' l-istess daqs magħmula mill-pannu jew mill-gvieret, u dawk il-wtajjiet kollha kienu jipproteġu dahar il-bhima mill-iskossi tax-xedd. Fuq il-wtajjiet kollha kienet titqiegħed iż-żarbija, biċċa tapit bi strixxa ġild fit-truf tal-ġnub. Fuq iż-żarbija kien ikun hemm il-pennella magħmula minn żewġ keffiet magħqudin flimkien b'biċċa kanvaż, iż-żewġ keffiet li joqogħdu fuq iż-żarbija waħda kull naħa tas-sinsla tad-dahar, kienu magħmulin minn xoqqa tal-kanvaż u mimlijin u marsusin bit-tiben jew bil-ħaxixa jew bil-kotnina, imma kienu mgħattnin fin-nofs fejn kienu jpoġġu s-saqajn tal-barda.

Il-barda kienet magħmula minn żewġ għudiet ċatti mwaħħlin għamla ta' anġlu u miksijin b'ġilda mżejna b'imsiemer tar-ram bir-ras kbira. Il-barda kienet tieqaf fuq iż-żewġ keffiet jew il-faldi tal-pennella u tibqa' soda hemm b'mezz ta' ċinturin ighidulu mxedd li minn naħa waħda tal-barda jgħaddi minn taħt żaqq il-bhima u jintrabat sħiħ man-naħa l-oħra tal-barda. Fuq il-barda mbagħad kien hemm il-ganċ magħmul minn strixxi ta' ġild oħxon waħda fuq l-oħra u meħjutin bħal nofs qamar; fiż-żewġt itruf, dik il-milwa ġild kellha mwaħħal ganċ żgħir li jidħol fil-ħolqa ta' tarf il-lasta tal-karettun. B'din il-manjera l-karettun kien jeħel max-xedd u jintrama wara l-bhima.

Imma biex il-karettun jimxi tajjeb wara l-bhima kienu jinħtieġu ħwejjeġ oħra. L-ewwel ħaġa kienet is-sidra; din kienet strixxa jew terħa tal-ġild artab wiesa' xi erba' pulzieri u twila xi qama; kienet iddur ma' sider il-bhima u kienet tinżamm f'postha billi tintrabat bil-bokkli ma' żewġ reffigħat li kienu żewġ ċineg tal-ġild imwaħħlin waħda fuq il-lemin u l-oħra fuq ix-xellug tan-naħa ta' quddiem tal-barda. Maż-żewġt itruf tas-sidra kienu mwaħħlin it-taranti. Dawn kienu żewġ ħbula ta' saħħa, wieħed kull naħa, li jispiċċaw b'ganċ żgħir li kien jidħol f'ħoloq imdendlin taħt nofs il-lasta, ħdejn is-salib tax-xatba tal-karettun. Dawk it-taranti kienu jiġbdu l-karettun meta l-bhima timxi u tagħfas fuq is-sidra.

Is-sidra barra li tiġbed il-karettun mit-taranti kienet iżżomm ix-xedd f'postu u ma tħallihx jarġa' lura fuq dahar il-bhima; min-naħa l-oħra kien hemm id-dafar biex ma jħallix ix-xedd jersaq 'il quddiem lejn għonq il-bhima. Id-dafar, bħas-sidra, kien magħmul minn ġilda twila mfassla minn strixxi rotob, li ddur mal-warrani tal-bhima u tgħaddi minn taħt denbha. Iż-żewġ itruf tad-dafar kienu jintrabtu bil-bokkli ma' żewġ reffigħat imwaħħlin waħda kull ġenb man-naħa ta' wara tal-barda.

Fl-aħħar kien hemm il-kontri, dawn kienu żewġ strixxi tal-ġild imwaħħlin mad-dafar waħda kull naħa bit-truf tagħhom jispiċċaw f'għewra jew toqba. Meta l-karettun ikun se jaqbad in-niżla, ix-xrik kien idaħħal il-għewra tat-truf tal-kontri fil-ganċijiet ta' fuq il-barda u hekk il-karettun ma jkunx jista' jimbotta l-ganċ 'il quddiem u jobżqu minn fuq il-barda.

Min dan jidher kemm is-sellar kien jeħtieġlu jitgħallem tajjeb biex isib tarf dawk il-bċejjeċ kollha tax-xedd. Hu kien jintasab fil-ħanut wara l-bieb, bilqiegħda fuq banketta baxxa, quddiemu kien ikollu mejda żgħira mimlija kobob ta' spag u lenza, imselel u xwejjef ta' bosta daqsijiet, trunġetti, taċċi, imsiemer, imqass, tnalja, martell, riga u kumpass biex iqis tajjeb u jħażżeż u jfassal sewwa qabel jaqta'.

Kien ikollu wkoll ċappa xemgħa biex jidlek biha l-ispaga ħalli ssir iebsa u tiżloq. Xi drabi fit-tarf tal-ispaga is-sellar kien iwaħħal lanżita biex aktar tidħol malajr fit-toqba li tagħmel ix-xifa. Hu kien aktarx iħit b'pont illazzat, jiġifieri mit-toqba li tagħmel ix-xifa hu kien igħaddi żewġ spagiet waħda kontra l-oħra, imbagħad kien idawwar l-ispagiet waħda kontra l-oħra, imbagħad kien idawwar l-ispagiet waħda madwar il-palma ta' idu l-leminija u l-oħra max-xellugija u jiġbidhom b'saħħa kontra xulxin biex il-pont jorbot tajjeb u jissikka ħafna; u biex l-ispag ma jisloħlux il-ġilda tal-pala, is-sellar kien idawwar mal-kefef ta' idejh strixxa ġild artab ħalli l-ispaga tissikka fuqha. Is-sellar xi drabi kien iħit ukoll b'pont ikkambjat u wkoll b'pont isserpjat l-aktar meta jrid iżejjen bil-ħjata l-bċejjeċ tal-ġlud jew tal-kanvass.

Dawk il-bċejjeċ tax-xedd magħmulin minn żewġ keffiet, e.g. pannella, sidra, is-sellar kien jimlihom bil-kotnina u jiksihom b'ġilda rqiqa u ratba msejħa bragott; hu kien jiksi wkoll bil-bragott il-ħbula tat-taranti, tal-kontri u oħrajn. Is-sellar kien ikollu wkoll fuq il-mejda tax-xogħol, biċċa ħġieġa biex bix-xifer tagħha jobrox, iraqqaq jew jillixxa l-ġlud.

Fl-aħħar meta jkollu kollox lest, is-sellar kien jimsaħ mesħa l-ġild kollu tax-xedd b'biċċa ċarruta ratba jew bi sponża miblula biż-żejt tal-kittien biex iġib kollox ileqq u sabiħ.

## IN-NEWWIEĦA

Fid-dinja kulma jiġri għandu s-siwi tiegħu u ftit ġrajja jitwettqu li ma jisfawx ta' xi ġid lil xi ħadd, saħansitra n-niket tal-mewt dari kien iġib il-qliegħ lil xi wħud għax kien hemm nies li jaqilgħu kemxa bil-biki u x-xhir tagħhom.

Kull belt jew raħal kellhom in-newwieħa tagħhom. Kienu nisa intrigużi; ix-xogħol tagħhom kien li jmorru jibku u jnewwħu fid-dar tal-mejjet. Kienu jilbsu l-iswed minn fuq s'isfel donnhom Arpiji, jidħlu fid-dar jibku, jagħtu fuq wiċċhom, iqattgħu xagħarhom u jixħtu troffi tax-xahar fuq il-mejjet bħala rispett u qima lejh; imbagħad kienu jduru dawra mal-kmamar ikissru qnanet u ġarar, u xi biċċa mobbli wkoll, jaqilbu l-qsari, joħorġu fil-ġnejna jew fil-bitħa jżardu l-frieghi tad-dwieli, u jekk ikun hemm xi gazzija, iqaċċtuha għax, kienu jgħidu, li dik is-siġra ġġib il-mewt. Intant il-ħin kollu dawk il-bikkejja kienu jixhru u jwerżqu, u dan kollu jagħmluh biex ikeċċu l-frugħa mid-dar u f'lokha jiġbdu n-niket u s-swied il-qalb.

In-newwieħa bil-lejl kienu jishru ma' ġenb il-katavru u mbagħad jimxu warajh sal-knisja, il-ħin kollu jibku, jixhru, jolfqu u jagħmlu għaġeb kemm jifilħu. Aktar ma' jnewwħu u jagħtu fuq wiċċhom u jġebbdu xagħarhom, aktar kienu jistennew ħlas tajjeb, għax allura l-funeral aktar kien ikun gwapp!

In-numru tan-newwieħa kien ftit jew wisq skond kemm il-familja tal-mejjet kienet tista' tħallas. Meta l-familja tkun sinjura n-numru tan-newwieħa, kif ukoll tal-qassisin, kien ikun kbir, imma meta tkun fqira allura l-akkompanjament kien jiċkien. Għalhekk kien hemm tliet kwalitajiet ta' funerali: dak tat-tużżana, dak tan-nofs tużżana u dak tal-wieħed biss, skond jekk fil-funeral kien ikun hemm tnax-il qassis, sitt qassisin jew qassis wieħed, u bħalma n-numru tal-qassisin kien jikber u jiċkien hekk ukoll in-numru tan-newwieħa kien jogħla u jitbaxxa.

Id-drawwa tan-newwieħa fil-funerali hi mxerrda ħafna fil-pajjiżi orjentali, saħansitra fi żmienna fl-Eġittu, fis-Sirja u f'pajjiżi oħra tal-Lvant wieħed jista' jara n-newwieħa jixhru u jolfqu huma u sejrin bil-mejjet għad-dfin. Fl-antik f'Malta n-newwieħa kienu ta' sikwit ikunu mqabbdin biex isemmgħu l-leħen tagħhom. Fi żmien il-Kavalieri kienu mfittxin ħafna. Il-ħlas tagħhom ma kienx wisq: irbigħej kull mara għal akkumpanjament tal-mejjet mid-dar għad-dfin u tlieta rbgħajja għal akkumpanjament u lejl tnewwieħ! Agius de Soldanis (1712-1770) li kiteb dwar id-drawwiet tal-Maltin fi żmienu, isemmihom u jfisser sewwa x'kienu jagħmlu.

Il-lum in-newwieħa nqatgħu għal kollox, u l-biki u x-xhir għal mejjet isir, jekk isir!, mill-familja tiegħu biss. Iżda baqa' okkażjoni li tfakkar ix-xena tal-biki u tnewwieħ għal mejjet: fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, wara l-Monument ikun hemm it-tfal ikantaw b'leħen ta' ħniena u ta' biki bl-akkompanjament tal-vjolini u dik il-lamentazzjoni tagħhom wara Kristu mejjet tikser qalb il-fidili Nsara.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (2)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

**mill-Professur Ġuże' Galea**

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

## META F'MALTA KIEN HAWN IL-FERROVIJA U T-TRAM; L-OMNIBUS U L-LANEĊ

Żmien ilu f'Malta kellna l-ferrovija u t-tram; il-ferrovija daħlet hawn fit-28 ta' Frar, 1883 u spiċċat fl-1931; mill-Belt kienet tasal sa l-Imtarfa. It-tram beda fit-18 ta' April, 1905 u dam sal-1929; mill-Belt kienu jitilqu tliet linji tat-tram: waħda tgħaddi mill-Ħamrun u tmur sa Birkirkara, oħra tgħaddi mill-Ħamrun u Ħal Qormi u tasal sa Ħaż-Żebbuġ, u l-oħra tgħaddi minn Raħal Ġdid u tispiċċa Bormla. Kien hemm ħafna nies jaħdmu mal-ferrovija u mat-tram. Kien hemm inġinieri, kondutturi, kolletturi u sewwieqa; dawn fix-xogħol tagħhom ma kellhom xejn speċjali u l-lum għad baqa' ħafna li jaħdmu bħalhom, imma kien hemm oħrajn li jagħmlu xogħol li l-lum inqata'. Dawk kienu l-ħaddiema li jsewwu l-linji tat-tram u tal-ferrovija, oħrajn li kienu jnaddfu l-linji tat-tram, u kien hemm ukoll l-irġiel tal-bandiera li jagħmlu s-sinjali u jagħlqu t-triq sakemm igħaddi "il-vapur ta' l-art", kif kienu jsejħulu.

Il-linji tal-ħadid li fuqhom jiġru r-roti tat-tren, kienu jpoġġu fuq traversi tal-għowda mindudin fuq sodda taż-żrar irqiq xi qama bgħid waħda mill-oħra. Kultant l-irbit tal-medda tal-linji fuq it-traversi kien jillaxka, jew xi traversa kienet tixxaqqaq jew titherra, jew iż-żrar ma kienx jibqa' imwitti tajjeb, u allura kienu jmorru gaj ħaddiema mħarrġin tajjeb biex isewwu u jirranġaw dak li jkun meħtieġ. Il-linji tal-ferrovija kienu 'l fuq mill-art, iżda dawk tat-tram kienu ma wiċċ it-triq u kienu wkoll jeħtieġu min idurhom kultant.

Il-linja tat-tram kienet trid min jieħu ħsiebha l-ħin kollu, għax fil-wiċċ tagħha kellha skannelatura mnejn jgħaddi l-battent tar-roti biex iżomm it-tram dejjem fuq il-linja tiegħu. Kien jeħtieġ li dik l-iskannellatura tibqa' dejjem nadifa, għax jekk timtela' bit-trab, jew biż-żrar jew b'materjal ieħor iebes, kien ikun hemm il-periklu li t-tram jaqbeż minn fuq il-linja.

Għalhekk kien hemm dawk l-impjegati li jnaddfu l-linji tat-tram. Kellhom bħala għodda marlozz jew lasta tal-injam li fit-tarf t'isfel kellha mwaħħal xifer tal-ħadid. Il-ħaddiem kien idaħħal dak ix-xifer fl-iskannellatura u jimbotta l-lasta biex jaqla' l-materjal u jnaddaf; kien idum il-jum kollu miexi mal-linja jimbotta l-lasta bix-xifer fl-iskannellatura u kien iterraq mill-Belt għal Birkirkara jew għal Ħaż-Żebbuġ jew Bormla skond fejn tkun il-linja tiegħu. Dawk il-ħaddiema kienu jġorru wkoll seffud u satal biex meta l-materjal ikun magħqud ħafna, iħolluh bl-ilma u jaqilgħuh bis-seffud minn ġewwa l-iskannellatura.

L-irġiel tal-bandiera kien hemm wieħed minnhom kulfejn il-linja tal-ferrovija kienet tofroq it-triq; xogħolhom kien li jagħalqu t-triq qabel ma jgħaddi t-tren biex ma tiġrix xi disgrazzja.

Kull raġel tal-bandiera kien joqgħod f'kamra mibnija għalih ħdejn il-linja hu kien ikun jaf il-ħinijiet meta t-tren igħaddi, imma biex ikun aktar żgur, is-sewwieq tal-lokomotiva kien isaffarlu xi tlieta jew erba' minuti qabel ma jasal ħdejh. Allura r-raġel kien joħroġ mill-kamra bil-bandiera ħamra f'idu u jaqbad it-tarf ta' katina li kienet imwaħħla mal-ħajt tat-triq fuq in-naħa tal-kamra tiegħu, u jmur idaħħlu ġewwa ganċ imwaħħal mal-ħajt tan-naħa l-oħra tat-triq; u hekk jagħlaq it-triq minn ġenb wieħed tal-linja; imbagħad kien imur jagħmel l-istess ħaġa fuq il-ġenb l-ieħor, u hekk it-tren kien igħaddi bejn żewġ ktajjen stisi fuq iż-żewġt iġnub tal-linja.

Fil-waqt li jkun iġebbed il-ktajjen, ir-raġel kien iżomm il-bandiera ħamra f'idu biex min ikun għaddej mit-triq jinduna bil-periklu u jieqaf sakemm it-tren igħaddi. Meta jkunu għaddejjin in-nies bil-mixi jew rikbin, huma kienu jieqfu u ma jiġri xejn; il-periklu kien iqum meta jinzertaw għaddejjin xi merħla annimali, bħalma ġara nhar San Ġużepp ta' l-Imsida fl-1922. Wara nofs in-nhar kienet daħlet tagħbija barrin minn Tunis, u wara li ħattewhom il-Marsa kienu qegħdin isuquhom lejn l-irziezet ta' Misraħ il-Barrieri; meta waslu fit-triq ħdejn l-irziezet u kienu se jaqsmu l-linja tal-ferrovija, it-tren saffar kemm-il darba, imma r-raġel tal-



Linja tal-Ferrovija u Kamra tar-Raġel tal-Bandiera.

bandiera ma setax ikeċċi filwaqt dik il-merħla minn fuq il-linja; it-tren baqa' dieħel b'saħħa qawwija, tajjar ħafna barrin, u qatel xi għaxra minnhom. U la darba semmejna din id-disgrazzja tal-barrin nixtieqù ngħidu wkoll li fl-20 ta' Settembru 1905 kienet ġrat disgrazzja oħra. Allura it-tram kien għadu jgħaddi minn niżla ta' Għajn Dwieli, u dak in-nhar meta qabad in-niżla l-"break" ma qabadx, it-tram ħarab l'isfel u nqaleb f'qiegħ it-telgħa fejn korrew bosta nies.

* * *

La darba qiegħdin insemmu l-vapur ta' l-art, jixraq li ma ninsewx l-omnibus li għamel żmien jaqdi n-nies billi jġorrhom minn belt għall-oħra.

L-omnibus, jew "in-nemnebus" kif kienu jgħidulu n-nies tar-rħula, kien karozza kbira fuq erba' roti; kienet magħmula fit-tul b'żewġ bankijiet wieħed kull naħa ma' tulha. Kienet mgħottija b'saqaf jew ċelu tal-foljetti tal-injam u fil-ġnub kellha tliet purtieri tal-għażel. Quddiem kellha saldatur bejn żewġ fanali, fejn kien joqgħod il-kuċċier, u wara kien hemm tliet targiet jew skaluni mnejn jitilgħu l-passiġġieri. Fil-karozza kienu jidħlu tnax-il passiġġier u joqogħdu sitta kull naħa, imma fil-festi kienu jirkbu iżjed nies.

Żewġ żwiemel, wieħed kull naħa ta' lasta, kienu jiġbdu l-omnibus, imma xi drabi meta t-triq tkun twila jew mħarbta, inkella meta t-tagħbija tkun akbar mis-soltu, kienu jarmaw tliet żwiemel.

L-omnibusijiet l-aktar li kienu jaħdmu bejn il-Belt, tas-Sliema, San Ġiljan, il-Ħamrun, Birkirkara u Ħal Qormi. Kien fihom dehra sabiħa u ferriħija, bil-kuċċier fuq is-saldatur iċaqċaq il-frosta u jgħajjat "Warda! Warda!" u bix-xrik li jiġbor il-flus fuq l-iskaluni ta' wara idoqq il-qanpiena, filwaqt li l-passaġġieri jsellmu lill-ħbieb mit-twieqi, jew igħannu, l-aktar jekk ikunu ġejjin minn xi xalata.

Matul it-triq kien hemm postijiet mnejn l-omnibus jiġbor il-passiġġieri, iżda l-kuċċier kien iwaqqaf biex jitilgħu n-nies kull fejn jagħmlulu sinjal.

Dawk l-omnibusijiet kienu jżarmaw f'Misraħ il-Barrieri u ħdejn ir-ramla ta' ġewwa ta' San Ġiljan. F'dawk iż-żewġ postijiet kien hemm remissi kbar bl-istalel għaż-żwiemel u tined għal karozzi.

Fl-1859 il-Gvern inkariga kumpanija tal-omnibus biex iġorru l-ittri tal-posta mill-Belt għall-inħawi ta' Malta imma mbagħad l-omnibusijiet baqgħu jaħdmu u jterrqu fit-toroq sal-bidu tas-seklu li aħna fih; fl-aħħar it-tram u l-vapur ta' l-art qatgħluhom nifshom u qerduhom.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (3)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġużè' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Fl-aħħar Gwerra Kbira, fl-1942, meta kien hawn skarsezza ta' petrol u nuqqas ta' trasport għal pubbliku, l-omnibusijiet li kienu għadhom sħaħ ħarġu mir-remissi u tfaċċaw fit-toroq, iżda nifshom kien qasir u malli wasal il-konvoj ta' Santa Maria u daħal fil-Port il-vapur tal-petrolju "Ohio", dawk il-karozzi veterani reġgħu daħlu jistrieħu fir-remissi tagħhom.

Fi żmien it-tram u l-ferrovija kien hawn il-laneċ li kienu wkoll iħaddmu ħafna nies: tmunieri, firemen, baħrin, dawk li jagħtu l-biljetti u dawk li jieħdu ħsieb il-puntuni u ċ-ċattri.

Il-laneċ kienu bċejjeċ tal-baħar mdaqqsin u jifilħu għaċ-ċaqliq; ma kellhomx arbli u ħbula, biss kellhom ċumnija daqsxejn aktar 'l quddiem minn nofs il-gverta. Quddiem iċ-ċumnija kien hemm il-kassru bir-rota tat-tmum u siġġu warajha fejn joqgħod it-tmunier. Wara ċ-ċumnija fuq il-poppa kien hemm is-salun għal passiġġieri kif wkoll fuq il-pruwa kien hemm bankijiet mgħottijin b'tined tal-inċerata.

Fis-Sajf il-passiġġieri kienu jagħżlu li joqogħdu fuq il-bankijiet taħt it-tined għal frisk, imma fix-Xitwa jew meta jkun baħar imqalleb, kulħadd kien ifittex li jidħol fis-salun.

Kien hawn żewġ kumpanijiet tal-laneċ: "Marsamxetto Steam Ferry Service Ltd. 1882" (ta' Mattei) u "National Steam Ferryboat Company, 1897" (ta' Gollcher). Il-kumpanija ta' Gollcher kienet taħdem fil-Port il-Kbir u f'Marsamxett, dik ta' Mattei kien f'Marsamxett biss.

Il-passiġġieri kienu jgħaddu minn fuq pontun biex jitilgħu fuq il-laneċ. Il-pontun, jew pont, kien bħal kabina kbira li minn xifer il-moll toħroġ għal baħar, kien jieqaf fuq pilastri tal-ħadid imgħaddsin f'qiegħ il-baħar u kien imwaħħal mal-blat ta' l-art bi travi u vireg tal-ħadid.

Malli wieħed jitla' fuq il-pont tal-laneċ kien isib fin-nofs il-kabina tar-raġel tal-biljetti u wara l-kabina kienet tinfirex rixtelliera li taqsam il-pont f'żewġ naħiet: naħa waħda għat-tlugħ u l-oħra għall-inżul; u f'kull naħa kien hemm bankijiet għal kumdità tal-passiġġieri.

Il-lanċa kienet tittrakka mal-pont u l-baħrin jorbutha biċ-ċimi mill-ġenb tal-poppa u tal-pruwa; sadattant kienet tniżżel u ttella' l-passiġġieri, imbagħad wara li tgħabbi kienet tħoll iċ-ċima tal-pruwa, issija u ddur fuq iċ-ċima tal-poppa u wara li tieħu d-direzzjoni, tħoll iċ-ċima ta' wara u titlaq għall-post ieħor.

F'xi postijiet fejn il-baħar kien ta' sikwit jitqalleb u jobrom, kienu jorbtu ċattra wara l-pont, biex il-lanċa tittrakka magħha, u hekk jekk il-baħar ixejjer il-lanċa din taħbat ma' ħaġa li tiċċaqlaq u ċċedi u mhux ma' ħaġa li ma titħarrekx bħalma kien il-pont.

Fil-Port il-Kbir kien hemm pontun għal-laneċ fuq il-Ġgant ħdejn id-dwana, kien hemm ieħor ix-xatt tal-Isla u ieħor il-Birgu quddiem il-Knisja ta' San Lawrenz.

F'Marsamxett kien hemm żewġ pontijiet, wieħed għal kull kumpanija, in-naħa tal-Belt taħt il-Mina ta' Marsamxett ħdejn il-Parlatorju. In-naħa tas-Sliema, kien hemm żewġ pontijiet oħra fix-xatt quddiem Triq l-Annunzjata. Għalewwel li bdew, il-laneċ kienu jidħlu sal-Imsida; kellhom pont fil-liwja tal-Pietà u ieħor quddiem il-Knisja tal-Imsida. Fis-Sajf meta San Ġiljan kien jimtela bin-nies, il-laneċ kienu jaslu sa hemm wkoll; kellhom pont quddiem il-Knisja tal-Karmnu u ieħor fir-ramla ta' ġewwa quddiem l-istatwa ta' San Ġiljan. Kien hemm ukoll żmien meta l-laneċ kienu jġorru l-passiġġieri mill-Port għal tas-Sliema, kienu jitilqu mill-port, iduru mal-breakwater u jidħlu Marsamxett isorġu fuq il-pont tas-Sliema.

L-aqwa żmien tal-laneċ kien matul l-Ewwel Gwerra Kbira, meta kien hawn eluf ta' suldati u baħrin, u tas-Sliema bdiet tieħu s-sura ta' belt. Minħabba n-nies li kienu jgħaddu għal-laneċ mit-triq San Marku, il-Belt, dik it-triq kienet saret waħda mill-aqwa toroq tal-Gżira kemm għat-traffiku kif ukoll għal-kummerċ.

F'Marsamxett kien hemm tmien laneċ jaħdmu l-ħin kollu: tnejn ittrakkati mal-pontijiet ta' tas-Sliema, tnejn ma' dawk tal-Belt, tnejn sejrin lejn tas-Sliema u tnejn, lejn il-Belt; malli tasal waħda, l-oħra taqla' minn mal-moll u titlaq bit-tagħbija tagħha u dak l-iskariġġar ta' laneċ, l-aktar fis-Sajf, kien jifforma dehra ta' ħajja u ħeġġa fil-portijiet.

Il-laneċ refgħu mix-xogħol tagħhom fil-31 ta' Awissu 1959, imma l-poplu kien laħaq drahom u ħabbhom tant li fl-aqwa tagħhom kien qabblilhom għanja:

> "Lanċa ġejja u oħra sejra
> Minn tas-Sliema għal San Ġiljan . . . "

## TFARFIR, TFETTIEĦ U TRAPUNTAR

Qabel it-Tieni Gwerra l-Kbira s-Suq tal-Belt kien akbar milli hu llum; kien imdawwar kollu bil-ħadid u kellu ħafna bibien. It-toroq ta' madwaru kienu mimlijin bi ħwienet tal-ikel li minnhom kienet toħroġ riħa ta' qali u xiwi u tisjir li tiftaħ l-aptit.

Bil-qiegħda fuq xi għatba ta' wieħed mill-bibien tas-suq jew fuq xi banketta ħdejn il-ħwienet tal-kafe', wieħed kien jara rġiel jistennew ix-xogħol: Kienu dawk li jfarfu t-tapiti jew ifettħu s-suf tas-saqqijiet.

Dawk li jfarfru t-tapiti kellhom biċċa għodda li taqdihom f'dak ix-xogħol, kienu jgħidulu sawt jew tornalett li kien magħmul minn tubu jew milwa tal-kanavazz twila xi żewġt ixbar u mimlija bir-ramel jew bil-ħaxixa marsusa. Dik il-milwa tqila qisha mazzita kienet tkun marbuta b'daqsxejn ta' lenza ma' tarf ta' biċċa lasta tal-għuda qisha lembuba jew manku.

Ir-raġel kien idendel it-tapit mal-ħabel tal-inxir fuq il-bejt, imbagħad jaqbad il-manku tas-sawt f'idu u jibda jxejjer u jagħti bil-milwa fuq it-tapit, u b'dak it-tixjir tal-manku, il-milwa taħbat u tistabat b'saħħa kbira fuq it-tapit u theżżu u taqla' u ttajjar minn fuqu l-għabra u t-trab.

Biex it-tfarfir isir aħjar, ir-raġel kien iħalli t-tapiti minxurin fix-xemx għal ftit taż-żmien biex is-sħana tnixxef l-imdewwa u hekk il-għabra tinqala' aktar malajr. Min ifarfar kien joqgħod in-naħa mnejn jonfoħ ir-riħ, biex it-trab u l-għabra ma jtirux għal wiċċu.

Fuq il-bejt wkoll, jew xi drabi fil-bitħa, kienu jaħdmu dawk li jfettħu s-suf tas-saqqijiet.

Kull tant żmien, is-suf tas-saqqijiet, minħabba l-għaraq tal-ġisem u l-piż ta' dawk li jorqdu fuqu, igħaqad u jsir bċejjeċ bċejjeċ. Dawk il-għoqod iebsin jagħmlu s-saqqu skomdu għal min jistrieħ fuqu, għalhekk kienu joħorġu s-suf mis-saqqu u jfettħuh u jpaħpħuh biex jerġa' jsir artab.

L-ewwel ħaġa kienu jaqtgħu l-punti tat-trapuntar biex il-ġewwieni tas-saqqu jintreħa u ma jibqax issikkat imbagħad kienu joħorġu s-suf billi jiftħu xaqq fil-ġenb tas-saqqu.

Kienu jiġbru s-suf f'ċestun u r-raġel jew il-mara li jfettħuh kienu jifirxu xkora jew tapit fl-art u joqgħodu bil-qiegħda fuqu b'darhom mistrieħ mal-ħajt; naħa waħda kien ikollhom iċ-ċestun mimli suf magħqud u n-naħa l-oħra ċestun ieħor biex jixtħu fih is-suf mfettaħ.

Dawk li jagħmlu dan ix-xogħol ma kellhomx għodda speċjali, l-aktar li kienu jħaddmu sebgħajhom biex iġebbdu u jfettħu s-suf, imma meta jsibu xi għoqda iebsa ħafna, kienu jinqdew bil-fettieħ, dan kien ikun qarn ta' ċerva twil xi xiber u jispiċċa bil-ponta. Ir-raġel kien ideffes il-ponta tal-fettieħ fil-għoqda u jgħawwar u jdawwar sakemm iħolha, jiftaħha u jrattabha.

Is-suf wara li jfettħuh, aktarx kienu jaħsluh ukoll. Kienu jieħduħ f'xatt il-baħar, il-Qajjenza jew fejn Ta' Nagħaġ, f'Birżebbuġa, il-Qaliet f'San Ġaljan, jew il-Menqa f'San Pawl il-Baħar, u hemm kienu jxarrbuh, u jgħorkuh u jlaħalħuh, imbagħad kienu jifirxuh fuq il-blat u jnixxfuh għax-xemx.

Wara li jfettħuh, ipaħpħuh u jaħsluh, is-suf kienu jerġgħu jimlewh fis-saqqu u jdaħħluh mill-istess xaqq mnejn kienu ħarġuh qabel. Kienu jifirxuh ndaqs mal-medda kollha tas-saqqu, u kienu jaraw li ma jkunx hemm xi għarma suf mgeddza f'xi naħa jew f'xi rokna. Imbagħad kienu jagħalqu u jħitu u jittrapuntaw is-saqqu biex is-suf jibqa' fejn ikun u mhux jirtass jew jinġabar fit-truf, jew jinżel fin-nofs minħabba l-piż tal-ġisem.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (4)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Imma l-aktar li kellhom xogħol, kienu s-sellara tal-bhejjem tal-karettuni. F'kull raħal kien hemm xi tnejn jew tlieta, imma fl-irħula l-kbar, dawk ta' madwar ix-xatt fejn kien hemm xogħol tal-ġarr, wieħed kien jiltaqa' ma' bosta ħwienet tas-sellara u kien jara mdendlin mal-koxox tal-bieb, pennelli, taranti, kontri u bċejjeċ oħra tax-xedd.

Ix-xedd kienet dik il-biċċa inġenji li jorbtu fuq dahar il-bhima biex tiġbed il-karettun warajha. Ix-xedd kien jeħtieġ li jkun ta' saħħa, kif ukoll ħafif u artab biex ma jisloħx il-ġilda tal-bhima. Tgħamira ta' xedd kienet komposta minn ħafna bċejjeċ: l-ewwel waħda kienet il-wtaja, biċċa għażel kwadra daqs maktur kbir, li kienet tinfirex fuq dahar il-bhima, u kienet tal-għażel biex kultant tinħasel u titnaddaf mill-għaraq u mill-għakar.

Fuq l-ewwel wtaja kienu jitqiegħdu xi tlieta jew erba' wtajjiet oħra ta' l-istess daqs magħmula mill-pannu jew mill-gvieret, u dawk il-wtajjiet kollha kienu jipproteġu dahar il-bhima mill-iskossi tax-xedd. Fuq il-wtajjiet kollha kienet titqiegħed iż-żarbija, biċċa tapit bi strixxa ġild fit-truf tal-ġnub. Fuq iż-żarbija kien ikun hemm il-pennella magħmula minn żewġ keffiet magħqudin flimkien b'biċċa kanvaż, iż-żewġ keffiet li joqogħdu fuq iż-żarbija waħda kull naħa tas-sinsla tad-dahar, kienu magħmulin minn xoqqa tal-kanvaż u mimlijin u marsusin bit-tiben jew bil-ħaxixa jew bil-kotnina, imma kienu mgħattnin fin-nofs fejn kienu jpoġġu s-saqajn tal-barda.

Il-barda kienet magħmula minn żewġ għudiet ċatti mwaħħlin għamla ta' anġlu u miksijin b'ġilda mżejna b'imsiemer tar-ram bir-ras kbira. Il-barda kienet tieqaf fuq iż-żewġ keffiet jew il-faldi tal-pennella u tibqa' soda hemm b'mezz ta' ċinturin igħidulu mxedd li minn naħa waħda tal-barda jgħaddi minn taħt żaqq il-bhima u jintrabat sħiħ man-naħa l-oħra tal-barda. Fuq il-barda mbagħad kien hemm il-ganċ magħmul minn strixxi ta' ġild oħxon waħda fuq l-oħra u meħjutin bħal nofs qamar; fiż-żewġt itruf, dik il-milwa ġild kellha mwaħħal ganċ żgħir li jidħol fil-ħolqa ta' tarf il-lasta tal-karettun. B'din il-manjera l-karettun kien jeħel max-xedd u jintrama wara l-bhima.

Imma biex il-karettun jimxi tajjeb wara l-bhima kienu jinħtieġu ħwejjeġ oħra. L-ewwel ħaġa kienet is-sidra; din kienet strixxa jew terħa tal-ġild artab wiesa' xi erba' pulzieri u twila xi qama; kienet iddur ma' sider il-bhima u kienet tinżamm f'postha billi tintrabat bil-bokkli ma' żewġ reffigħat li kienu żewġ ċineg tal-ġild imwaħħlin waħda fuq il-lemin u l-oħra fuq ix-xellug tan-naħa ta' quddiem tal-barda. Maż-żewġt itruf tas-sidra kienu mwaħħlin it-taranti. Dawn kienu żewġ ħbula ta' saħħa, wieħed kull naħa, li jispiċċaw b'ganċ żgħir li kien jidħol f'ħoloq imdendlin taħt nofs il-lasta, ħdejn is-salib tax-xatba tal-karettun. Dawk it-taranti kienu jiġbdu l-karettun meta l-bhima timxi u tagħfas fuq is-sidra.

Is-sidra barra li tiġbed il-karettun mit-taranti kienet iżżomm ix-xedd f'postu u ma tħallihx jarġa' lura fuq dahar il-bhima; min-naħa l-oħra kien hemm id-dafar biex ma jħallix ix-xedd jersaq 'il quddiem lejn għonq il-bhima. Id-dafar, bħas-sidra, kien magħmul minn ġilda twila mfassla minn strixxi rotob, li ddur mal-warrani tal-bhima u tgħaddi minn taħt denbha. Iż-żewġ itruf tad-dafar kienu jintrabtu bil-bokkli ma' żewġ reffigħat imwaħħlin waħda kull ġenb man-naħa ta' wara tal-barda.

Fl-aħħar kien hemm il-kontri, dawn kienu żewġ strixxi tal-ġild imwaħħlin mad-dafar waħda kull naħa bit-truf tagħhom jispiċċaw f'għewra jew toqba. Meta l-karettun ikun se jaqbad in-niżla, ix-xrik kien idaħħal il-għewra tat-truf tal-kontri fil-ganċijiet ta' fuq il-barda u hekk il-karettun ma jkunx jista' jimbotta l-ganċ 'il quddiem u jobżqu minn fuq il-barda.

Min dan jidher kemm is-sellar kien jeħtieġlu jitgħallem tajjeb biex isib tarf dawk il-bċejjeċ kollha tax-xedd. Hu kien jintasab fil-ħanut wara l-bieb, bilqiegħda fuq banketta baxxa, quddiemu kien ikollu mejda żgħira mimlija kobob ta' spag u lenza, imselel u xwejjef ta' bosta daqsijiet, trunġetti, taċċi, imsiemer, imqass, tnalja, martell, riga u kumpass biex iqis tajjeb u jħażżeż u jfassal sewwa qabel jaqta'.

Kien ikollu wkoll ċappa xemgħa biex jidlek biha l-ispaga ħalli ssir iebsa u tiżloq. Xi drabi fit-tarf tal-ispaga is-sellar kien iwaħħal lanżita biex aktar tidħol malajr fit-toqba li tagħmel ix-xifa. Hu kien aktarx iħit b'pont illazzat, jiġifieri mit-toqba li tagħmel ix-xifa hu kien igħaddi żewġ spagiet waħda kontra l-oħra, imbagħad kien idawwar l-ispagiet waħda kontra l-oħra, imbagħad kien idawwar l-ispagiet waħda madwar il-palma ta' idu l-leminija u l-oħra max-xellugija u jiġbidhom b'saħħa kontra xulxin biex il-pont jorbot tajjeb u jissikka ħafna; u biex l-ispag ma jisloħlux il-ġilda tal-pala, is-sellar kien idawwar mal-kefef ta' idejh strixxa ġild artab ħalli l-ispaga tissikka fuqha. Is-sellar xi drabi kien iħit ukoll b'pont ikkambjat u wkoll b'pont isserpjat l-aktar meta jrid iżejjen bil-ħjata l-bċejjeċ tal-ġlud jew tal-kanvass.

Dawk il-bċejjeċ tax-xedd magħmulin minn żewġ keffiet, e.g. pannella, sidra, is-sellar kien jimlihom bil-kotnina u jiksihom b'ġilda rqiqa u ratba msejħa bragott; hu kien jiksi wkoll bil-bragott il-ħbula tat-taranti, tal-kontri u oħrajn. Is-sellar kien ikollu wkoll fuq il-mejda tax-xogħol, biċċa ħġieġa biex bix-xifer tagħha jobrox, iraqqaq jew jillixxa l-ġlud.

Fl-aħħar meta jkollu kollox lest, is-sellar kien jimsaħ mesħa l-ġild kollu tax-xedd b'biċċa ċarruta ratba jew bi sponża miblula biż-żejt tal-kittien biex iġib kollox ileqq u sabiħ.

## IN-NEWWIEĦA

Fid-dinja kulma jiġri għandu s-siwi tiegħu u ftit ġrajja jitwettqu li ma jisfawx ta' xi ġid lil xi ħadd, saħansitra n-niket tal-mewt dari kien iġib il-qliegħ lil xi wħud għax kien hemm nies li jaqilgħu kemxa bil-biki u x-xhir tagħhom.

Kull belt jew raħal kellhom in-newwieħa tagħhom. Kienu nisa intrigużi; ix-xogħol tagħhom kien li jmorru jibku u jnewwħu fid-dar tal-mejjet. Kienu jilbsu l-iswed minn fuq s'isfel donnhom Arpiji, jidħlu fid-dar jibku, jagħtu fuq wiċċhom, iqattgħu xagħarhom u jixħtu troffi tax-xahar fuq il-mejjet bħala rispett u qima lejh; imbagħad kienu jduru dawra mal-kmamar ikissru qnanet u ġarar, u xi biċċa mobbli wkoll, jaqilbu l-qsari, joħorġu fil-ġnejna jew fil-bitħa jżardu l-frieghi tad-dwieli, u jekk ikun hemm xi gazzija, iqaċċtuha għax, kienu jgħidu, li dik is-siġra ġġib il-mewt. Intant il-ħin kollu dawk il-bikkejja kienu jixhru u jwerżqu, u dan kollu jagħmluh biex ikeċċu l-frugħa mid-dar u f'lokha jiġbdu n-niket u s-swied il-qalb.

In-newwieħa bil-lejl kienu jishru ma' ġenb il-katavru u mbagħad jimxu warajh sal-knisja, il-ħin kollu jibku, jixhru, jolfqu u jagħmlu għaġeb kemm jifilħu. Aktar ma' jnewwħu u jagħtu fuq wiċċhom u jġebbdu xagħarhom, aktar kienu jistennew ħlas tajjeb, għax allura l-funeral aktar kien ikun gwapp!

In-numru tan-newwieħa kien ftit jew wisq skond kemm il-familja tal-mejjet kienet tista' tħallas. Meta l-familja tkun sinjura n-numru tan-newwieħa, kif ukoll tal-qassisin, kien ikun kbir, imma meta tkun fqira allura l-akkompanjament kien jiċkien. Għalhekk kien hemm tliet kwalitajiet ta' funerali: dak tat-tużżana, dak tan-nofs tużżana u dak tal-wieħed biss, skond jekk fil-funeral kien ikun hemm tnax-il qassis, sitt qassisin jew qassis wieħed, u bħalma n-numru tal-qassisin kien jikber u jiċkien hekk ukoll in-numru tan-newwieħa kien jogħla u jitbaxxa.

Id-drawwa tan-newwieħa fil-funerali hi mxerrda ħafna fil-pajjiżi orjentali, saħansitra fi żmienna fl-Eġittu, fis-Sirja u f'pajjiżi oħra tal-Lvant wieħed jista' jara n-newwieħa jixhru u jolfqu huma u sejrin bil-mejjet għad-dfin. Fl-antik f'Malta n-newwieħa kienu ta' sikwit ikunu mqabbdin biex isemmgħu l-leħen tagħhom. Fi żmien il-Kavalieri kienu mfittxin ħafna. Il-ħlas tagħhom ma kienx wisq: irbigħej kull mara għal akkumpanjament tal-mejjet mid-dar għad-dfin u tlieta rbgħajja għal akkumpanjament u lejl tnewwieħ! Agius de Soldanis (1712-1770) li kiteb dwar id-drawwiet tal-Maltin fi żmienu, isemmihom u jfisser sewwa x'kienu jagħmlu.

Il-lum in-newwieħa nqatgħu għal kollox, u l-biki u x-xhir għal mejjet isir, jekk isir!, mill-familja tiegħu biss. Iżda baqa' okkażjoni li tfakkar ix-xena tal-biki u tnewwieħ għal mejjet: fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, wara l-Monument ikun hemm it-tfal ikantaw b'leħen ta' ħniena u ta' biki bl-akkompanjament tal-vjolini u dik il-lamentazzjoni tagħhom wara Kristu mejjet tikser qalb il-fidili Nsara.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (2)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

It-trapuntar kien isir b'mezz ta' xifa jew msella u spaga. Fit-tarf tal-ispaga kienu jorbtu buttuna wiesa jew biċċa drapp mitwija daqs sold, kienu jinfilzaw l-imsella min-naħa għall-oħra tas-saqqu, imma billi fit-tarf tal-ispaga kien hemm il-buttuna din kienet teħel fuq il-wiċċ t'isfel tas-saqqu u ma tħallix l-ispaga tibqa' għaddejja u toħroġ minn naħa l-oħra. Meta l-ispaga teħel, ir-raġel kien jissikkaha u jorbotha fil-wiċċ ta' fuq. Hekk kien jagħmel spaga sħiħa stirata bejn iż-żewġ uċuh tas-saqqu.

Dawk li jagħmlu dan ix-xogħol kienu jħitu t-traponti xi xibrejn bogħod wieħed mill-ieħor, u b'hekk iż-żewġ uċuh tas-saqqu kien ikollhom meded ta' spag li jżommhom flimkien u fl-istess ħin dawk il-meded ta' spag kienu jżommu s-suf f'postu u ma jħalluhx jirtass jew jidgeddes lejn naħa jew oħra.

## XOGĦOL TAT-TAJJAR

### Min jaħleġ, Min Idoqq, Min Iredden, Min Jinseġ u Min Jiżbogħ

Mitt sena ilu l-qoton kien l-aqwa prodott ta' Malta. Nafu li fl-1836 l-esportazzjoni tiegħu laħqet £118,000, (*) somma kbira l-lum, iżda wisq u wisq akbar għal dak iż-żmien.

Ix-xogħol tal-qoton kien iħaddem ħafna nies (**): dawk li jiżirgħuh, dawk li jiġbruh, dawk li jaħilġuh, dawk li jdoqquh, dawk li jreddnuh u dawk li jinsġuh. Nibdew mid-daqqaqa għax dawk is-sengħa tagħhom il-lum spiċċat.

It-tajjar jindaqq biex jinbaram fi ħjut aktar malajr u sewwa. Aktar ma t-tajjar jindaqq tajjeb, aktar jinbaram fi ħjut irqaq u fini u twal, għalhekk aktar jintisġu drappijiet sbaħ u sbieħ. Is-sengħa tad-daqq tat-tajjar hi waħda mill-eqdem, kienet teżisti fi żmien id-dinastija ta' Farawni ta' l-Eġittu u sas-seklu li għadda kienet tħaddem bosta nies.

Id-daqqaqa kienu aktarx irġiel, għax in-nisa kienu jbatu wisq fit-trabijiet u l-għabra u l-intietex li jittajjru waqt ix-xogħol. Id-daqqaq kien joqgħod bil-qiegħda fuq banketta baxxa quddiem għarma tajjar maħluġ; b'idu x-xellugija kien iżomm id-deffa li magħha kellha mwaħħla lasta twila jew qaws. Il-watar min-naħa waħda kien marbut ma' ras il-lasta, u min-naħa l-oħra kien jgħaddi minn fuq il-pinna tad-defa u jintrabat ma' l-ilġiem taħt id-deffa; b'dak l-irbit il-watar kien ikun miġbud u ssikkat qisu korda tal-arpa. Il-lasta kienet imwieżna b'lenza mal-għakkies magħmul minn xi tnax-il qasba weqfin u marbutin flimkien biex b'hekk iħeffu l-piż tal-lasta jew qaws minn idejn id-daqqaq; dan f' idu l-leminija kien iżomm iċ-ċikk, biċċa għowda romblija daqs xiber, dejqa fin-nofs mnejn tinħakem u tispiċċa fuq u isfel f'żewġt irjus imdawwrin b'ħanek.

Id-daqqaq kien jagħti bil-ħeffa daqqa wara l-oħra bil-ħanek ta' ras iċ-ċikk fuq il-watar u kif dan jibda jvenven u jirtgħod, igħaddih ħafif ħafif ma' wiċċ il-għarma tal-maħluġ li bit-tregħid tal-watar minnufih jitfettaħ u jeħfief, jitpaħpaħ u jirtab; kull erba' jew ħames daqqiet biċ-ċikk, id-daqqaq kien jagħti oħra aktar qawwija biex il-watar aktar jitheżheż u jwaddab it-tajjar imdaqqaq fil-ġenb.

Ma' kull daqqa taċ-ċikk fuq il-watar dan kien ivenven u jdoqq qisu korda ta' kontrabaxx fil-waqt li jqajjem għabra u jtajjar mal-kamra ntietef ta' tajjar fini u ħfief donnhom borra. Minħabba hekk waqt ix-xogħol, id-daqqaq kien jilbes ħafif, l-aktar fis-Sajf: qalziet qasir jilħaqlu ftit 'l isfel minn irkubbtejh, u minn qaddu 'l fuq kien għeri; f'rasu kien ixidd ċinetta tgħattilu xagħaru, kien ukoll jorbot maktur quddiem ħalqu u mnieħru. B'danakollu ħuġbejn id-daqqaq, kif ukoll mustaċċih u s-suf ta' sidru u l-ġilda kollha kienu jinksew b'saff għabra u b'intietex tant li kien fih dehra tbażża' t-tfal.

Mad-daqqaq kellhom x'jaqsmu ħafna dak li jaħleġ u dik li tredden.

Kienu jaħilġu l-qoton billi jgħadduh bejn żewġ rombli jduru kontra xulxin. Kienu żewġ rombli, tal-għowda iebsa żgħar qishom żewġ lembubiet, xi pied u nofs twal u żewġ pulzieri ħoxnin; f'tarf wieħed kellhom ġewża bil-ħniek. Iż-żewġ rombli kienu jduru mindudin bejn żewġ għowdiet weqfin xi pied u kwart bogħod minn xulxin. Ir-rombli kienu poġġuti wieħed fuq l-ieħor, minn naħa waħda kellhom it-truf iduru f'ħofra ġewwa l-għowda l-wieqfa, u minn naħa l-oħra r-rombli kienu jduru wkoll ġewwa toqba fl-għowda l-oħra, imma t-truf tagħhom li jispiċċaw f'ġewża kienu joħorġu 'l barra mill-għowda l-wieqfa biex meta ż-żewġ ġewżiet jingastaw flimkien, il-qoton ma jitħabbilx magħhom.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (5)



GĦODDA (WATAR U ĊIKK) GĦAD-DAQQ TAT-TAJJAR



RADDIENA TAL-ĦALĠ

(*) R. Montgomery Martin. "Statistics of the Colonies of the British Empire, London 1839.

(**) A. Preca. "Mill-Qotna sal-Maktur", 'Is-Sebħ', 25 ta' Diċembru, 1885.

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Iż-żewġ għowdiet weqfin kienu mwaħħlin fuq bank dejjaq biex dak li jaħleġ joqgħod bil-qiegħda fuqu; l-irġiel sieq il hawn u sieq il hinn, u n-nisa la ġenba. Fuq il-bank bejn iż-żewġ għowdiet weqfin, kien hemm kaxxa biex taqa' fiha ż-żerriegħa tal-qoton.

Dak li jaħleġ kien idaħħal mradd fil-ġewża tar-romblu ta' taħt u hekk meta jdawwar, iż-żewġ ġewżiet iduru kontra xulxin u jdawwru magħhom iż-żewġ rombli.

Min ikun jaħleġ kien joqgħod bil-qiegħda fuq il-bank; b'id waħda jdawwar l-imradd u bl-oħra jdaħħal il-bjad (kif kienu jgħidulu l-qoton wara li joħorġuh mill-fosdqa, qabel ma jaħilġuh) bejn iż-żewġ rombli jduru. Il-bjad artab kien igħaddi marsus minn bejn iż-żewġ rombli, jissaffa, isir tajjar maħluġ u jaqa' n-naħa l-oħra tal-ħallieġ, iżda ż-żerriegħa u ntietef u naqal ma kenux igħaddu minn bejn ir-rombli, kienu jinsibku, jinfirdu u jinqalgħu mill-bjad u jaqgħu fil-kaxxa taħt ir-rombli. Bix-xogħol il-lembubi kienu jimliesu jew jsiru lixxi u allura l-bjad kien jiżloq minn bejnhom; biex ma jiġrix dan, kull tant kienu joborduhom jiġifieri jgħadduhom bil-barrada jew lima.

Il-ħalġ kien xogħol li jsir fl-irħula u aktarx fil-għaxija. Wara l-ikel, ħafna familji tal-bdiewa u oħrajn, kienu jinġabru fil-għorfa tal-ħalġ: il-kbar jaħalġu u ż-żgħar iressqulhom ġwielaq bil-bjad, jiġbru t-tajjar u jlaqqtu ż-żerriegħa, filwaqt li kollha flimkien iqasstu r-Rużarju. Kien fihom dehra sabiħa ta' ġabra u bżulija.

Wara li jaħilġuh, it-tajjar kienu jagħżluh, jiġifieri jobormuh u jagħmluh ħajt għall-insiġ. Biex jagħżluh kienu jinqdew bir-raddiena. Din kienet rota kbira daqs qama tond, iddur bejn żewġ għowdiet weqfin fuq strippi. Imwaħħla fuq l-istess strippi u ftit bogħod mir-rota l-kbira, kien hemm rota oħra żgħira xi daqs xiber tond. Iż-żewġ roti kienu jiċċaqalqu flimkien b'mezz ta' lenza jew siegla li kienet iddur fuq iċ-ċirku tagħhom. Meta wieħed idawwar ir-rota l-kbira, is-siegla kienet iddawwar ukoll ir-rota ż-żgħira b'ħeffa qawwija.



**Raddiena tat-Tajjar**

In-nisa kellhom ħabta kbira biex jagħżlu t-tajjar. Il-mara kienet tieħu qabda tajjar f'idha l-leminija, isselslu malfus tar-rota ż-żgħira, imbagħad b'idha x-xellugija kienet iddawwar mill-imagħżel ir-rota l-kbira; meta din iddur, ir-rota l-oħra, iż-żgħira, kienet tgħaqad bid-dawrien tagħha, il-fus kien jobrom it-tajjar li jkollu marbut miegħu u l-mara kienet dlonk tiġbed lejha l-qabda tajjar li jkollha f'idha biex ma tħallix ħafna tajjar jimbaram f'daqqa u allura flok ħajta kienet toħroġ spaga ħoxna. Is-sengħa ta' dawk li jagħżlu t-tajjar kienet li jżomm u jiġbdu lejhom bil-qies il-qabda tajjar, biex iraqqu l-brim kemm jistgħu bla ma jaqtgħuh, hekk kien jinsilet ħajt irqieq u fin li jintiseġ tajjeb fuq in-newl. Dak il-ħajt kif joħroġ mir-raddiena kien jissejjaħ imraden. L-imraden kienu jinġabru fuq l-imħalla jew marella, u jsiru milwiet.

In-nisa tar-raddiena kienu aktarx in-nannijiet jew iz-zijiet xjuħ li ma jifilħux għax-xogħol. Kienu jintasbu bir-raddiena tagħhom fis-setaħ, jew ħdejn il-bieb ta' barra biex jaraw in-nies għaddejjin, iżda fix-Xitwa kienu jfittxu l-kenn aktarx fil-kċina ma' ġenb in-nar.

Is-sengħa tan-nissieġa għadha ħajja. Wieħed għadu jista' jarahom iħaddmu n-newl; għalhekk dik is-sengħa ma tidħolx ma' dawk li l-lum inqerdu u li qiegħdin niktbu fuqhom biex ma jintesewx. Imma dari kien hawn sengħa oħra li kellha x'taqsam mad-drappijiet wara li joħorġu min-newl: is-sengħa taż-żebbiegħa tad-drappijiet. Abela fl-Istorja ta' Malta tiegħu (*) isemmi s-sengħa taż-żebbiegħa.

Id-drappijiet tal-qoton kienu kollha ta' lewn abjad lift, jew ta' lewn kannella lanke. Iż-żebbiegħa kienu jiksru dawk iż-żewġ kuluri u jagħmluhom aktar oskuri. Barra d-drappijiet tal-kotnina, kienu jiżbgħu ukoll ħwejjeġ tax-xoqqa u għażel imma aktarx kienu dejjem jiżbgħu f'lewn oskur.

Iż-żebbiegħa kienu jinqdew l-aktar bil-qoxra u bil-blanzuni tal-fjuri tar-rummien, jew iż-żokor tas-siġar tar-rummien (Punica granatum). Ħafna minn dawk iż-żokor kien jaqa' u t-tfal tal-bdiewa kienu jiġbruh u jbiegħuh bis-sieħ jew bit-tomna liż-żebbiegħa. Dawk il-blanzuni jew żokor tar-rummien fihom ħafna sustanzi bħal tannin, kariofilla, termentina u żjut, u bit-togħlija jagħmlu estratt karg li jagħti lewn lill-ħwejjeġ.

Iż-żebbiegħa kienu jixħtu ż-żokor f'inħajjes kbar u jżommuh jagħli sakemm joħroġ l-estratt minnu, imbagħad kienu jgħaddsu l-ħwejjeġ fl-ilma tat-togħlija u jħalluhom hemm sakemm jieħdu kulur li ma jintefiex biż-żmien.

## STATWI, VARI U MASKRI TAL-KARTAPESTA

Il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex huma mimlijin bi statwi jew vari tal-kartapesta; ħafna statwi oħra bħalhom jużawhom biex iżejnu t-toroq fil-festi. Fl-imgħoddi kien hemm ħafna mgħallmin li jaħdmu dawk l-istatwi u x'uħud minnhom kienu tassew artisti. Illum qajla baqa' minnhom għax ix-xogħol naqas u l-istatwi ġejjin lesti mill-Italja, mill-Ġermanja u minn Spanja.

L-imgħallem kien jibda biex jagħmel mudelli tal-partijiet mikxufin tal-ġisem: ir-ras, il-għonq, l-idejn u s-saqajn. Il-partijiet mgħottijin; korp, qadd, koxtejn, kienu jsiru ħafif għax billi ma jidhrux, kienu jservu biex jimlew biss u bħala qafas.

Fuq il-mudelli l-imgħallem kien jagħqqad il-forma talġibs u jiżbogħha biż-żejt tal-kittien biex trabbi slieġa li ma teħelx, imbagħad kien jimla l-forma li jkollu bżonn bil-kartapesta biex joħroġ ix-xbiha li jrid.

Il-kartapesta kienet issir mill-karti; il-karti kollha kienu jgħoddu, imma l-aħjar kienet dik il-karta griża, ħoxna u ratba jgħidulha karta tal-bżar.

L-istatwarju kien igħaddas il-karti ġewwa ħawt mimli bl-ilma b'xi ftit soda maħlula fih, u jħallihom hemm xi tlieta jew erbat ijiem sakemm jirtabu u jsiru qishom għasida jew pasta. Wara li jillesti dik il-pasta, l-imgħallem kien jiksi biha l-forma minn ġewwa u jħalliha sakemm tinxef u tagħqad u tieħu sura tal-wiċċ jew ta' xi parti oħra skond xi tkun il-forma.

Wara li jħejji s-sura tar-ras u tal-partijiet l-oħra talġisem, l-imgħallem kien jibni li statwa billi jagħmel bażi tal-injam u jwaħħal seratizz fuqha, imbagħad kien idaħħal il-korp madwar is-seratizz u jpoġġih fuq par riġlejn, iżid idaħħal il-għonq bħal ħolqa madwar is-seratizz u jġibu fuq il-korp, fuq il-għonq ipoġġi r-ras, ma' l-ispallejn tal-korp idendel id-dirgħajn u ma' dawn iżid l-idejn, kif ukoll iżid is-saqajn taħt il-koxtejn, u hekk jifforma sura ta' bniedem.

(*) "Della Descrittione di Malta", 1647. Paġ. 131.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (6)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġużè Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Meta jkollu dik is-sura lesta, l-imgħallem kien jiżbogħha b'dilka kolla li tgħaqqad il-partijiet kollha flimkien u tagħmilhom ħaġa waħda.

Wara li l-kolla tinxef u l-istatwa tibbies, l-istatwarju kien ifassal l-ilbies għall-istatwa: kien jaqta' bħal suttana jew qalziet tax-xoqqa smajra, jew tax-xkejjer skond jekk ikun se libbes statwa ta' xi anġlu jew żagħżugħ, jew inkella ta' xi eremit liebes bla kont, imbagħad kien idaħħal dik is-suttana jew xi biċċa ħwejjeġ oħra, fl-istatwa u jiżbogħhom bil-kolla u kif ikunu għadhom rotob, hu kien jagħtihom il-qagħda jew il-pjegi li jrid. Wara dan, ħafna drabi l-imgħallem kien igħatti l-istatwa bil-mant, dan kien magħmul minn biċċa xoqqa ratba li l-istatwarju kien jiżbogħha wkoll bil-kolla u kif tkun għadha ratba jagħtiha l-pjegatura jew panneġġi kif jidhirlu li jixraq l-aħjar.

Wara li l-istatwa hekk imlibbsa tinxef u tieħu sura, l-istatwarju kien jiżbogħha minn fuq s'isfel, għal darba tnejn, taħlita ta' ġibs u kolla u jarġ' jħalliha tinxef sewwa sakemm kollox jeħel u ssir qisha statwa tal-ġibs.

Meta l-istatwa tinxef tajjeb l-imgħallem kien idurha dawra bis-"sandpaper", l-aktar biex jillixxa sewwa l-wiċċ, l-idejn u s-saqajn, imbagħad kien iwaħħal il-għajnejn tal-ħġieġ fit-toqob tal-wiċċ, u fl-aħħar kien jagħti l-kulur tal-laħam lill-wiċċ, lill-għonq u lill-partijiet oħra tal-ġisem li jidhru, u jispiċċa billi jżewwaq l-ilbies bil-kuluri kif jidhirlu hu.

Meta l-istatwa tkun lesta, qabel toħroġ mill-ħanut tax-xogħol kienu jmorru jarawha il-kappillan, il-prokuratur u l-inkarigat mill-festi, imma qabel jarawha, l-istatwarju kien jieħu ħsieb iwaħħal raġġiera ma' ras il-qaddis, filwaqt li jħalli għerja ras it-tirann, il-manigold jew ix-xitan!

Barra l-istatwi kienu jsiru wkoll maskri għal karnival biex jużawhom għall-karikaturi ta' xi persunaġġi, aktarx nies tal-politika. Il-karikaturi kienu joħorġu fuq karozzini bla ċelu jew fuq trakkijiet, u kulħadd jidħok u jiżżufjetta.

L-imgħallem kien agħmel mudell tat-tafal ta' ras il-persunaġġ li kun, imbagħad kien ixarrab u jrattab karti tal-bżar, ipoġġihom waħda fuq oħra biex igħatti r-ras kollha tal-mudell, u jgħafashom u jrosshom fuq xulxin u hekk kifikunu għadhom rotob jieħu s-sura tal-wiċċ li jkunu fuqu, imbagħad hu kien jiżbogħhom bil-kolla u wara li jinxfu, kif ir-ras tkun miksija kollha, l-istatwarju kien jagħtiha l-kulur adattat u mbagħad kien jifred b'sikkina taqta, il-parti ta' quddiem mill-parti ta' wara ħalli jissepara dik il-kisja mir-ras tal-mudell u hekk toħroġ maskra ta' wiċċ il-persunaġġ.

Meta jridu juru x-xbiha ta' dak il-persunaġġ, kienu jiffurmaw ir-ras kollha billi jġongu l-biċċa ta' quddiem ma' dik ta' wara, imma ħafna drabi l-maskerati jew dawk li jpaspru l-karikaturi, kienu jilbsu l-biċċa ta' quddiem li tirrappreżenta l-wiċċ u hekk jieħdu x-xbiha tal-persunaġġ u jwaqquh għaċ-ċajt bil-mutetti tagħhom.



### BEJJIEGĦ L-ILMA

Ħafna mill-festi f'Malta u Għawdex isiru fis-sajf, xhur tax-xemx u tas-sħana; wirja ta' biedja u bhejjem fil-Buskett; festi tal-Madonna tal-Karmnu, ta' Santa Marija, tal-Vitorja; tiġrijiet ta' l-Imnarja fir-Rabat, ta' Santu Rokku fil-Pietà u tal-Karmnu fil-Gżira, u tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir. Kienu jingabru eluf ta' nies fix-xemx taqli, min irewwaħ bil-palju, min jixxotta l-għaraq, ħafna bi griżmejhom nexfin u b'għajnejhom ħomor jaħarqu bit-trabijiet li jqum mit-toroq u kulħadd lgħabu nieżel għal tazza ilma friska.

Il-lum kull fejn wieħed imur, isib kjoskijiet u vannijiet, armati bil-friġ, ibiegħu ġelati, luminati, orżati kesħin silġ, imma dari ma kienx hemm minn dawn; dari kien hemm biss il-bejjiegħa ta' l-ilma.

Dawk l-irġiel ta' l-ilma kienu jġorru bittija żgħira jew kartell imdendel b'ċinga minn spallethom il-lemin għal taħt driegħhom ix-xellug. Il-bettija jew kartell kienu tal-għuda, imżejnin bi ċrieki tar-ram ileqq; kienu jesgħu xi żewġ galluni ilma u fil-qiegħ tagħhom kellhom vit tar-ram mnejn jissawwab l-ilma.

Ir-raġel kien iżomm ċinturin imdawwar ma' qaddu, u ma' dak iċ-ċinturin kien imdendel lembut biex jimla' l-ilma fil-bittija, u kienu mwaħħlin ukoll xi tlieta jew erba' ħoloq, fejn jinżammu t-tazzi; kienu tazzi ta' nofs pinta, ta' ħġieġ oħxon, imxelfin u ħafna drabi mdensin, imma f'dik is-sħana tikwi, l-ilma ta' ġo fihom kien jinxtorob qisu btir tal-għasel.

Il-bejjiegħ kien jieħu tliet ħabbiet ta' tazza ilma, imma b'sitt ħabbiet kien jagħti tliet tazzi, u l-ħin kollu jgħajjat: "Ilma!" "Hawn ta' l-Ilma!" "Min hu bil-għatx!"

Ġużè Muscat Azzopardi kiteb poeżija ċajtiera ħafna fuq il-bejjiegħa tal-ilma jisimha "Tal-Ilma"; tibda hekk:—

"Dan salib tiegħi  
Mill-iżjed kbar!  
Bil-barmil f'ġenbi  
Mgħobbi bħal ħmar".

### BEJJIEGĦA TAL-ĦAXIX

Dawk tal-ħalib, fil-għodu huma u deħlin il-Belt, kienu jiltaqgħu mal-bejjiegħa tal-ħaxix. Dawn ma kellhomx vannijiet u anqas karrettuni bħalma għandhom illum, biex iġorru l-biegħa iżda kienu jieħdu il-ħaxix f'żewġt iqfief li kienu jorbtuhom b'ċinga, waħda ma' l-oħra mill-maqbad jew widna, u l-bejjiegħ kien jerfagħhom waħda quddiem sidru u l-oħra wara dehru biċ-ċinga fuq spalltu.

Dawk l-irġiel ma kienux ibigħu frottijiet jew prodotti tqal bħal qara aħmar, patata jew basal, imma kien ikollhom dak li jgħidulu ħaxix tal-borma, jiġifieri krafes, tursin, ħabaq, merqtux, tewm u basal aħdar, karrotti, bżar aħdar u bżar milli jaħraq, ġidra, qara bali u qara twil, żfunnarija, ħjar, spinaċi, ħass, indivja, qaqoċċ, brokkli; kultant kien ikollu wkoll xi ftit brunġiel jew xi erba' pastardiet jew kaboċċiet. Huma kellhom sengħa kif iqiegħdu dak il-ħaxix kollu u jimlew iż-żewġt iqfif bħal bajda u saħansitra jimborġawhom, imma b'manjera li juru x'kellhom għall-bejgħ u li jsibu malajr dak li jridu.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (7)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Il-qatran kienu jħolluh fil-pikkoliera. Din kienet qisha patalott maqsum bi gradilja; fin-nofs ta' fuq kien hemm il-borma bil-qatran iswed fiha, u taħt il-gradilja kienu jaħarqu l-ħatab biex bis-sħana tan-nar irattbu l-qatran fil-borma u meta jinħall iħalltulu żift sewdieni magħruf ukoll bħala black. Kienu jimlew is-stal biż-żift u minnu b'kuċċarun li kellu x-xoffa tawwalija qisha żennuna, kienu jsawwbu ż-żift fuq l-istoppa fil-fili u jimlewhom sal-wiċċ tal-planki.

Fl-aħħar il-qalfat kien iżelleġ wiċċ il-fili bil-qanata. Din kienet biċċa għodda magħmula minn bastun b'geżża suf tan-nagħaġ imwaħħla fit-tarf tiegħu. Il-qalfat kien igħaddas is-suf fis-satal u jagħti l-aħħar passata biż-żift ħalli jillixxa l-wiċċ u l-fili tal-planki.

Sa ma bdew il-puntuni u ċ-ċattri tal-ħadid, dawn kienu ta' l-injam u s-"Societa Riunite di Pantoni e Lancie" li kellha l-iskal tagħha ħdejn il-Menqa, kif ukoll xi nies oħra li kellhom l-iskal il-Marsa 'l ġewwa nett, ħdejn il-makna tat-tram kienu, jimpjegaw bosta qlafat biex iduru u jsewwu dawn il-puntuni, ċattri u laneċ tagħhom.

Biex inkunu għedna kollox — dawn il-bċejjeċ tal-baħar li kienu jservu għall-ġarr tal-merkanzija minn fuq il-vapur għall-art, wara li jitqalftu u igħadduhom biż-żift jew qatran, kienu jgħattu l-karina tagħhom bi pjaneċ taż-żingu jew ramm aħmar u jsammruhom b'imsiemer tar-ramm. Dan ir-ramm, mhux darba u tnejn, avvelena l-frott tal-baħar li jitrabba miegħu u bagħat xi nies il-qabar.

## IL-BARRAMA TAS-SIGARETTI

Il-Maltin jpejpu ħafna, u hawn industrija kbira tas-sigaretti. Il-lum dawn jinħadmu bil-magni, imma żmien ilu is-sigaretti u s-sigarri kienu jimbarmu bl-idejn u kienu jagħtu xogħol lil ħafna ħaddiema barrama. Is-sigarri l-aktar li kienu jinħadmu f'Bormla, is-sigaretti fil-Belt fejn kien hemm żewġ ditti kbar Griegi ta' Cousis u ta' Colombos; il-Furjana kien hemm oħra Griega wkoll, ta' Sclivagnotis. Furjana kien hemm oħra Griega ukoll, ta' Sclivagnotis. Kull fabbrika minn dawn kienet tħaddem mal-mitejn barrama. Kien hemm ukoll fl-ibliet u fl-irħula, fabbrikanti żgħar li jagħtu x-xogħol lil ftit nies.

Il-barrama kienu kollha rġiel, għax dak iż-żmien in-nisa ma kenux jaħdmu fil-fabbriki. Il-barrama kienu jaħdmu fi swali kbar bil-qiegħda quddiem imwejjed twal, xi sitta jew tmienja ma' kull mejda. Kull wieħed kellu quddiemu fuq il-mejda qabda tabakk u kwantità ta' karti rqaq tas-sigaretti mimbrumin u bit-tarf imwaħħlin qishom milwa jew tubu; kellu wkoll il-folja tal-brim. Din kienet biċċa karta ħoxna, xi tliet pulzieri wiesa u erba' twila; it-tarf ta' fuq mill-wisa kien imwaħħal ma' wiċċ il-mejda. Il-barram kien jieħu ftit tabakk, kemm jaqbad bejn is-sebgħa l-kbir u l-werrej u tan-nofs ta' idu x-xellugija, jifirxu fuq it-tarf ta' isfel tal-folja, imbagħad idawwar dak it-tarf għal fuq it-tabakk u jkompli jobrom il-folja 'l fuq sakemm jilħaq it-tarf imwaħħal, b'hekk il-folja kienet issir qisha mserka jew tubu mimli bit-tabakk. Il-barram kien iżomm il-barma ssikkata b'idu waħda, fil-waqt li b'idu l-oħra kien jaqbad il-karta rqiqa tas-sigaretti magħmula tubu, jonfħilha biex tinfetaħ, iqiegħda tarf ma' tarf mat-tubu tal-karta ħoxna u mbagħad b'injama rqiqa qisha lapis, kien jimbotta t-tabakk mit-tubu tal-karta ħoxna għal ġewwa t-tubu tal-karta tas-sigaretti, u hekk joħroġ is-sigarett sħiħ. Din il-manipolazzjoni kienet issir b'ħeffa tal-għaġeb, l-aktar minn dawk il-barrama li jkunu mħarrġin tajjeb fis-sengħa tagħhom.

Il-barrama kienu jpoġġu s-sigaretti wieħed fuq l-ieħor fuq il-mejda quddiemhom u kultant minn wara l-mejda kien igħaddi ħaddiem, il-qassas, b'imqass f'idu biex jaqta u jqassas it-tabakk li joħroġ 'l barra mit-truf tal-karta biex hekk iġib is-sigaretti ta' daqs wieħed u mbagħad igħoddhom, għax il-barrama kienu jitħallsu bil-mija skond kemm jobormu. Dan il-"qassas" kien ġeneralment tifel ta' xi sittax-il sena li xi daqqiet kien jipprovdih u jgħallmu l-barram.

Fl-antik il-barrama kienu jaqilgħu erba' soldi kull mitt sigarett li jobormu, imbagħad żdiedu ħames soldi u fl-aħħar kienu jieħdu sitt soldi. Għall-ewwel, meta jkunu għadhom ma tħarrġux tajjeb, il-barrama kienu jobormu xi tliet mitt sigarett kuljum imma mbagħad wara li jidraw is-sengħa kienu jlaħħqu minn tmien mija sa elf kuljum u iżjed ukoll.

Meta bdew jitfaċċaw il-makni, il-barrama bdew jaraw ħobżhom jiskarsa u f'xi l-1925 kienu għamlu Union bejniethom u talbu lil Gvern jipproteġihom; dan kien għamel tax-xa ta' tant soldi fuq kull pakkett sigaretti magħmul mill-makna, taxxa li għadha sal-lum u tikkonsisti f'dik il-karta rqiqa li tagħlaq xi pakketti.

## KPIEPEL TAL-BAĦRIN

Fl-aħħar tas-seklu li għadda Malta kienet waħda mill-aqwa bażi navali fil-Mediterran. Il-flotta Ngliża li f'dak iż-żmien kienet l-akbar u l-aħjar fid-dinja, kienet issib kenn u mistrieħ fil-Gżira tagħna u l-Port il-Kbir kif wkoll dak ta' Marsamxett, kienu dlonk mimlijin bi bċejjeċ tal-gwerra, kbar u żgħar, b'eluf ta' baħrin fuqhom.

Ħafna nies kienu jaqilgħu l-għajxien minn fuq il-flotta: min jaħdem u min jinnegozja. Barklori, bandisti, koki, kamrieri, stewards, stokers, faħħama, ħassiela, kollha kienu jdabbruha tajjeb mill-flotta; imma kien hemm oħrajn, kuntratturi u fornituri, li kien ikollhom negozji kbar man-navy, fosthom dawk li kienu jfornu l-kpiepel tal-baħrin.

Il-lum il-baħrin jilbsu l-beritta magħrufa minn kulħadd, imma dari kellhom żewġ għatjien għal rashom: il-beritta li jilbsuha fix-xitwa jew meta l-bastiment ikun fl-Ingilterra jew fl-ibħra tat-tramuntana, u l-kappell tat-trizza bil-faldi wiesa' mxaqilbin daqsxejn 'l isfel biex jilbsuha fis-sajf jew meta jkunu fl-ibħra tropiċi. Ħafna minn dawk il-kpiepel kienu jsiru f'Malta.

Dik l-industrija tal-kpiepel kienet tħaddem bosta nies l-aktar f'Birkirkara fejn kien hemm ħafna, aktarx nisa, jaħdmu l-kpiepel f'darhom u jbigħuhom lill-kuntrattur. Dik is-sengħa tal-kpiepel tal-baħrin illum inqerdet iżda mhux ta' min jinsiha għax għamlet żmien tħaddem ħafna nies u tħalli qliegħ kbir.

Il-kpiepel tat-trizza kienu jinħadmu mill-ġummar (Chamoerops humilis, Lin); din hi ħaxixa b'weraq twil u tikber fl-Ewropa u fl-Afrika ta' Fuq ukoll.

Kienu jġibu tagħbijiet ta' ġummar fuq skejjen minn Sqallija jew mill-Afrika ta' Fuq. Qabel jaħdmuh il-ġummar kienu jxarrbuh u jżarduh. Kienu jorbtu l-ġummar f'qatet żgħar u jkebbuhom f'biċċa xkora miblula fl-ilma u jħalluhom xi jumejn niedjin biex il-weraq jirtab u jinħadem aħjar u aktar malajr; imbagħad kienu jżardu jew jaqilgħu mizzokk il-weraq twil. Il-weraq qasir, maħmuġ jew imtebbagħ kif ukoll iz-zokk, kienu jitwarrbu għar-rimi bħal skart.

Il-weraq magħżul kien ta' lewn bajdani jew safrani, twil xi ħmistax jew tmintax-il pulzier u xi kwart ta' pulzier wiesa'. In-nisa kienu jaħdmu t-trizza minn dak il-weraq. Kienu jibdew billi jqiegħdu żewġ werqat fuq xulxin għamla ta' salib, +, b'hekk ikollhom erbgħa frieghi, imbagħad kienu jitnu fuq xulxin u jdommu dawk l-erbgħa frieghi, u kull meta xi fergħa tasal fit-tarf kienu jdeffsu jew jingastaw werqa ġdida u hekk jibqgħu sejrin iżidu werqa wara l-oħra sakemm idommu bħal żagarella twila tal-ġummar li allura kienu jgħidulha trizza. Dik iż-żigarella jew trizza kienu mbagħad igħadduha minn bejn żewġ rombli jduru kontra xulxin, bħal raddiena tal-ħalġ, biex irossuha u jiċċattjawha tajjeb ħalli tinħadem aħjar.

Meta jkollhom kwantità minn dawk it-trizzi kienu jibdew ifasslu l-kappell. Kienu jibdew miċ-ċentru tal-qorriegħa jew qiegħ tal-kappell: kienu jaqbdu t-tarf tat-trizza, iżommuha ċatta u jdawwruha dawra mejt filwaqt li jħitu ġenb ma' ieħor, u hekk ifasslu dawra ta' trizza qisha ftira jew galletta u aktar ma jdawwru u jħitu, aktar dik id-dawra, jew qorriegħa tal-kappell, titwessa sakemm tilħaq il-qies meħtieġ.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (10)

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġużè Galea

(*ikompli mal-ħarġa ta' qabel*)

Meta jintlaħaq il-qies meħtieġ, iż-żagarella flok ma jħittuha ċatta kienu jiksruha u jilwuha 'l isfel u jibqgħu sejrin hekk idawwru żagarella wara l-oħra u jħituhom xifer ma' xifer biex ifasslu t-tromba tal-kappell.

It-tromba kienu jfassluha fuq għuda għamla ta' romblu oħxon daqs ras bniedem, jew xi drabi kienu jużaw nofs sieħ tal-kejl, u meta t-tromba titwal kemm imissha, iż-żagarella tat-trizza kienu jiksruha u jaqilbuha 'l barra biex ifasslu l-faldi tal-kappell. Kienu joqogħdu attenti biex ixaqilbu l-isfel iż-żagarelli fil-waqt li jkunu jħituhom ħalli l-faldi joħorġu maqlubin kemm xejn 'l isfel.

Kienu jużaw ħajt sħiħ tad-dokk u kienu jħitu tajjeb ħafna mad-dawra fejn it-trizza tintlewa mill-qiegħ għat-tromba, u wkoll mad-dawra l-oħra fejn it-tromba tinfetaħ fil-faldi; dan biex il-kappell jisfa' sħiħ u ma jiċċarratx jew jitqatta' malajr.

Wara li x-xogħol tat-trizza jkun lest, in-nisa kienu jiksu l-ħofra tal-kappell minn ġewwa bl-inforra magħmula minn drapp li jġibuh minn barra għal tal-apposta u fl-aħħar kienu jberflu x-xifer tal-faldi u jdawwru mat-tromba fuq il-faldi faxxa bl-isem tal-frejgata.

## HADDIEMA TAL-FAHAM

Dari meta l-makni tal-vapuri kienu jaħdmu bil-faħam, fil-Port tagħna kien hawn xogħol kbir. Wara li fl-1869 infetaħ il-Kanal tas-Swez, il-Port ta' Malta sar stazzjon tal-faħam mnejn il-vapuri kienu jieħdu l-ħażniet tal-faħam biex ikomplu t-triq tagħhom lejn l-Indja jew lejn l-Ingilterra. Fil-Port il-Kbir u f'dak ta' Marsamxett inbnew ħafna mħażen tal-faħam, u kien hawn kummerċ kbir għax il-vapuri ġejjin u sejrin, min iħott tagħbijiet ta' faħam għal ġewwa l-imħażen u min igħabbi u jimla l-istivi *il-bunkers* bil-faħam biex ikollu x'jaħraq matul l-vjaġġ. Għalhekk kien hawn eluf ta' nies jaħdmu fil-faħam. Mhux kulħadd kien jagħmel l-istess xogħol, kien hemm dawk li jaħdmu fl-istiva (*stevedores*) jimlew il-qfief bil-faħam; kien hemm dawk li jġorru l-faħam (ġarriera) u kien hemm oħrajn li jaħżnu l-faħam (*trimmers*) fl-imħażen jew fuq il-braken biex isibuh lest meta jidħlu l-vapuri biex jieħdu l-faħam.

Kien hemm *colliers,* vapuri li kienu jġorru l-faħam biss; kienu jaslu minn Cardiff jew Newcastle u kienu jieħdu xi tlieta jew erbgħa ġranet biex iħottu. Kienu jsorġu f'Portu Novu ħdejn Ta' Ċejlu, ħdejn il-Menqa jew taħt Kordin fejn kien hemm imħażen tal-faħam jew aħjar postijiet kbar għall-arja, fuq il-moll; oħrajn kienu jidħlu f'Marsaxett u jorbtu "Ta' Xbiex" fejn kien hemm ukoll l-imħażen tal-faħam ta' l-Ammiraljat. Dawk li jaħdmu fl-istivi kienu jimlew qfief wisgħin minn fuq u dojoq mill-qiegħ jesgħu xi erba' wiżniet faħam kull waħda, imbagħad kienu jorbtu dawk il-qfief għaxra, għaxra u jtellgħuhom bil-krejn fuq il-gverta, minn fejn il-ġarriera kienu jniżżluhom għal ġewwa l-imħażen.

Il-ġarriera kienu l-aktar li jbatu għax ix-xogħol tagħhom kien ta' toqol, tqandil u ġiri bla heda.

Il-vapur kien jittrakka mal-moll mill-poppa, u minn fuq il-poppa għal fuq il-moll kienu jmiddu żewġ fallakki waħda biex il-ġarriera jinżlu bit-tagħbija minn fuq il-vapur, l-oħra biex jitilgħu bid-dugħ battal. Ħafna drabi biex iħaffu il-ħatt, kienu jmiddu żewġ falakki kull naħa tal-poppa ħalli jkun hemm nies doppju iħottu.

Fuq il-gverta l-ġarriera kienu jerfgħu fuq spallejhom il-qoffa tal-faħam, jinżlu jiġru biha minn fuq il-fallakka tal-inżul u jmorru jħottuha fl-imħażen, mnejn imbagħad kienu joħorġu bil-qoffa vojta u jitilgħu bil-ġirja fuq il-fallakka tat-tlugħ u jerġgħu jmorru fuq il-gverta biex jieħdu qoffa faħam oħra. Kienu jiġru wieħed wara l-ieħor ma jaqtgħu qatt, qishom sarbut nemel. Xi daqqiet billi t-triq kienet tkun aktarx twila ż-żejjed, l-aktar fil-bidu tax-xogħol, il-ġarriera kienu jaqsmu l-korsa billi wieħed jagħti l-qoffa mimlija faħam lill-ieħor f'nofs it-triq u jieħu l-qoffa vojta. Kull tant żmien imbagħad kienu jitbiddlu. Fis-sajf dawk il-ġarriera kienu jilbsu qalziet biss, u x-xemx tikwi fuqhom u l-għaraq nieżel ma' ġisimhom kollu; fix-Xitwa kienu jixħtu fuq rashom xi xkora għamla ta' kabozza biex jilqgħu 'l bard u ċ-ċirċ, imma fix-Xitwa barra t-tbatija kien hemm il-periklu li biż-żlieq xi ħadd jimbaram għal ġo l-baħar u jispiċċa b'xi pewmonite.

Dawk il-ġarriera tal-faħam kien fihom dehra tal-għaġeb u ħafna stranjeri kienu jieqfu jħarsu lejhom. Wieħed vjaġġatur Ingliż, Louis Killeen (*) li kien f'Malta fl-1890 kiteb hekk dwar il-ħaddiema tal-faħam Maltin: "The Maltese coal-heavers are quite famous, by the way, for their quickness and sureness of foot, and certainly it was simply marvellous to see how they ran up and down the planks, extending from our lower deck to the coal-barge outside, with heavy loads on their shoulders. I do not know whether our Blankford Britons, looking on, were more amazed or amused at the spectacle of this great human beehive all humming away in Maltese".

Dawk l-irġiel kien ikollhom ġisimhom kollu mgħotti b'saff għabra tal-faħam, wiċċhom mgermed iswed, bl-abjad ta' għajnejhom ileqq. Kienu jgħaddu b'ħeffa, jmiddu saqajhom bil-qabża mat-tlugħ u nżul tal-fallakki li bil-piż kienu jiżżaqqu u jitilgħu u jinżlu l-ħin kollu. Għall-ewwel meta l-vapur ikun mgħobbi kollu, il-poppa ma kenitx tkun wisq 'l fuq minn wiċċ il-baħar, u l-fallakki kienu kważi orizzontali, iżda mall-ħatt tal-faħam, il-vapur jibda jeħfief u jogħla u fl-aħħar dawk il-fallakki kienu jitilgħu qishom żurżieqa b'periklu kbir għal-ġarriera, għalhekk xi drabi l-Kaptan kien jimla' t-tankijiet tal-bastiment bl-ilma biex dan ma jogħliex wisq.

Mill-imħażen il-ġarriera kienu joħorġu l-faħam biex igħabbuh fuq il-braken ħalli jkun lest għall-vapuri li jidħlu biex jieħdu ħażna ta' faħam. Fuq il-braken kienet tidħol is-sengħa ta' dawk li jippostjaw tajjeb il-faħam biex ma jaqax u jixtered għal ġewwa l-baħar. Kienu jagħżlu biċċiet ta' faħam kbir u bihom kienu jibnu bħal ħajt tas-sejjieħ madwar il-partiketta tal-barku jew ċattra u b'hekk it-tagħbija fuq il-barkun kienet tkun milqugħha tajjeb.

Meta vapur jidħol għall-faħam, il-braken mgħobbijin kienu jittieħdu wara l-lanċa tal-irmonk u jitressqu mal-ġnub tal-vapur, u l-ġarriera kienu jarmaw il-fallakki minn fuq il-braken għal fuq il-gverta tal-vapur jew xi drabi kienu jifthu bieb fil-ġenb tal-vapur li jagħti għall-istiva dritt.

Mal-faħħama kienu jgħixu wkoll xi nies oħra. Waqt il-ħatt tal-faħam mill-vapur għal l-art u waqt it-tagħbija mill-braken għal fuq il-vapur, xi ġebel tal-faħam kien jaqa' l-baħar (xi wħud kienu jgħidu li xi daqqiet twaqqgħuh għal t'apposta għaliex: *kulħadd irid igħix anki l-ħut!*) u għalhekk il-għada li l-vapur isiefer, bosta nies bil-kajjikki, kienu jfittxu li jistagħdu bil-gamgmu l-ġebel tal-faħam minn qiegħ il-baħar. Xi drabi wkoll igħoddsu għalih; ġie li ġabru nofs kajjik faħam u bit-tlaqqit kienu spiss jimlew xkejjer li mbagħad kienu jbigħuhom lill-furnara jew lill-ħaddedin.

Kien hemm ukoll dawk li jħejju l-kafe; kellhom kenur u stanjata kbira u xi ftit kikkri jew tazzi, jew bottijiet, kollox fuq id-dgħajsa; kienu l-ħin kollu jaqdfu u jduru mal-braken jew mal-vapuri biex ibiegħu b'xi sitt ħabbiet kafe lill-ħaddiema li jkunu jixtiequ jbillu griżmejhom, jew xi biskuttel.

Fis-sajf il-ħasla tal-faħħama kienet tkun qabża ġewwa l-baħar u wara jissoktaw jitnaddfu f'djarhom.

Iż-Żejtun kien l-aktar raħal li jagħti minn dawn il-faħħama, għad li Ħaż-Żabbar, Tarxien u Ħal Luqa kien hemm bosta *gangs* ta' din ix-xorta ta' ħaddiema.

Wara li kien jispiċċa x-xogħol tal-ġurnata, mix-xatt sa r-raħal tagħhom, il-faħħama kienu jeħduha bil-mixi.

Il-qliegħ ta' dawn il-ħaddiema ma kienx ikun kbir ħafna u, mhux darba u tnejn, għamlu *strike* sabiex jiżdiedu fil-paga tagħhom. Fit-30 ta' Diċembru 1912 bosta minn dawn il-faħħama telgħu l-Belt quddiem il-Palazz tal-Gvernatur, imġemda kif kienu fuq ix-xogħol, u ħolqu biża kbir; huma ma kienu għamlu ebda ħsara u talbu biss xi jeddijiet tagħhom. Il-qliegħ il-kbir kien jagħmlu l-Imgħallem u bosta minn dawn l-imgħalmin saru għonja.

(*) *"Soldiers At Sea"* by Louis Killen. Ward & Downey, London, 1893.

(*ikompli f'ħarġa oħra*)

(11)

12.

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Fl-1924 il-faħħama iddeċidew jagħżlu bniedem sabiex meta jidħol vapur bil-faħam, qabel jibda x-xogħol, jitla abbord u jara skond "il-Manifest tal-vapur" xi kwantitajiet ta' faħam hemm f'kull stiva u b'hekk il-ħaddiema jitħallsu sewwa tax-xogħol tagħhom, lil dak kienu jsibuh bis-*Sinjur tal-karta.*

Ix-xogħol tal-faħħama beda jnin minħabba li l-vapuri bdew jaħdmu biż-żejt.

## IN-NUQQAX

Dari fi żmien l-imtieħen tar-riħ u l-imtieħen tal-mixi * il-qamħ kien jinsaħaq u jintaħan bejn żewġ ħaġriet kbar tal-granit, waħda ddur fuq l-oħra.

Biex it-tħin isir sewwa kien jeħtieġ li ż-żewġ uċuħ li bejniethom jinsaħaq it-tgħam, ikunu xi ftit ħarxin; imma kull tant żmien, dawk l-uċuħ bid-dawrien u bix-xogħol, kienu jittieklu u jillixxaw u meta jiġri dan, il-qamħ ma kienx jitkisser u jintaħan tajjeb, iżda kien jingħasar bla ma jsir trab għal kollox, allura, id-dqiq kien joħroġ għoqod għoqod.

Għalhekk dawk tal-mitħna kull tant kienu jqabbdu lil imgħallem biex jonqox jew iħarrex l-uċuħ tal-ħaġriet. Dik ta' fuq kienu jgħolluha biex in-nuqqax ikun jista' jidħol jaħdem bla tfixkil. Hu kien jobrox, itektek u jsammar bl-iskriepel sakemm inaqqax il-wiċċ tal-ħaġra kollu, imma kien joqgħod attent ħafna biex ma jaqtax wisq, għax is-sengħa tiegħu kienet titlob li hu jnaqqax mhux iħaffer wiċċ il-ħaġra. Imgħallem tajjeb kien inaqqax unit u mhux daqqa jigref il-wiċċ u daqqa jtajjar il-laqx minnu. Billi l-ħaġriet tal-mitħna kienu kbar, kull waħda xi qama tonda, u billi kienu iebsin ħafna, nuqqax tajjeb kien idum mill-anqas jumejn biex jaħdem wiċċ sħiħ.

Mitejn sena ilu, meta l-imtieħen tar-riħ u dawk tal-mixi kienu fl-aqwa tagħhom, in-nuqqax kien mgħallem imfittex wisq u s-sengħa tiegħu kienet imħallsa tajjeb, iżda meta naqsu l-imtieħen, dik is-sengħa bdiet tnin u baqgħet sakemm intemmet għal kollox.

## IS-SENNIEN

Sa qabel l-aħħar Gwerra Kbira, wieħed kien jiltaqa' mas-sennien fit-toroq tal-ibliet u l-irħula. Is-sengħa tiegħu kienet dik li jsinn skieken, mwies u mqassijiet, u xi drabi wkoll ronki, mnieġel, bqaqen, rixijiet u mterqiet.

Is-sennien kien iġorr il-għodda fuq karettun ta' ħmar; kien karettun bla xatba magħmul għal dak ix-xogħol biss: bejn iż-żewġ lasti kien mimdud fus li jdawwar rota kbira; dik ir-rota b'mezz ta' ċinga kienet iddawwar buttun żgħir imwaħħal ma' fus ieħor aktar lura u li miegħu kienet imwaħħla wkoll il-mola.

Is-sennien kien joqgħod wara l-karettun jagħfas b'siequ pedala, u dik il-pedala kienet tħaddem u ddawwar ir-rota l-kbira, u għal kull dawra ta' dik ir-rota, iċ-ċinga kienet tobrom il-buttun u ddawwar miegħu l-mola b'veloċità kbira.

Fil-waqt li jagħfas fuq il-pedala, ir-raġel li jsinn kien iżomm bejn idejh is-sikkina u jmiss ġenb ix-xafra mal-mola u din, waqt li ddur, kienet tħokk u traqqaq ix-xafra u ġġibha rqiqa u taqta. Mal-lasta fuq biċċa għowda wieqfa, kienet imwaħħla landa mimlija bl-ilma bil-vit iqattar għal fuq ix-xafra biex ibill u jkessaħ is-sikkina u ma jħallihix tisħon u ssir tikwi bid-dawrien u l-ħakk.

Bejn il-lasti tal-karettun kien hemm ukoll imdendla kaxxa tal-għodda, limi, tornaviti, tnalji, mrietel, puntelli u skriepel biex is-sennien jinqeda bihom meta jissikka l-imqassijiet laxki, jew iwaħħal tajjeb ix-xfafar mal-maqbad, jew meta jirranġa u jsewwi b'xi mod ieħor il-għodda li jieħdulu.

* Ara "The Old Flower Mills of Malta And Gozo" by Professor Joseph Galea fil-"Maltese Folklore", Vol. I No. 2, 1963.

## KWIENER U FAĦAM TAL-KANNOL

Il-lum in-nisa tad-djar isajru fuq spiritieri, kuċinetti, galijiet u għodda oħrajn tat-tisjir li jaħarqu petrolju jew gass, jew jisħnu bl-elettriku, imma xi tletin sena ilu, l-aktar fl-irħula, ma kienx hemm dar li ma kellhiex il-kenur għas-sajran ta' l-ikel. Fil-kenur kienu jqabdu n-nar tal-faħam tal-kannol.

Il-kwiener kienu jsiru bis-sengħa u kien fihom biċċa xogħol bil-għaqal. Kien hemm nies imħarrġin għal dak ix-xogħol; x'uħud minnhom kien iġibu l-ġebel minn Għawdex, fejn kien hemm barriera msemmija wisq għall-ġebel tal-kenuri.

Il-kenur kien isir minn ġebla tal-franka kwadra imma aktar għolja milli wiesa', qisha fanal. In-naħa t'isfel lejn il-qiegħ, kienu jonġruha biex iġibuha idjeq min-naħa ta' fuq imma jħallu erba' faċċati bejn erba' kantunieri. F'waħda mill-faċċati, dejjem fin-nofs t'isfel, kienu jbaqqnu u jgħawwru biex jagħmlu ħofra jew bejta fejn jaqa' l-irmied, u mnejn irewwħu biex iħeġġu n-nar. Is-saqaf tal-ħofra għall-irmied, kien jiġi f'nofs il-kenur, u minn hemm 'l fuq, il-kenur kien jinfetaħ f'erba' rkejjen jew qarnuni maqtugħin għalihom, għoljin xi tlitt iswaba; bejniethom kien vojt u warajhom kien hemm ħofra fejn jinħaraq il-faħam; il-qiegħ ta' dik il-ħofra kien fl-istess ħin is-saqaf tal-bejta tal-irmied u dak is-saqaf kien imfellel u maqtugħ bħal gradilja, biex l-arja tidħol mill-ħofra t'isfel, tgħaddi minn bejn il-gradilja, tħeġġeġ in-nar u toħroġ minn bejn il-kantunieri jew qarnuni. Dawk l-erba' kantunieri jew qarnuni kienu qishom erba' pilastri żgħar biex iwieżnu fuqhom il-borma tat-tisjir jew l-istanjata tal-kafe'. Madwar il-qiegħ tal-kenur u ma' dwar nofsu, jew żaqqu, kienu jorbtu ċirku tal-metall biex isaħħu l-kenur.

Biex iqabbdu l-kenur, in-nisa kienu jqiegħdu ftit tiben jew xi biċtejn karti u xi erba' laqxiet tal-għowda fuqhom, imbagħad b'sulfarina kienu jixgħelu l-karti jew it-tiben, dawn jaħarqu l-laqx u tqum fjamma li tqabbad il-faħam; dan ma kienx jieħu f'daqqa iżda jdum ħafna jġammar u jikkonsma sakemm isaħħan u jsajjar dak li jkollu fuqu.

Is-sulfarini ilhom li daħlu f'Malta xi mitt sena; qabilhom in-nies kienu jixgħelu l-lixka biex minnha jqabbdu n-nar. Il-lixka kienet teħtieġ iż-żnied u l-azzar.

Il-lixka kienet qisha ftila magħmula minn ħjut tal-kotnina mibrumin flimkien wara li jgħodsuhom fis-salnitru maħlul. Iż-żnied kien ħaġar iebes qisu ħġieġ itajjar in-nar meta jinbarax jew jintlaqat bis-saħħa ma' xi ħaġa iebsa. L-azzar kien biċċa metal xi daqs xafra ta' sikkina bil-wiċċ ħarex qisu lima. Min iqabbad in-nar kien iżomm f'idu x-xellugija l-lixka u ż-żnied ħdejn it-tarf tagħha, filwaqt li b'idu l-leminija kien iħabbat bl-azzar fuq iż-żnied; ix-xrar li jtir kien biżżejjed biex iqabbad tarf il-lixka. Minn hekk ġej dak il-qawl antik: "In-nar jaqbad mix-xrar". Meta tarf il-lixka jaqbad, jekk jonfħulu bis-saħħa, kien jibda jħeġġeġ u jixgħel fjamma.

Meta jqiegħdu l-borma fuq il-kenur, in-nisa, għall-ewwel kienu jixgħelu nar bati, biex l-ikel jissajjar bil-mod u aħjar, imma meta joqrob nofs-in-nhar, kienu jibdew irewwħu bil-imriewaħ, biex ilestu kollox għall-ħin l-ikel. Ħafna nisa, biex ma joqgħodux irewwħu, kellhom id-drawwa joħorġu l-kenur bil-borma fuqu, fuq il-għatba u jdawwruh faċċata tar-riħ, biex iż-żiffa taqdi flok l-imrewħa.

Il-faħam tal-kanol kien isir mill-frieghi tas-siġar; kienu jkissruhom bċejjeċ żgħar, jiġbruhom gozz u jagħtuhom in-nar, imma ma jħalluhomx jinħarqu sal-aħħar għax meta jibdew jaqbdu sewwa, kienu jifgawhom billi jgħattuhom bil-ħamrija u hekk in-nuqqas tal-arja kien jitfi n-nar, imma l-frieghi jibqgħu fis-sħana u jikkarbonizzaw ruħhom.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (12)

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Il-ħarir, oskur, kien ta' żewġ kwalitajiet: Ħarir Franċiż, għal għenienel tas-sinjuri jew għall-okkażjonijiet speċjali; Ħarir Ottoman, u minn xi daqqiet drapp tat-tajjar, għal-għonienel tal-foqra, jew għall-użu ta' kuljum.

Mill-kartun kienu joħorġu tliet bċejjeċ tal-għonnella: il-"għatja", li kienet biċċa kartun komuni kulur safrani; il-"fursetta" magħmula minn kartun tal-iskrapar lewn ħamrani u l-"qamar" biċċa oħra maqtugħa minn kartun oħxon.

Il-"għatja" kienet biċċa kartun maqtugħa bħal bakkaljawa fuq wiesa' u isfel dejqa ħafna; it-tul tagħha kien ta' 48 pulzier; in-naħa ta' fuq kienet xi 9 pulzieri wiesa', in-naħa ta' quddiem kienet tinżel dritta, in-naħa ta' wara tinżel għalxejn, għalxejn u tidjieq tant li n-naħa ta' isfel kien ta' xi pulzier biss.

Il-"fursetta" kienet strixxa tal-kartun wiesa' xi żewġ pulzieri u kienet titwaħħal fuq il-"għatja" minn fuq s'isfel matul in-naħa dritta ta' quddiem.

Il-"qamar" kienet biċċa kartun xi 5×3 pulzieri, maqtugħa għamla ta' "qamar" imtawwal u kienu jwaħħluha fuq naħa ta' fuq wara l-"fursetta". Il-"fursetta" u l-"qamar" kienu jagħmluhom biex jirrinforzaw il-"għatja" u fl-istess ħin jirrenduha aktar adattata biex toqgħod fuq ir-ras.

Dawk it-tliet biċċiet ta' kartun kienu jwaħħluhom flimkien bil-ħajt tat-tixlil u kienu jservu bħala bażi biex ifasslu l-għonnella fuqhom, imbagħad meta jkunu mwaħħlin tajjeb, in-naħa ta' fuq tal-"għatja" kienu jxarrbuha bl-ilma biex tirtab u kif tkun ratba, kienu jilwuwha fi tliet tinjiet li jgħidulhom "swaba".

Meta l-bċejjeċ ikunu hekk lesti, il-ħajjata kienet tiksihom bl-inforra u fuq l-inforra kienu jħitu l-ħarir. Kull għonnella kienet tieħu qasba u nofs kwadri. Kienu jħitu l-ħarir xi pulzier 'l barra min-naħa dritta tal-"għatja", u matul dik l-istrixxa ħarir wiesa' pulzier, kienu jdaħħlu erba' balieni biex iżommu wieqfa u xxuxxata l-għonella.

In-naħa ta' fuq tal-qatgħa tal-ħarir kienet livell mannaħa ta' fuq tal-"għatja" fejn jispiċċaw is-"swaba", u matul dik in-naħa ta' fuq tal-ħarir kienu jħitu erba' rigi tal-ġmiegħ li kienu jġebbduhom u jistirawhom bis-saħħa u jrossuhom tant li dik in-naħa ta' fuq tal-ħarir kienet tintena u tinġabar u ssir qisha ħolqa. B'hekk il-qatgħa ħarir tal-għonnella, fuq ir-ras kienet tkun miġmugħa u miġbura qisha ħolqa u taħt kienet miftuħa qisha mant li jgħatti l-korp mill-qadd 'l fuq.

Il-kulur tal-għonnella kien dejjem oskur sewdieni, imma kien hemm għamla oħra ta' għonnella jgħidulha "ċulqana" li kellha kulur ikħal imżewwaq b'tikek bojod; ma kinetx magħmula bir-reqqa u l-finezza tal-għonnella talħarir u kienu jilbsuha l-aktar in-nisa tal-irħula speċjalment ta' Ħaż-Żabbar, u dawk li kienu jidħlu l-ibliet ibigħu l-kappar. X'uħud jaħsbu li ċ-ċulqana hi aktar antika mill-għonnella s-sewda; difatti l-Kanonku Agius de Soldanis li għex fis-seklu tmintax, igħid li fi żmienu l-għatja tar-ras tan-nisa kien għamla ta' għonnella iżda kellha kulur abjad jew lwien oħra.

## IL-BUTTAR

Is-sengħa tal-buttar hi qadima ħafna. Meta l-bniedem għaraf li mill-għeneb jista' jagħsar l-inbid, ħass il-ħtieġa li jkollu fejn iżomm dak ix-xorb ħanin li jhenni l-qalb u jferra il-moħħ, u hekk kellha bidu s-sengħa tal-buttar. Hu kien jagħmel id-dugħ jew reċipjenti għall-mili tal-inbid kif ukoll għall-prodotti tal-biedja.

Għall-inbid kien hemm btieti, panċrijiet, krietel mezzez, bramel u ġarar. It-btieti kienu ta' ħafna daqsijiet, il-panċrijiet kienu jesgħu xi 17 il-barmil, il-krietel kienu jesgħu bejn il-15 u 16 il-barmil. Il-barmil kien fih 4 ġarar.

Għall-prodotti tal-biedja kien hemm il-krietel li kienu jimlewhom bil-patata, bil-basal, bit-bittieħ u saħansitra birrummien, għax żmien ilu dawn l-aħħar żewġ frottijiet kienu jesportawhom, jew jixtruhom il-gadrajja għal fuq abbordijiet.

Il-buttara kienu jaħdmu wkoll bziezen għal ġelati u reċipjenti għall-kejl: siegħ u kejla.

Ir-reċipjenti għall-inbid kienu jsiru mill-injam tal-qastan jew tar-ruvlu, filwaqt li għal krietel tal-prodotti ta' l-art kienu jużaw injam ordinarju tal-abjad. L-injam tal-qastan kienu jlaqtuh kif jistgħu minn biċċiet ta' twavel qodma, minn bċejjeċ ta' btieti jew krietel sfaxxati; kienu jixtru wkoll mit-Tarzna l-fdal tal-qastan jew ruvlu li jibqa wara t-tiswija ta' xi bastiment. Kienu jimportaw ukoll strixxi talqastan u tar-ruvlu imma mhux wisq għax kienu jiswew ħafna. Strixxi tal-abjad kienu jsibu kemm iridu għax kienu jiġu minn barra sserrati u lesti ta' daqsijiet differenti, iżda l-biċċa l-kbira 36×4 pulzieri.

Il-btieti l-kbar aktarx kienu jiġu lesti minn Sqallija jew minn Spanja, imma xi drabi l-buttar kien ikollu l-inkarigu li jsewwihom meta tiġrilhom il-ħsara jew jinfaqgħu, u ħafna drabi wkoll il-buttar kien iżarma jew jisfaxxa btieti jew krietel qodma u żlogati, u mill-injam tagħhom joħroġ krietel iżgħar, imma s-sengħa tiegħu kienet tidher aħjar meta jaħdem opra ġdida.

Meta l-buttar jisserra l-istrixxi hu kien joqgħod attent biex jaqtagħhom tal-qies sewwa, tul u wisa. Il-qtigħ tal-istrixxi kien il-qofol tas-sengħa tal-buttar, għax l-istrixxi, l-aktar dawk għall-inbid, kienu jridu jkunu daqsxejn aktar wiesgħin fin-nofs milli fit-truf, billi l-btieti, krietel etċ. kienu mżaqqin fin-nofs, imbagħad kien jinċana l-ġnub u jxaqlibhom ħarira minn barra għal ġewwa biex jagħmel il-kument tajjeb ħalli l-istrixxi joqgħodu waħda ma' ġenb l-oħra u jagħmlu dawra tonda.

It-truf tal-istrixxi ma kenux maqtugħin ċatti, iżda kienu maqtugħin imċanfri jiġifieri mxaqilbin minn ġewwa għal barra u jispiċċaw f'xifer; dik ix-xaqliba kienu jgħidulha lixxatura. Fin-naħa ta' ġewwa tal-istrixxi xi pulzier taħt illixxatura, kienu jaqtgħu bħal xaqq jew skanalatura, igħidulha inċina, li fiha jiddaħħlu u jingastaw il-għatu u l-qiegħ talkartell. L-istrixxi ma kienux dritti iżda mżaqqin biex jagħtu għamla lill-bettija. Il-buttar kien iżaqqaqhom bis-sħana tan-nar kif naraw aktar 'l quddiem.

Wara li jipprepara l-istrixxi skond is-sengħa, l-imgħallem kien idommhom fiċ-ċirku. Dan kien wiesgħa bejn pulzier u pulzier u nofs, kien ikun tal-ħadid jew taż-żingu u xi drabi tar-ram ukoll. Ix-xifer ta' fuq kien ikun xi linja jew tnejn idjaq mix-xifer ta' taħt billi l-bettija kienet titwessa mit-truf għaż-żaqq. Iċ-ċirku kellu isem skond fejn ikun imwaħħal: iċ-ċirku ta' fuq jew tar-ras, kien jissejjaħ testar; dak taż-żaqq, panzier; u dak ta' isfel jew ta' taħt, kullett.

Il-buttar kien jibda jibni l-kartell eċċ., billi jwaqqaf strixxa fl-art u min-naħa ta' fuq idaħħalha ġewwa ċ-ċirku u jorbotha miegħu b'ħadida milwija bħal furfiċetta, igħidulha mqass, imbagħad ipoġġi strixxa oħra ma' ġenbha u jibqa' jpoġġi waħda ma' ġenb l-oħra sakemm idawwar in-naħa ta' ġewwa taċ-ċirku kollu, b'hekk jagħmel dawra strixxi waħda ma' ġenb l-oħra u miżmumin tond biċ-ċirku, u billi l-istrixxi kienu daqsxejn wiesgħin fin-nofs, it-tondjatura li jagħmlu kienet aktar titwassa aktar ma toqrob lejn in-nofs jew iżżaqq.

Meta l-istrixxi jkunu mdawrin ġewwa ċ-ċirku, il-buttar kien idaħħal il-għatu li kien tond ftit anqas miċ-ċirku; id-dawra tiegħu kienet magħmula xifer li jidħol fl-iskanalatura jew inċina, li kienet iddur in-naħa ta' ġewwa tal-istrixxi kollha.

Wara dan, il-buttar kien jibda jissikka l-istrixxi billi jimbotta 'l isfel iċ-ċirku jew testar; kien isammar fuqu biċċa għodda jgħidulha spastel u aktar ma jagħfas 'l isfel aktar l-istrixxi jissikkaw u jgħaqqdu flimkien. Ġie li flok testar wieħed, il-bettija jew il-kartell kien ikollhom tnejn jew tlieta, wieħed 'l isfel mill-ieħor.

Meta n-naħa ta' fuq tal-kartel tkun marbuta tajjeb bittestarijiet, il-buttar kien idaħħal ċirku aktar wiesgħa, ilpanzier, biex iħaddan iż-żaqq tal-bettija, u kien isammar blispastel fuq il-panzier sakemm dan jorbot u jissikka sħiħ iżżaqq tal-bettija.

Wara li jillesti n-naħa ta' fuq u ż-żaqq, buttar kien jaqleb il-bettija jew il-kartell, ta' taħt fuq biex iwaħħal il-qiegħ. Kien idaħħal ix-xifer tal-qiegħ fl-inċina, imbagħad kien iħaddan it-truf tal-istrixxi bil-kullett, u jibda jsammar u jissikkah sakemm igħaqqad tajjeb l-istrixxi flimkien u hekk jifforma l-kartell jew il-bettija.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (14)

14.

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġużè Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Fl-aħħar il-buttar kien jiftaħ toqba mnejn jimlew l-imbid. Meta r-reċipjent ikun żgħir, ngħidu aħna barmil jew ġarra, it-toqba kienet tkun fil-għatu imma mhux fiċ-ċentru, u kienet tissejjaħ "kokku"; fil-krietel u l-btieti kbar, it-toqba tkun fiż-żaqq, u jgħidulha "bokka". It-tnejn kienu jsodduhom biċċa sufra mkebba f'ċarruta ratba. X'uħud mill-buttara wara li jillestu l-btieti, krietel u dugħ ieħor għall-imbid, kienu jgħaddsuhom fl-ilma u jħalluhom ftit hemm, biex l-injam jismen u jagħlaq aktar tajjeb.

Il-krietel għall-prodotti tar-raba' ma kienux jeħtieġu xogħol raffinat, kienu magħmulin minn għowda ratba u rħisa. L-istrixxi kienu ta' l-istess għamla ta' dawk tal-krietel tal-inbid u jissikawhom sħiħ biex jorbtuhom tajjeb dawra mejt.

Meta n-naħa ta' fuq tkun lesta, kif l-istrixxi jkunu dawra weqfin, kienu jqiegħdu ġo nofshom qabda tiben u ftit ħatab u jagħtuhom in-nar. Wara ftit tal-ħin bis-sħana ta' dak in-nar iħeġġeġ ġo nofshom, l-istrixxi kienu jirtabu u kif ikunu rotob, il-buttar kien idawwar katina rqiqa jew rumnell madwar it-truf t'isfel tagħhom u jissikkahom biex jingħalqu tajjeb. Dik il-katina jew rumnell kienu jgħidulhom viti, għax it-truf tagħhom kienu jispiċċaw marbutin f'biċċa għowda qisha maqbad; il-buttar kien jobrom dak il-maqbad bħal vit u aktar ma jdawwru il-katina aktar tidjieq u tressaq lejn xulxin it-truf tal-istrixxi u trosshom flimkien sakemm jidħlu ġewwa ċ-ċirku. Filwaqt li t-truf tal-istrixxi jkunu jirtassu u jinqabdu ġewwa ċ-ċrieki ta' fuq u ta' taħt, in-nofs tal-istrixxi kif jkunu rotob bis-sħana, kien jitbewwaq u jiżżaqqaq 'l barra u jieħu l-forma.

Waqt li l-istrixxi jkunu jisħnu madwar in-nar, il-lavrant tal-buttar jew xi tifel li jkun jitgħallem is-sengħa, kien il-ħin kollu jxarrabhom bl-ilma biex ma jisħnux iż-żejjed u jinħarqu. B'dak ir-raxx tal-ilma, l-injam kien ukoll jirtab aktar malajr.

Il-għotjien u l-qigħan tal-krietel, ecc. ma kenux isiru minn biċċa njam waħda, iżda minn xi tlieta jew erba' bċejjeċ skond il-wisa', għax jekk tkun biċċa waħda tkun nieqsa mill-forza u tista' titbewwaq. Għal krietel u btieti tal-inbid kienu jagħżlu njam iebes u b'saħħtu, għal krietel tal-patata kollox kien igħodd. Il-għotjien ta' dawn il-krietel ma kienux jingastawhom fl-inċina, iżda jwaħħluhom bl-imsiemer.

Il-bziezen u l-kejl ma kienux jeħtieġu xogħol kbir billi ma kienux imżaqqin, kellhom qigħ biss u kienu miftuħin minn fuq. Imma l-kejl kien isir bir-reqqa għax l-imgħallem kien irid joqgħod attent li jagħmlu tal-qies u li jesa kemm imissu, xejn anqas u xejn iżjed. Għalhekk meta l-buttar kien jagħmel reċipjenti tal-kejl, hu kien jeħodhom taħt is-Suq tal-Belt fejn kien hemm impjegat li jittestja u jiskandalja l-kejl u jekk isibu tajjeb u sewwa kien jimbollah b'marka tal-ħadid tikwi.

## IL-BEXXIEXA

Dawk l-uċuh tat-toroq magħmulin biż-żrar kienu jittieklu malajr miċ-ċrieki tal-ħadid tar-roti tal-karettuni u karozzini li l-ħin kollu kienu għaddejjin joborxu, itertqu u jidħnu l-kisi tat-triq. Minħabba hekk kien jitnissel ħafna trab li fix-Xitwa kien jagħmel tjun u ċfales, u fis-sajf kien itir mar-riħ u jqajjem sħab ta' trabijiet.

Dak it-trab irqiq, fis-sajf kien jinkewa bix-xemx, kien jaħraq il-għajnejn u l-imnifsejn u jimla d-djar bil-għabra. Għalhekk biex jitnaqqas dak l-inkonvenjent kien hemm ħaddiema li jbixxu t-toroq, u fis-Sajf wieħed kien dlonk jiltaqa' magħhom fit-toroq tal-ibliet u tal-irħula.

Kienu jpoġġu bettija kbira mimduda fuq karettun u jorbtuha tajjeb biex ma tmilx lejn ġenb wieħed jew l-ieħor fuq ir-roti. Il-bettija kienet tilħaq sa l-aħħar delgħa taxxatba tal-karettun, fejn kellha mwaħħla magħha manka tal-kanvass twila xi qamtejn u tispiċċa f'bexxiexa taż-żingu.

Il-bexxiexa kellha ħolqa mwaħħla magħha, u ma' dik il-ħolqa kienu jorbtu ħabel irqiq twil xi tlitt iqjiem. Il-bexxiex kien iżomm f'idu dak il-ħabel mit-tarf u jxejjru lejn il-lemin u lejn ix-xellug biex ibandal il-bexxiexa min-naħa għall-oħra, filwaqt li l-karettunar kien imexxi l-bhima bil-karettun mat-toroq. B'dak it-tixjir tal-bexxiexa 'l hawn u 'l hinn, il-bexxiex kien ixarrab wiċċ it-toroq mnejn igħaddi, jiffriskahom u ma jħallix it-trab itir fis-sħana tikwi tax-xhur tas-Sajf. Il-bettija kienu jimlewha bl-ilma mill-għajn tal-ħasselin, jew mill-ġwiebi meta jinzertaw fil-qrib, inkella mill-kanni tal-Gvern.

## IL-BALLATA

Daż-żmien meta jibnu d-djar, is-soqfa jagħmluhom tas-siment konkrit, jew jiksuhom bil-madum jew b'xi sustanza taż-żift jew qatran, biex ma joqtrux waqt ix-xita, imma dari x-xorok tas-soqfa kienu jgħattuhom bit-torba u jiksuhom bid-deffun.

Id-deffun kien magħmul minn frak tal-fuħħar u taċ-ċaqquf. Kien hawn ħafna xerrejja li jduru fl-ibliet u fl-irħula jiġbru borom u twaġen u qnanet u ġarar u katusi mkissrin jew mixquqin, imbagħad jeħduhom id-dar u bl-mrietel, itertquhom u jfarrkuhom f'laqx irqiq u jagħmluhom deffun.

Id-deffun kienu jħalltuh mal-pozzolana jew ġir iswed, jagħġnuh bl-ilma u jifirxuh fuq it-torba tal-bejt fejn kien jagħqad u jsir iebes ħafna u ma jħallix l-ilma igħaddi minnu. Iżda biex id-deffun isir iebes tajjeb u ma jintrafagħx jew jixxaqqaq, kien jeħtieġ li jkun imballat sewwa, u għal dan ix-xogħol kienu jindaħlu nisa msejħin ballata. Kellhom il-marżebba, biċċa għuda qisha kazzola bil-maqbad u bil-qiegħ ċatt u biha kienu jagħtu daqqiet jew iballtu fuq id-deffun kif ikun għadu artab u maħlul. B'dawk id-daqqiet, id-deffun kien jitballat, jirtass u jagħqad u jsir kisja waħda.

Fuq il-bjut ġodda, xi ħamsin sena ilu, wieħed kien jara xi ħames jew sitt nisa bil-qiegħda fuq riġjelhom imsallbin, iħabbtu u jagħtu daqqiet bil-marżebba. Kienu jibdew minn tarf u jibqgħu sejrin sakemm iballtu l-bejt kollu. Kultant xi waħda mill-ballata kienet tqum u tmur troxx bl-ilma fuq id-deffun imballat biex ma jixxottax malajr u jixxaqqaq.

Dawk in-nisa kienu jdumu l-jum kollu fuq il-bjut, kienu jilbsu kpiepel tat-trizza biex igħattu rashom mix-xemx taħraq u l-ħin kollu jħarrfu jew iqasstu fuq in-nies; kultant kienu jaqbdu jgħannu u l-kisra tal-għanja tagħhom kienu jqabbluha mar-ritmu tat-tħabbit u tat-tballit tagħhom hekk li kienu joħolqu bħal sinfonija: is-sinfonija tal-ballata!

## STATWI U FIGURINI

Il-biċċa l-kbira tal-ġibs li jsir f'Malta kienu jixtruh l-istatwarji jew dawk li jagħmlu l-istatwi jew il-figurini tal-ġibs għax fl-imgħoddi ma kontx tidħol f'dar, jew f'każin jew f'uffiċċju li ma ssibhomx imżejnin b'ħafna statwi jew ornamenti tal-ġibs.

I-istatwarji kienu jibdew biex jagħmlu forma tal-persuna, tal-bust, tal-wiċċ jew ta' oġġetti oħra li jkunu jixtiequ jsawwru. Il-forma kienet issir billi l-imgħallem kien jidlek biż-żejt tal-kittien l-oġġett li jixtieq jirriproduċi, imbagħad kien jgħaddsu fuq ċappa tafal u hekk l-oġġett iħalli x-xbieha tiegħu mħaffra fit-tafal. Jekk it-tafal ikun miksi b'saff ta' xi tliet pulzieri ġibs maħlul, ix-xbieha tal-oġġett tissawwar fil-ġibs li meta jgħaqad tajjeb isir il-forma tal-oġġett.

Hekk l-istatwarju kien jista' jħejji żewġ forom: waħda tat-tafal, l-oħra tal-ġibs. Dik tat-tafal kienet isservi biex minnha joħorġu figuri ta' frottijiet, ward u disenji żgħar; il-forma tal-ġibs kienet isservi biex jirriproduċu korpi, busti jew uċuħ ta' persunaġġi jew statwi.

L-imgħallem ma kienx jagħmel il-forma tal-istatwi jew tal-oġġetti, sħaħ jew f'biċċa waħda, imma l-ewwel kien jgħaddas fit-tafal jew fil-ġibs, in-naħa ta' quddiem tal-oġġett li jrid jirriproduċi, imbagħad kien jgħaddas in-naħa ta' wara; hekk ikollu żewġ forom, waħda tirrappreżenta 'l quddiem, l-oħra l-warrani tal-oġġett jew tal-istatwa.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (14)

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Meta l-forom ikunu lesti, l-istatwarju jibda joħroġ minnhom l-istatwi jew l-oġġetti li huma jirriproduċu. L-ewwel ħaġa, hu kien jidlek il-forom minn ġewwa bix-xaħam imdewweb biex il-ġibs maħlul ma jeħelx magħhom, imbagħad kien isawweb il-ġibs maħlul fil-forma u fl-istess ħin kien iċaqlaqha 'l hinn u'l hawn biex il-ġibs jixtered u jiksi l-ġewwieni tal-forma kollha u hekk meta jgħaqad jieħu s-sura perfetta tax-xbiha mħaffra fil-forma.

Wara li l-ġibs jgħaqad, l-imgħallem jaqla' l-kisja tal-ġibs mill-forma, u dik il-kisja tirriproduċi n-naħa ta' quddiem jew ta' wara tal-istatwa jew oġġett li jkun. L-istatwarju mbagħad kien iwaħħal u jgħaqqad bil-ġibs iż-żewġ naħiet u hekk isawwar statwa jew oġġett sħiħ. Wara dan kulma jkun jonqos daqsxejn ta' lixxatura jew tirqima żgħira u l-istatwa toħroġ lesta u sabiħa biex iżżejjen fejn tkun.

Dari dawk l-istatwi u l-ornamenti tal-ġibs kienu mfittxin wisq bħala tiżjin. Wieħed ma kienx jidħol f'banka ta' nutar jew f'uffiċċju ta' avukat u ma jarax fuq vetrini talkotba busti tal-ġibs li jirrappreżentaw il-Dante jew l-Ariosto. It-tobba kellhom il-bust ta' Mattew Callus iżżejjen il-klinika tagħhom; fl-uffiċċji tal-Gvern kienu jqiegħdu l-bust tar-Reġina Vittorja jew tar-Re Dwardu. Fid-djar imbagħad kien ikun hemm ruxxmata ornamenti tal-ġibs jirrappreżentaw frott u fjuri u disenji fil-kamra tal-ikel; fl-intrata kienu jpoġġu fuq kolonni tal-ġibs żewġ statwi ta' nisa Griegi klassiċi, fis-sala kienu jżommu statwa ta' Napuljun b'idu mdaħħla fis-sidrija qisu qiegħed jara u jisma x'jagħmlu u x'igħidu l-mistednin!

Billi dawk l-oġġetti tal-ġibs ma kenux ta' saħħa, ħafna drabi kienu jitkissru malli xi seftura tolqothom waqt ittfarfir, jew kienu jsiru frak jekk jaqgħu fl-art. għalhekk kien hawn kummerċ kbir tagħhom. Kienu joħorġu jbigħuhom fuq il-karettuni tal-ħmar, imma l-aktar bejjiegħ magħruf kien dak li kien idur fl-ibliet u fl-irħula b'lasta twila b'ħafna ganċijiet imwaħħlin magħha u ma kull ganċ kien hemm imdendlin bukketti ta' fjuri, frottijiet, għasafar, vażetti, uċuħ ta' qaddisin, busti ta' renjanti kollha tal-ġibs u fuqnett xi statwa ta' Napuljun jew xi *akwarja* (mara bilbomblu tal-ilma) mdendlin minn għonqhom! Dak il-bejjiegħ kien jarfa' fuq spalltu dik il-lasta artistika, idur mat-toroq u l-ħin kollu jgħajjat: "Figurini belli! Figurini belli!"

## L-"IRĠIEL TAL-KUMMISSARJU"

Fil-bidu tas-seklu li għadda fih kien hawn ħafna riġmenti f'Malta. Il-kwartieri u l-fortizzi li kienu mxerrdin ma' Malta u Għawdex, kienu kollha mimlijin bis-suldati li kienu jeħtieġu provvisti ta' munizzjoni u proviżjon. Għal dan ix-xogħol kien hawn id-Dipratiment Militari tal-Kummissarjat li llum ħa postu ir-"Royal Army Service Corps".

Il-Kummissarjat jew "Il-Kummissarju" kellu ħafna rġiel impjegati miegħu bħala karettunari jew burdnari jew "Mulattieri"; ix-xogħol tagħhom kien li jġorru provviżjon u munizzjon u ħwejjeġ oħra mill-imħażen għall-kwartieri jew għall-fortizzi, jew minn kwartier għall-ieħor, jew minn fortizza għal oħra. Dawk l-irġiel kienu taħt it-treġija tal-Militar; kellhom speċi ta' uniformi: qalziet u ġakketta talkotnina li mbagħad bdew isiru tal-khaki. Kellhom beritta ravjula bid-dendula u kienu jilbsu qorq flok żarbun.

Il-"Kummissarju" kellu l-bhejjem, żwiemel u bgħula, u l-karettuni għax-xogħol tal-ġarr. Il-karettuni kienu kollha miżbugħin xorta waħda, kulur griż, u kellhom marka ta' Sieq it-Tiġieġa fuq kull lasta. Dik il-marka (li kienet tfisser proprjeta' tal-Militar) kienet tkun ukoll fuq ix-xedd talbhejjem u fuq il-kaxxi li jġorru l-affarijiet fihom, kif ukoll fuq li-gvieret li jgħattu t-tagħbijiet bihom.

Il-kwartier tal-karettunari kien fuq ix-xellug malli wieħed joħroġ minn Port Irjal, fejn illum jieqfu l-karozzi ta' Tas-Sliema. F'dak iż-żmien kien hemm foss li jibqa' sejjer sa taħt is-sur u jispiċċa fejn illum itellgħu l-Lotterija Nazzjonali.

F'dak il-kwartier tal-Kummissarjat kien hemm kmamar u dormitorji għall-irġiel, għax dawn kienu jorqdu hemm meta jmisshom, kien hemm ukoll remissi għall-karettuni u stalel għall-bhejjem. Meta wieħed joħroġ minn Port Irjali kien jilmaħ ħafna minn dawk l-"Irġiel tal-Kummissarju" jaħslu l-karettuni jew jagħtu ż-żejt lil fusien, jew jistriljaw iż-żwiemel jew inieghħeluhom. Madwar il-kwartier, fil-foss kien hemm ukoll ħafna ħmiemel bix-xitel tal-ward jew bil-ħaxix ta' l-ikel, li kienu jieħdu ħsiebhom l-irġiel filħin liberu tagħhom u kienu jżejnu lill-post.

## DAK LI JIMLA' S-SIĠĠIJIET

Fil-knejjes ta' Malta hawn eluf ta' siġġijiet tas-soda, igħidulhom hekk għax il-maqgħad tagħhom hu tas-soda; din hi magħmula minn strixxi ta' weraq twil li meta jkunu midmumin u mibrumin flimkien jagħmlu bħal irqiq jew lenza li jgħidulha soda.

Bl-użu ħafna drabi s-soda tas-siġġijiet titqatta' jew tinħal u allura biex is-siġġu ma jintremix, jeħtieġ li xi ħadd iġedded dik is-soda. Dak ix-xogħol jgħidulu mili tas-siġġijiet.

Is-soda kienet tiġi minn Sqallija mibruma lesta għalkemm idommuha fis-siġġijiet. Kienet timbiegħ bl-użin: nofs qantar għaxar skudi; imma b'nofs qantar wieħed tas-sengħa kien jimla xi mitejn siġġu, u jitħallas seba' soldi l-wieħed.

Il-maqgħad tas-soda kien jinfirex bejn l-erbat ixkla ta' fuq tas-siġġu u jimtrabat magħhom. L-imgħallem kien jibda mix-xikel ta' wara ma ġemb is-sieq il-leminija billi jieħu biċċa soda jitniha fi tnejn, idawwarhom max-xikel u jgħaddi ż-żewġt itruf minn ġewwa t-tinja, b'hekk ikollu f'idejh żewġ lenez tas-soda, dawn jobromhom darbtejn max-xikel ta' wara imbagħad igħaddihom minn fuq, għax-xikel ta' quddiem (medda dritta ta' fuq) u hemm jagħtihom żewġ barmiet lejn is-sieq leminija ta' quddiem, pariġġ iż-żewġ barmiet li jkun dawwar max-xikel ta' wara, imbagħad minn ma ġemb is-sieq ta' quddiem l-imgħallem igħaddi ż-żewġ sodiet minn taħt lejn ix-xellug għax-xkiel ta' wara (medda dritta ta' taħt), jobromhom max-xellug tal-medda dritta ta' fuq u jgħaddihom ma' ġemb din għax-xikel ta' quddiem, hemm jobrom is-soda xi darbtejn jew tlieta lejn ix-xellug, imbagħad jarġa jgħaddiha minn taħt (medda oħra dritta ta' taħt) għal-lemin ma' ġemb l-medda dritta ta' qabel u jobromha darbtejn max-xikel ta' wara, u jibqa sejjer hekk jobrom u jmedd bejn ix-xkiel ta' wara u ta' quddiem sa kemm igħattihom kollha.

Meta x-xikel ta' quddiem u dak ta' wara jkunu ndaqs, in-numru tal-barmiet tas-soda maż-żewġt ixkiel ikun indaqs, iżda meta x-xikel ta' quddiem ikun itwal minn dak ta' wara (hawn siġġijiet li jitwessgħu minn quddiem) allura n-numru tal-barmiet max-xikel ta' quddiem ikun akbar minn dak ta' wara; għal kull żewġ barmiet wara jsiru tliet barmiet quddiem, u hekk il-meddiet id-dritti ma jmorrux travers, l-ispazju ta' bejniethom jibqa' ndaqs. Meta l-biċċa tas-soda tispiċċa l-imgħallem kien jorbot magħha biċċa oħra u jwaħħalhom b'għoqda sħiħa (Reef knot).

Wara li jrlesti s-sodda mal-ixkla ta 'quddiem u ta' wara, l-imgħallem kien igħaddi għall-ixkla tal-ġnub, u kien jaħdem bl-istess manjera billi jdawwar bamiet mal-ixkla u jistira meddiet dritti minn ġenb għall-ieħor, iżda l-barmiet kienu ndaqs fiż-żewġ naħiet, żewġ barmiet biss, għax iddaqs tal-ixkla tal-ġenb hu dejjem l-istess.

L-imgħallem kien idomm il-meddiet tal-ġnub ma' l-oħrajn stirati minn quddiem għal wara, billi jsallabhom u jgħaddihom minn fuq għal taħt waħda ma' l-oħra. B'hekk il-maqgħad tas-siġġu kien jintiseġ u jissikka tajjeb u jieħu dik il-għamla ta' kwadretti żgħar.

Barra s-siġġijiet tas-soda kien hawn dawk li jgħidulhom "tal-kanna d'India", għax il-maqgħad tagħhom flok missoda kien magħmul mill-kanna d'India. Din hija strixxa rqiqa bħal spaga magħmula mill-qasba tal-kanna d'India.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (16)

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

L-imgħallem jibda biex jaqta l-istrixxi jew fili tal-kanna d'India tal-qies adattat għal maqgħad tas-siġġu jew tal-kannape li jkun se jimla, imma mbagħad hu ma jobromx il-fili tal-kanna d'India mal-ixkla bħalma jagħmel bis-soda, iżda jħaffer toqba waħda pulzier bogħod mill-oħra, fin-naħa ta' fuq tal-erbat ixkla tas-siġġu. Hu jibda mix-xikel ta' wara u l-ieħor tal-lemin, f'kull toqba kien idaħħal it-truf ta' xi erba' fili tal-kanna d'India, imbagħad ideffes u jsammar feles f'kull toqba biex il-fili jibqgħu mwaħħlin sħiħ ġewwa fiha. Wara li jagħmel hekk, l-imgħallem kien jaqbad it-truf liberi ta-kanna d'India, jissikahom, jistirhom, jinsiġhom bejniethom billi jgħaddihom daqqa minn fuq u daqqa minn taħt xulxin u mbagħad iwaħħalhom tajjeb f'toqob fix-xikel ta' quddiem u fl-ieħor tax-xellug u jingastahom bl-ifilsa. B' din il-manjera l-maqgħad tas-siġġu kien isir minn fili tal-kanna d'India minsuġin flimkien u mwaħħlin sħaħ ma' l-erbat ixkla tas-siġġu.

Is-sengħa ta' dawk li jimlew is-siġġijiet marret lura u daż-żmien qajla ssib minn għadu jaf jaħdimha, imma qabel ma daħlu f'Malta s-siġġijiet moderni, kien hawn ħafna mgħallmin igħixu minnha, x'uħud kellhom il-ħanut fejn kienu jsibu xogħol ħafna lavranti.

## TAĊ-ĊIPPITATU

Hawn ħafna nies li jgħixu bit-tqanċiċ fosthom dak taċ-ċippitatu li kien igħaġġaħ kif jista' bit-tlietiet u s-sittiet li jaqla mit-tidwir taċ-ċippatatu; dan kien magħmul minn biċċa għuda xi daqs ġewża, il-wiċċ ta' fuq kien maqtugħ ċatt u isfel kienet tidjieq u tispiċċa f'punta jew pezz li fuqu kienet iddur, il-ġnub kienu maqtugħin fi tmien naħiet jew faċċati, kull waħda fiha numru, mill-1 sat-8; f'nofs il-wiċċ ta' fuq kienu jwaħħlu maqbad daqs nofs sulfarina biex wieħed jobormu bejn subgħajh u jdawwar iċ-ċippitatu.

Dak taċ-ċippitatu kien idawwar matul is-sena kollha, imma l-iktar li kellu xogħol għal ħabta tal-Milied u tal-Għid. Kien idur mat-toroq iżomm fuq ġenbu tilar b'xi sitt figolli jew qagħaq tal-għasel u jgħajjat il-ħin kollu: "Min idawwar! Min idawwar!"

It-tfal, u l-kbar ukoll, irġiel u nisa, kienu jħallsu tliet ħabbiet biex jagħtu dawra waħda liċ-ċippitatu, imma b'sitt ħabbiet kienu jistgħu jdawwruh tliet darbiet. Dawk li jilgħabu kienu jagħżlu numru mit-tmienja ta' fuq il-faċċati u jgħajjtuh ħalli jisimgħuhom dawk li jkunu jħarsu, imbagħad kienu jaqbdu l-maqbad bejn subgħajhom il-kbir u l-werrej, jagħtuh barma qawwija u jitilqu ċ-ċippitatu jdur fuq il-prezz fl-art. Wara ftit dawriet iċ-ċippitatu kien jaqa' la ġemba, u jekk fil-faċċata ta' fuq jinzerta n-numru ta' dak li jkun jilgħab, hu kien jerbaħ: figolla jew qagħqa bi tliet ħabbiet.

Il-qliegħ ta' dak taċ-ċippitatu kien jiddependi mix-xorti; ġie li dam tliet ijiem idur mar-raħal l-ħin kollu jdaħħal it-tlietiet u s-sittiet bla ma ħadd jirbaħlu figolla, imma wkoll ġie li tilef kulma kellu fit-tilar wara tużżana dawriet taċ-ċippitatu. Hekk sejra d-dinja rota, daqqa minn fuq u daqqa minn taħt: Imma biex igħin ir-rota, dak taċ-ċippitatu kull dawra kien jilgħabha ma wieħed biss u fuq numru wieħed, ħalli x-xorti kontra tiegħu tkun ta' mhux iżjed minn wieħed fi tmienja.

## FINTUSI U SANGWISUGI

Fl-imgħoddi xi tobba kellhom id-drawwa li jinqdew bil-fintusi u bis-sangwisugi bħala rimedji biex inaqqsu l-konġestjoni tad-demm u jserrħu l-marid. Fl-isptar antik ta' żmien il-Kavalieri din il-kura kienet mill-aktar magħrufa u wżata.

Meta jagħmlu fintusa kienu jixgħelu xemgħa żgħira u jqiegħdu fuq il-ġilda tal-marid fejn igħidilhom it-tabib, imbagħad kienu jgħattu dik ix-xemgħa b'tazza maqluba wiċċha 'l isfel. Il-fjamma tax-xemgħa kienet tikkonsma l-ossiġenu ta' l-arja u tħalli vacuum ġewwa t-tazza. Minħabba dak il-vacuum, it-tazza kienet teħel fuq il-ġilda u din kienet tinġibed bil-qawwa u ċċaqlaq id-demm ta' taħtha.

Qabel ma jwaħħlu s-sangwisug, kienu jniggżu l-ġilda tal-marid fejn igħidilhom it-tabib, u malli titfaċċa qatra demm fuq it-tingiża kienu jqiegħdu sangwisug fuqha, u dan kien jibda jarda d-demm u kien tant jiġbed li jimtela u jsir qisu milwa zalzett mimlija demm.

Il-fintusi kienu jagħmluhom in-nies tad-dar, qraba tal-marid, imma kien hawn ukol x'uħud li jdabbru xi sold billi jagħmlu l-fintusi jew iwaħħlu s-sangwisugi, kienu jkunu aktarx il-qabla jew il-barbier tar-raħal. Kien hemm ukoll dawk li jinnegozjaw fis-sangwisugi. Kienu jżommuhom ġewwa nħajjes jew mastell mimlijin bl-ilma ħelu bil-ħama u bċejjeċ tat-tafal, u kienu jbigħuhom biż-żewġ jew bit-tużżana ġewwa fliexken tal-pikels.

Is-sangwisugi kienu jġibuhom mill-Afrika ta' Fuq, l-aktar minn Tuneż mnejn kienu jimportaw ħafna barrin; kienu jsibu bosta sangwisugi fl-ilma li jixorbu minnu l-barrin, imma l-biċċa l-kbira tas-sangwisugi kienu jġibuhom il-padruni ta' l-iskejjen mal-merkanzija. Fi djalogu bejn żewġ padruni, miktub minn Annibale Preca, naqraw dwar il-kummerċ tas-sangwisugi li kien isir xi mitt sena ilu:—

"Meta wasalt ?"
"Dħalt dal-għodu fis-sebħ"
"Mnejn ġej ?"
"Minn Kala-Franza"
.......................................
"Is-Sangwisugi ta' Kala-Franza dejjem jitfittxu: mhux li ġibt ħafna !"
"Mela jien ma ġibtx tliet mastelli ?"
"Xrajthom mill-idejn ?"
"Ħallik mill-idejn ! Sibt Għarbi ma' xatt ix-xmara, lgħabtlu dawk il-ftit franki, u erħilu jniżżel sieqú fil-ħama u illegħha miżgħuda bil-għelqiet".*

## DAWK LI JKISSRU Ż-ŻRAR

Il-lum wiċċ it-toroq qiegħed jinkesa b'taħlitiet ta' asfalt, laqx taż-żonqor u trab tal-metal. Dawn it-taħlitiet jagħmlu saff iebes, lixx u nadif li jiflaħ għat-traffiku tqil li jgħaddi minn fuqu. Dan il-metodu beda jintuża fl-1930 u l-ewwel ipprovawh il-Marsa billi ksew medda mit-triq quddiem il-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, mnejn igħaddi traffiku kbir. Dak il-kisi ġdid irnexxa, u l-lum ftit baqa' toroq bla wiċċ asfaltat.

Qabel ma daħal dan il-metodu ġdid, kienu jinqdew bis-sistema Macadam biex jiksu wiċċ it-toroq. Dan kien jikkonsisti filli jagħżqu bil-baqqun wiċċ it-triq, jifirxu fuqu staff żrar tal-ġebel qawwi, irossuh bil-magna tar-romblu, imbagħad ibixxuh bl-ilma, ixerrdu fuqu trab u frak tal-qawwi, jerġgħu jbixxuh u jagħffġuh bil-magna biex jagħmluh lixx u sħiħ.

Biex ikollhom iż-żrar, l-ewwel kienu jaqtgħu l-blat tal-qawwi bil-fornelli, imbagħad kienu jkissruh bċejjeċ u u jagħmluh żrar. Wieħed kien jara qtajja ta' xi għaxar ħaddiema jew iżjed bil-qiegħda fuq ħaġra, bil-mazza f'idhom iħabbtu u jkissru fuq il-ġebel tal-qawwi u jfarrkuh u jagħmluh żrar.

Iż-żrar kien ta' ċertu daqs: mhux akbar minn ponn ta' id, għax jekk ikun kbir, il-Perit tat-Toroq ma kienx igħaddih, billi ż-żrar kbir ma jorbotx u ma jogħqodx tajjeb f'wiċċ it-triq. Fis-sajf dawk li jkissru kienu joqogħdu wara biċċa xoqqa bajda qisha liżar miftuħ imdendel ma lasta marbuta m'arblu, biex jilqagħlhom ix-xemx.

Wara li jitkisser, iż-żrar kienu jġorruh u jqiegħduh fil-każelli, dawn kienu rkejjen żgħar magħluqin b'ħajt xi tliet piedi għoli. Kien hemm każelli mxerrdin 'l hemm u 'l hawn f'Malta kollha, dejjem mimlijin biż-żrar biex meta l-mgħallmin isewwu t-toroq, kienu jsibu żrar kemm iridu fil-qrib.

* "Qalbiena Għall-Baħar" ta' Annibale Preca. "Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien", Nru. 3, 1900.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (17)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

## KATALETTI U BEKKAMORTI

Fl-imgħoddi, qabel ma ġew l-ambulanzi f'Malta, il-morda li jistgħu jħalsu kienu jmorru fl-isptar fil-kaless, fil-karozzin jew fuq il-karrettun tal-molol, imma lil fqar kienu jeħduhom fil-katalett, u dawn sa kemm jaslu kienu jbatu tant li minnhom tnisslet il-għanja ta' min jixtieq id-deni lil għajru:

Il-katalett kien magħmul minn "Stretcher'" mdendel bejn żewġ lasti mindudin fuq żewġ molol weqfin fuq fus li kien jidħol f'żewġ roti daqs ta' karozzin. Iċ-ċirku tar-roti kien miksi bil-lastku biex inaqqas l-iskossi. Quddiem ir-roti kienu jddendlu żewġ forċini biex meta jieqaf, il-katalett ma jinqalibx 'l quddiem jew lura, iżda jibqa' orizzontali. Ma' waħda mill-lasti kienu jdendlu fanal biex bil-lejl jaraw mnejn igħaddu.

Fuq iż-żewġ lasti kienu jpoġġu tinda bis-saqaf nofs tond u bil-ġnub vertikali xi żewġ piedi għoljin. Quddiem u wara, it-tinda kienet tinagħlaq b'żewġ purtieri biex minnhom jagħtu daqqa t'għajn lill-marid.

Fuq l-"istretcher" kienu jifirxu xi żewġ kvieret u fuqhom ipoġġu l-marid qabel jeħduh fl-isptar.

F'kull belt jew raħal kien ikun hemm xi tnejn min-nies li jindaħlu biex iġorru l-morda għall-isptar: kien ikun raġel b'saħtu li ma jaqta qalbu minn xejn, aktarx kien ikun is-sakristan jew il-barbier, u kien hemm wkoll xi mara minn dawk li jħobbu jindaħlu f'kollox, bħal qabla jew il-midilka.

Ir-raġel kien jimbotta l-katalett u l-mara kienet tmur miegħu biex tieħu ħsieb il-marid jew marida sa kemm jaslu fl-isptar. Ħafna drabi il-qraba tal-marid kienu jmorru jakkumpanjaw wkoll. Meta jitilqu minn raħal qrib l-isptar, il-katalett ma kienx jieħu żmien wisq biex jasal, imma xi drabi kienu jġorru marid minn irħula fil-bogħod, bħal Mellieħa, u allura kienu jdumu sejrin ħafna; ġie li telqgħu fil-għodu mas-sebħ u waslu l-isptar wara nofs in-nhar; u bejn iċ-ċapliċ u l-qbiż tal-katalett fuq it-toroq kollha ħotob, u bejn id-debulizza tal-marid, dan kien jasal fl-isptar għaxi u ħafna drabi fl-aħħar ta' ħajtu. Għalhekk x'uħud mill-morda kienu jippreferixxu li jibqgħu d-dar biex jeħilsu minn dik il-battikata sa kemm jaslu fl-isptar.

Ir-raġel tal-katalett u l-mara li jkollu takkompanjah, biż-żmien kienu jakkwistaw prattika fix-xogħol tagħhom, kienu jidraw iqandlu l-marid u jikkonfortawh mill-aħjar li jistgħu. Il-mara qabel jitilqu kienet tħejji flixkun tal-ġnibru minn dawk li jgħidulhom flixkun tal-ħaġra, mkebbeb f'biċċa tas-suf biex jibqa' sħun, u timlieh bl-ilma mgħolli b'lumija u b'werqtejn tar-rand, miżjud bil-brandy. Huma u sejrin, dik il-mara kienet kultant tagħti belgħa minn dak il-flixkun bħala komfort lill-marid, u fl-istess ħin hi u r-raġel tal-katalett kienu jbillu griżmejhom huma wkoll; u l-qraba tal-marid ma kienux jibqgħu b'xejn.

Meta jkunu jġorru xi omm biex tispiċċa fl-isptar, dik il-mara tal-katalett kienet taħseb biex tieħu magħha kunjett mimli bl-ilma pur biex jekk it-tarbija titwieled huma u sejrin, tgħammidha malajr, jekk ikun jeħtieġ.

Wara li jwasslu l-marid fl-isptar, ir-raġel u l-mara tal-katalett kienu jirritornaw fir-raħal u jmorru jagħtu l-aħbarijiet lil familja tal-marid u jgħidulha li wasal bis-sliema, u kemm ħadu kura tiegħu sa kemm ħallewh fi ħsieb it-tabib tal-isptar, u jittamaw li ma jdumx ma jarawh imfejjaq u qawwi sħiħ. Hekk il-familja tal-marid kienu jħallsu aktar bil-qalb lil dawk iż-żewġ erwieħ twajba: skud lir-raġel u disgħa rbagħajja lill-mara.

Il-katalett kienu jżommuh fil-għassa tal-Pulizija, fejn kienu hemm wkoll katalett ieħor, il-katalett tal-mejtin. Dan kien magħmul minn "stretcher" wieqaf fuq erba' strippi u kienu jużawh biex iġorr fuqu l-mejtin għall-mortworju tal-isptar. Meta xi ħadd kien imut għal għarrieda, jew meta kienu jsibu xi mejjet x'imkien, il-Pulizija kienu jibgħatuh fil-mortworju għall-awtopsja, imma ma kienux jeħduh huma; kienu jqabbdu żewġt irġiel bulijiet li jindaħlu għal kollox u jagħtuhom xi żewġ skudi.

Dawk l-irġiel kienu jpoġġu l-kadavru fuq l-"istretcher" u igħattuh 'biċċa kutra jew kanavazz, imbagħad kienu jdaħħlu ċinga fiż-żewġt itruf ta' quddiem ta' l-"istretcher" u ċinga oħra fiż-żewġt itruf ta' wara, jerfgħu ċ-ċineg fuq spallejhom wieħed quddiem u l-ieħor wara, u jitilqu b'pass imħarrek lejn il-mortwarju. Meta t-triq tkun twila kultant kienu jserrħu billi jieqfu u joħorġu minn taħt iċ-ċineġ u jħallu l-"istretcher" wieqaf fuq l-istrippi, u wara li jitmattru ftit, ilegilgu belgħatejn whisky minn kunjett li jkollhom merfugħ ħdejn il-kadavru!

Fi żmien il-pesta kien hawn ħafna bekkamorti biex iwasslu lil morda fl-isptar jew biex iġorru l-mejtin għad-difna. Kienu jilbsu qalziet tal-inċirata twil sa għarqubhom li jgħattilhom iż-żarbun u ġakketta tal-inċirata wkoll. Ħafna drabi kienu jgħattu rashom 'barnus jew jgħattu mnifsejhom b'maktur biex jeħilsu mit-tniġġis u mill-imtejjen Ħafna minn dawk in-nies ma kienux jindaħlu għax-xogħol minn rajhom u anqas bħala opra ta' karità. Awtur Malti kiteb fuqhom dan li ġej:

> "Dan (il-karru tal-mejtin) kien magħmul minn kaxxa kbira fuq erba' roti, quddiem kellu lasta mwaħħla mal-kaxxa u f'tarf il-lasta kien hemm id-dalgħa jew traversa, msammra għamla ta' salib. Qabda manigoldi kienu jiġbdu l-lasta jew id-dalgħa u jkarkru l-kaxxa mat-toroq tar-raħal; kienu jdoqqu qanpiena biex min ikollu l-mejtin fid-dar jiftaħ il-bieb filwaqt li l-bakkamorti kienu jiġbru l-mejtin mid-djar u jwaddbuhom fil-kaxxa ġisem fuq ieħor, sakemm jimlew il-karru, u l-ħin kollu dawk in-nies bla qalb kienu jiżżuffjettaw, igħidu kliem faħxi u jinbxu lil kulmin jiltaqgħu miegħu.
>
> Meta jimlew il-karru sa fuq, dawk il-karfa kienu jġebbduh u jimbuttawh għaċ-ċimiterju ......... Huma u sejrin b'dik it-tagħbija li tkexkex, dawk il-għafiered kienu jgerfxu u jqallbu l-iġsma tal-mejtin biex jaraw isibux xi domna, xi ċurkett jew xi ħaġa oħra x'jisirqu; kienu jqandlu l-karru biex iġerruh bil-ħeffa u saħansitra kienu jimteddu fuq il-gozz tal-mejtin biex jistrieħu !"

Barra l-karru jew il-kaxxa tal-mejtin, kien hemm ukoll il-kataletti biex iġorru l-morda għall-isptar. Dak il-katalett kien qisu sodda fuq erba' roti u r-reffiegħa kienu jimbuttawh u jġerruh bejn id-djar u l-isptar, imma dawk l-irġiel tal-katalett kienu ta' qalb xierfa xejn anqas minn dawk tal-kaxxa tal-mejtin.

## PASTURI TAL-PRESEPJU

Meta konna żgħar, konna nibdew fix-xahar ta' Novembru niġbru l-gargazza u nixtru l-pasturi għall-presepju tal-Milied.

Il-gargazza kienet il-fdal tal-faħam li jaħarqu taħt il-*"boilers"* tal-magni li jaħdmu bl-istim. Kienu bċejjeċ żgħar daqs xiber jew anqas, u kienu kollha toqob u għoqod qishom bċejjeċ tal-blat. Konna nsibuhom wara l-ħajt ta' xi *"Pumping Station"* jew fil-widien, fejn kien jintrema dak l-iskart. Dawk il-bċejjeċ tal-gargazza kienu joqgħodu tajjeb bħala blat fil-presepju, u konna nibnu bihom għerien u ħitan.

Il-pasturi kienu jsiru mit-tafal. Il-lum ftit hawn min jagħmilhom, imma dari kien hawn nies li s-sengħa tagħhom kienet li jagħmlu dawk il-pasturi għall-presepju tat-tfal. Wara l-ewwel xita ta' Settembru meta t-tafal jirtab u ma jibqax imqarqaċ, dawk li jaħdmu l-pasturi kienu jmorru b'xi ħmar u karettun lejn it-Taflija u l-għoljiet oħra tal-Punent tal-Gżira fejn isibu xi roqgħa tafal u jaqtgħu minnha u jimlew ftit xkejjer. Kienu jaraw sewwa mnejn jiġbru t-tafal għax mhux it-tafal kollu xorta waħda: aktar ma jkun tafal ta' lewn irmiedi u mżelleġ, aktar ikun tajjeb biex isiru l-pasturi minnu.

Imbagħad kienu jqiegħdu dak it-tafal f'inħajjes jew ħwat kbar, iħalluh jixxarrab u wara kienu jagħffġuh bil-lasti ta' l-injam ħoxnin u meta jgħaġnuh tajjeb, ikun lest biex jimla l-forom.

Il-forom kienu tal-ġibs jew tal-metall u kull forma kellha għamla ta' pasturi differenti; ngħidu aħna r-ragħaj, ir-rieqed, il-għannej, ix-xrik, il-bidwi, San Ġużepp, il-Madonna u bosta oħrajn. Kien hemm wkoll forom ta' għamla tal-annimali: baqra, nagħġa, ħmara, ġemel.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (18)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

L-imgħallem kien ixarrab dawk il-forom minn ġewwa bl-ilma, u mbagħad kien iross it-tafal ġewwa fihom u jimlihom tajjeb. Hekk kienu joħorġu l-pasturi tat-tafal, kull wieħed daqs erbat iswaba jew ftit ogħla.

Wara li jieħdu l-forma, l-imgħallem kien ipoġġi dawk il-pasturi fuq xkaffa u jħallihom jinxfu taħt is-saqaf; ma kienx jesponihom għax-xemx għax allura kienu jinxfu wisq u jitqarqċu u jitfarrku malajr.

Imma s'hawn il-pastur ma kienx ikun lest għal kollox, kien għad jonqsu l-isbaħ ħaġa: dik it-tieliqa żebgħa li tagħtih sura u kulur. Allura l-imgħallem kien juri d-don artistiku tiegħu. Hu kien jinqeda bi lwien igħajtu: ħomor, ħodor, koħol, sofor; kien ilibbes il-pasturi rġiel bi qliezet ħodor, sdieri ħomor, triħi koħol u qrieq sofor, jew b'kabozzi kanella, jew b'xi ħorġ aħmar jew b'xi milża kaħla f'rashom. Lin-nisa kien isebbaħhom b'ċulqani koħol, dbielet lewn il-lanke, mkatar fuq rashom jew madwar għonqhom ta' lewn il-qawsalla. L-uċuħ kienu jiżbgħuhom abjad qamħet il-lewn, imma biex jagħtu bixra felħana, kienu jżellġu tikka ħamra fuq il-ħaddejn!

Għall-ħeffa tax-xogħol, l-imgħallem kien jiżbogħ f'salt pasturi ta' sura waħda, ngħidu aħna San Ġużeppijiet jew Madonni; kien ipoġġihom ringiela fuq mejda u jiżbogħhom bl-istess kulur wieħed wara l-ieħor. Xi drabi l-mara jew it-tfal ta' dak li jagħmel il-pasturi kienu jgħinuh fix-xogħol taż-żebgħa. Kull wieħed jew waħda jieħdu ħsieb biċċa mill-pasturi: l-ewwel wieħed jiżbogħ il-qalziet, it-tieni s-sidrija, it-tielet it-terħa u jgħaddu hekk wieħed wara l-ieħor, u f'qasir żmien jagħtu l-kuluri lill-għadd kbir ta' pasturi, b'hekk ix-xogħol jinqasam u jitħaffef ħafna.

Dawk il-pasturi tal-presepju tagħna ma kienux iħabtuha mall-istatwetti ta' Dresden jew ta' Capodimonte; kienu magħmulin biex jimlew il-presepju tat-tfal mhux biex iżejnu s-swali tal-kbarat, imma fis-sempliċità tagħhom kienu jnisslu l-għaxqa fil-familji u kienu jimlew il-qalb u r-ruħ b'dik il-hena, b'dak is-sliem u b'dik il-paċi li kull sena l-Milied iġib miegħu għal-bnedmin ta' rieda tajba.

## DAK LI JIKTEB L-ITTRI

Sa ftit snin ilu wieħed kien għadu jista' jiltaqa' fil-Belt mar-raġel li jikteb l-ittri; kien ipoġġi ħdejn il-Palazz jistenna lil xi ħadd jersaq lejh jitolbu jiktiblu xi ittra għas-safar, jew jimlielu xi formola għal xi permess, jew imur miegħu sal-bank biex isarraf "cheque" jew jiddepożita xi teftifa.

Lil dak ir-raġel kienu jagħrfuh mill-valiġġetta tal-injam li dejjem kien iġorr f'idu. Dik il-valiġġetta kienet isservih biex jikteb fuqha, u ġewwa fiha kien iżomm karti tal-ittri, karti xugi, flixkun żgħir bil-linka sewda, ieħor bil-linka ħamra, riga, tokok u pinen ta' kull kwalità, dawk li jiktbu rqiq (tal-punta) u dawk li jiktbu oħxon (tal-ġ). Imma ma' dik il-għodda tal-kitba qatt ma daħlu "fountain pens" jew "ball pens".

Il-lum bis-saħħa tal-istruzzjoni obbligatorja ftit wisq baqa' li jeħtieġu l-għajnuna biex jiktbu ittra, imma fl-imgħoddi ftit kienu dawk li ma kellhomx bżonn dik il-għajnuna, u għalhekk f'kull belt jew raħal tal-Gżejjer tagħna kien hemm dawk li jgħixu bil-kitba; kienu jissejħu "skritturali" u aktarx kienu irġiel li għaddew xi sentejn fis-Seminarju jew f'xi skola għolja; ħafna minnhom kienu Kieriki, jew dawk li jgawdu xi benefizzju tal-Knisja, imma kollha kienu rġiel tal-galbu, fabbli, ta' fommhom sieket u jafu kulma jiġri u kulma jsir fir-raħal jew fil-belt tagħhom. Huma kienu magħdudin bħala rjus għorrief u n-nies kienu jirrikorru għandhom mhux biss biex jiktbu ittra iżda wkoll biex jieħdu xi parir u biex ikunu jafu x'fihom l-ittri u l-karti tal-Gvern li jaslulhom.

Dawk l-irġiel tal-ittri għalkemm fabbli kienu jafu jżommu ruħhom u kienu jqisu lilhom infushom bħala nies tal-professjoni; huma kienu jindhesu mal-kapijiet jew ma l-impjegati għoljin biex ir-rikorsi u l-applikazzjonijiet tagħhom aktar ikollhom effett.

L-iskritturali fi żmien il-Gran Mastri kien jaqlagħha mhux ħażin; kull raħal kellu xi tlieta jew erba' minnhom u kien iqishom fost il-kapijiet tal-post; imma wkoll wara li l-Kavallieri spiċċaw mill-Gżira, dawk li jiktbu l-ittri baqgħu ma ntelqux: kienu jġibu ruħhom ta' nies għorrief u għandhom x'jagħmlu, kienu jitkellmu tqil, iżellqu xi kelma bil-Latin, u jgħidu ħafna espressjonijiet bit-Taljan, jew "jużaw lingwaġġ kurjali" kif kienu jgħidu biex jimpressjonaw lil dak li jitlob il-għajnuna tagħhom.

Dawk is-sinjuri kienu jiktbu skond il-prezz li jitħallsu: ittra ordinarja, b'irħis, imma ittra solenni, jew "bil-ġerund-ju"! tiswa aktar. Karta komuni, tliet ħabbiet, imma karta 'al masso", sold. Rikors jew applikazzjoni fuq formola tal-Gvern, jitħallsu sitt soldi, imma ittra għal tifel imsiefer tin-kiteb b'sold. Ħafna drabi flok flus, dawk ta' l-irħula kienu jagħtu xi għattuqa, xi fellus jew xi żarmuġ lil dak li jikteb l-ittri u dan ma kien jirrofta xejn; il-"motto" tiegħu: ġib dejjem!

Fi żmien l-Ewwel Gwerra Kbira 1914-1918, dawk li jiktbu l-ittri kellhom x'jagħmlu wisq għax kien hawn ħafna żgħażagħ imsefrin fuq il-Flotta, jew ma tal-"Labour Corps" f'Salonika, jew mar-Riġiment tal-Milizja f'Ċipru u l-familji tagħhom kienu jmorru għand dak ta' l-ittri mhux biss biex jiktbulhom iżda wkoll biex jaqrawhom.

Wara dik il-gwerra, ix-xogħol ta' dawk li jiktbu l-ittri beda jonqos u llum spiċċa għal kollox, għax il-progress u t-tagħlim jeqirdu dak il-bżonn li jitnissel mill-injoranza. Difatti dawk li jgħixu bil-kitba tal-ittri għadhom jeżistu biss f'xi pajjiżi tal-Lvant u ta' l-Amerika t'Isfel li baqgħu lura.

## FANALI, MIXGĦELA U MASKLI

Kull fl-għaxija
kif mal-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum,
jiġi Majsi bis-sellum,
u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken
li tal-lejl itaffi d-diqa

Anton Buttigieg — "Il-Kebbies tal-Fanali"

Bil-lejl id-dawl mhux biss hu sabiħ iżda hu bżonjuż ukoll, tant li fi żmien il-Kavalieri kien hemm obbligu li jixegħlu l-fanali quddiem il-qaddisin tan-niċeċ fil-kantunieri tat-toroq. Dak iż-żmien kienu jixegħlu mużbiħ ġo fanal, imbagħad meta ġie l-petrolju, bdew jixegħlu lampa li tagħti aktar dawl.

Minn quddiem in-niċeċ, il-fanali xterdu fit-toroq tal-ibliet u tal-irħula u l-Gvern kien iħallas in-nies biex jixegħluhom fil-għaxija u jitfuhom fil-għodu. Wara li daħal id-dawl elettriku, dawk li kienu jixegħlu l-fanali spiċċaw, imma dari, fi żmien missierijietna, fil-għaxija qabel jidlam u fil-għodu mas-sebħ, wieħed kien dlonk jiltaqa' ma' dawk l-irġiel tal-fanali għaddejjin igħaġġlu bis-sellum fuq spallejhom biex jilħqu max-xogħol tagħhom.

Sajf u Xitwa, sħana u bard, bnazzi u tempesti, ir-raġel tal-fanali meta jsirlu l-ħin, kien joħroġ jaqdi dmiru.Fil-għaxija kien iġorr sellum fuq spalltu u kien iżomm f'idu kandaletta u fanal żgħir bix-xama tixgħel ġewwa fih, biex jieħu n-nar minnha għall-ftila tal-fanal; imdendla ma' qaddu kien ikollu wkoll biċċa ċarruta ratba biex inaddaf it-tubu tal-ħġieġ. Meta daħlu s-sulfarini, flok il-fanal żgħir, dak ir-raġel kien jieħu kaxxa sulfarini miegħu.

Ir-raġel kien idur il-fanali tar-raħal kollha, ipoġġi s-sellum mal-ħajt ma' ġemb kull wieħed u jitla' jixegħlu, imma qabel jinżel kien jagħti mesħa lit-tubu tal-fanal u jagħlaq sewwa l-bieba tal-fanal biex ma tinfetaħx matul il-lejl u r-riħ jitfi l-fanal.

Fil-għodu x-xogħol kien isir aktar bil-ħeffa għax dak tal-fanali ma kienx jitla' u jinżel fuq is-sellum. Hu kien jieħu qasba twila jew kanna rqieqa tal-landa, idaħħalha minn toqba fil-qiegħ tal-fanal u jġib it-tarf ta' fuq taħt il-ġewża tal-lampa, imbagħad jonfoħ b'saħħtu mit-tarf t'isfel u jitfi n-nar tal-ftila.

*(ikompli f'ħarġa oħra)*

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

## ARLOĠĠI TA' MALTA U QNIEPEN

Illum għadhom jeżistu dawk li jsewwu l-arloġġi, iżda spiċċaw għal kollox dawk li kienu jagħmlu l-arloġġi ta' Malta. Dawk kienu arloġġi kbar li jiddendlu mal-ħajt u kienu jżejnu s-swali u l-kurituri tal-palazzi, u kien hemm tant minnhom li fil-Palazz tal-Gran Mastru u fil-Bereġ tal-Kavalieri kien hemm irġiel impjegati biss biex ifarfru, jagħtu l-ħabel u jirregolaw l-arloġġi.

Dawk l-arloġġi ta' Malta daż-żmien saru mfittxin ħafna għax ma baqax min jaħdimhom, imma fl-antik, fi żmien il-Kavalieri, kien hawn mgħallmin li jinqalgħu ħafna għal dak ix-xogħol ta' sabar u reqqa li kienet teħtieġ is-sengħa tagħhom.

Il-magna kienet sempliċi ħafna u kienet iddur bit-toqol tal-mażżri u tirregola ruħha bit-tixjir tal-pendlu; ir-roti kienu tar-ramm iebes u kienu jingranaw flimkien b'mezz ta' dras li ħafna darbi kienu jkunu maqtugħin minn l-arluġġar innifsu b'lima rqiqa. Il-fusien tal-magni antiki kienu magħmulin minn bċejjeċ ta' injam tal-qastan jew taż-żebbuġ, b'ħolqa tal-metall fit-truf biex ma jittieklux bid-dawrien, imma mbagħad il-fusien bħal bċejjeċ oħra tal-magna, bdew isiru tal-ħadid.

Il-magna kienet tkun magħluqa ġewwa kaxxa tal-għuda u mwaħħla min-naħa ta' wara tal-bieba. In-naħa ta' quddiem ta' dik il-bieba kien il-kwadrant ta' l-arloġġ, u l-fus tal-minutieri kien igħaddi minn toqba f'nofs il-kwadrant. Ftit 'il isfel mill-kwadrant kienu jaqtgħu toqba tawwalija li minnha jidher il-pendlu jixxejjer.

Meta jagħtu l-ħabel lill-arloġġ kienu jiftħu l-bieba biex jilħqu l-magna li kienet imwaħħla wara u hekk ikunu jistgħu jtellgħu l-mażżri u jirregolaw l-arloġġ bla tfixkil.

Id-daqs tal-kaxxa kien xi 25 pulzier tul u xi 20 pulzier wiesa', u kienet tkun indurata biex iżejjen is-sala fejn tkun imdendla. Il-kwadrant tal-arloġġ kien ukoll impinġi b'ornamenti ta' fjuri jew disinji oħra ta' lwien igħajtu u xi drabi b'induratura.

Quddiem il-bieba tal-kaxxa kienu jwaħħlu bieba oħra tal-ħġieġ biex tipproteġi l-minutieri u tħares mill-għabra lil magna.

L-arloġġi antiki ta' Malta kollha għandhom għamla ta' kaxxa kwadrangolari, iżda mbagħad biż-żmien, bdew iżidulha mensola taħtha u wkoll xi ornament fuqha biex aktar jirrenduha sabiħa, b'daqshekk kienu jneħħulha s-sempliċità tas-sengħa antika.

Dawk l-arloġġi ta' Malta nqatgħu meta bdew ġejjin l-arloġġi ta' barra u llum saru rari ħafna; bosta minnhom inxtraw minn frustieri u b'hekk xterdu ma' l-Ewropa kollha, x'uħud minnhom sabu posthom f'mużewijiet.

Barra dawk li jagħmlu l-arloġġi kien hawn ukoll fundaturi li jagħmlu qniepen tal-knejjes. Dawn kienu jaħdmu s-sengħa tagħhom fi żmien il-Kavalieri u damu sal-ewwel żminijiet ta' l-Ingliżi f'Malta u fil-bidu tas-seklu li aħna fih kien baqa' xi wieħed jew tnejn: wieħed minnhom kien idewweb il-metall u jfassal il-forom tal-qniepen fil-fonderija li kellu f'Għajn Dwieli, iżda mid-dehra ħadd ma tħajjar jitgħallem dik is-sengħa, jew l-imgħallem ma ħabbilx moħħu biex igħaddiha lil ħaddieħor, u llum ma baqax f'Malta min jagħmel il-qniepen.

## IL-PASTAS

Ħdejn is-suq ukoll, aktarx maġenb dawk li jfarfru t-tapiti jew ifetthu s-suf tas-saqqijiet, wieħed kien aktarx jiltaqa' mal-psatas jew l-irġiel li jġorru l-qfief tas-sinjuri li jmorru għax-xirja fis-suq.

Il-kelma pastas iddoqq kerha fil-widnejn tan-nies tallum, imma dari kienet tfisser biss bniedem li jaqla' x'jiekol billi jġorr il-qfief ta' ħaddieħor, u dik il-kelma kienet tant f'ħalq in-nies li saħansitra nisslet proverbju: "Min jerfà qoftu mhux pastas".

Meta xi kap ta' familja numeruża, jew xi mara tad-dar li jeħtieġilha tagħmel xirja kbira, jew xi lukandier jew xi kok tar-restaurant, kienu jmorru s-suq, dawk l-irġiel li jerfgħu kienu jduru magħhom jitolbuhom biex iżommulhom il-qoffa għax-xirja, xi drabi kienu saħansitra jaħtfu l-qoffa minn idejn is-sinjur jew is-sinjura u jżommuhilhom sabiex huma kienu jistgħu aħjar jagħżlu l-oġġetti tal-ikel u jiġġebdu fuq il-prezz. Kienu jimxu wara s-sinjuri minn posta għall-oħra, jieħdu minn idejhom dak li jixtru u jpoġġuh fil-qoffa.

Imbagħad wara li s-sinjuri jixtru kulma jkollhom bżonn u l-qoffa timtela u titqal, dawk l-irġiel kienu jerfgħuha fuq spallithom, iġorruha u jwassluha sad-dar jew il-post tas-sinjuri, jitħallsu ta' xogħolhom u jerġgħu jmorru lejn is-suq biex isibu xi refgħa oħra.

Ta' dak ix-xogħol tagħhom dawk l-irġiel kienu jitħallsu xi tliet soldi jew aktar skond il-kobor tax-xirja, jew il-kobor tal-qoffa jew it-toqol tagħha. Ħafna drabi huma kien ikollhom il-qoffa tagħhom biex jaqdu lil min jasal wasla sas-suq bla ħsieb.

## IL-KALESS

Il-karrozzini li għandna llum ħadu post il-kalessi li kelna fi żmien l-Ordni u li spiċċaw minn Malta f'nofs is-seklu li għadda.

Il-kaless kien biċċa inġenji goffa u tqila li biċ-ċaqliq tagħha kienet taqla ruħ min jirkeb fiha. Kellha għamla ta' kaxxa wieqfa fuq fus idur fuq żewġ roti kbar daqs ta' karettun. Għall-ewwel il-fus kien ikun tal-injam imma mbagħad bdew jagħmluh tal-ħadid. Ma kienx hemm molol biex inaqqsu l-qbiż jew iċ-ċaqliq, anqas wisa biżżejjed fejn wieħed jista' jmattar riġlejh.

Fil-kaxxa kien hemm bank wieħed biss wara, miksi b'magħqad mimli bil-ħaxixa u kien ukoll hemm imħaded għal wara dahar min jirkeb.

Il-kaless kellu żewġ bibien, fuq staffa, wieħed kull naħa, in-nofs ta' fuq tal-bibien kien magħmul minn ħġieġa u l-faċċata tal-kaless kellha wkoll in-naħa ta' fuq magħluq bil-ħġieġ biex min ikun riekeb jara quddiem u mill-ġnub.

Mal-kaless kienu mwaħħlin żewġ lasti biex bejniethom jorbtu l-bhima li tiġbed il-kaless. Il-kuċċier, jew kalessier jew xrik ma kellux fejn jirkeb bil-qiegħda, iżda kien jiġri mal-bhima b'idu waħda mqabbda mal-lasta u bl-oħra jżomm ir-riedni.

Fi żmien l-Ordni l-kaless ma kienx jinkera; kull familja tas-sinjuri kellha wieħed biex tinqeda bih hi. Imbagħad meta ġew l-Ingliżi f'Malta u n-nies bdew aktar jiffrekwentaw l-ibliet u l-irħula, il-kalessi saru l-aħjar mezz għat-trasport pubbliku, u ħarġu ħafna minnhom fit-toroq għal-kiri, tant li fis-26 ta' Jannar, 1809, il-Gvern ħareġ tariffa għal-kiri tal-kalessi. Skond dik it-tariffa kirja mill-Belt għal Mellieħa tmur u tiġi, kienet tiswa tliet skudi biss! Sa Ħal Fornaro (Qormi) għaxar rbigħi; sar-Rabat, skud u żewġ rbigħi. Filfesti ta' l-irħula, it-tariffa għar-raħal tal-festa kienet terz iżjed. Kirja ta' kaless għal ġurnata kollha għal San Girgor jew għall-Imnarja kienet tiswa ħames skudi. Kien hemm ħafna rġiel li jaqilgħu ħobżhom bħala kalessieri. L-aqwa ħaġa li kellhom bżonn kienet il-ħeffa tar-riġlejn biex ilaħħqu mal-ġiri tal-bhima.

Ħafna rġiel kienu jħobbu jirkbu fuq iż-żiemel flok filkaless, u kien hemm ukoll dawk li kienu jinqdew bi ħmar. Għal kiri ta' żiemel il-jum kollu t-tariffa kienet tliet skudi, għal nofs ta' nhar kienet skud u nofs. Ħmar kien jinkera skud għal ġurnata kollha u sitt rbigħi għal nofs ta' nhar.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (21)

20

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Il-fjuri kienu jagħtuhom forma minn qxur ta' arzell imwaħħlin fuq kuxxinett tax-xemgħa. Kienu jqiegħdu żibġa tal-kroll fin-nofs u madwarha jwaħħlu qxur ta' arzell bħala petali: jibdew billi jwaħħlu madwar il-qalba, dawra ta' qxur irqiq u żgħir ta' kulur aħmar jew safrani skond il-lewn tal-warda li jridu, u mbagħad jissoktaw iwaħħlu dawra wara l-oħra, qxur ta' arzell dejjem aktar akbar aktar ma jitbiegħdu mill-qalba biex jimitaw il-fjuri naturali.

Xi drabi flok fjuri tal-qxur ta' l-arzell kienu joħorġu fjuri magħmulin mill-bebbux ta' bosta daqsijiet: jibdew biżżgħar ħdejn il-qalba u jkabbru d-daqs aktar ma jersqu 'l barra minnha. Il-bebbux kienu jwaħħluh daqqa l-punta 'l fuq u daqqa l-fomm 'l fuq biex joħorġu suriet differenti.

Il-weraq ukoll kienu jsiru mill-qxur tal-frott tal-baħar, u hekk ukoll il-blanzuni kienu jinħadmu u jieħdu sura millqxur midmum u irranġat bil-gost u s-sengħa.

Dak kien xogħol ta' paċenzja; iżda meta jkun lest, dak il-bukkett magħmul mill-frott tal-baħar, kien iqanqal interess u ħafna drabi jgħaġġeb lil min jarah.

## TAL-BUMBOT U L-GADRAJ

Tal-bumbot (bumboatmen) kienu jinnegozjaw fuq il-vapuri. Illum ftit baqa' minhom, imma dari meta fil-port tagħna kienu jidħlu ħafna vapuri u bastimenti jħottu jew jgħabbu l-merkanzija jew jieħdu l-faħam, kien hemm għadd kbir ta' bumbot jew "bumboatmen". Kienu aktarx jaħdmu tnejn tnejn u kienu jixtru u jbigħu kulma jiġi għal idejhom.

Malli vapur jidħol fil-port u jorbot mal-moll, kienet tersaq lejh id-dgħajsa tal-bumbot mgħobbija b'ħafna sarar u kaxxi mimlijin ħwejjeġ u oġġetti oħrajn li l-baħrin jew il-passiġġieri kienu jixtru għal-użu tagħhom jew bħala rigali, bħal imkatar, ingwanti, bizzilla, qomos, kpiepel, brieret, ħarirjiet, xogħol tal-filugranu, kartolini, karti tal-ittri, linka, lapsijiet, pakketti ta' te', kafe', kokodina, ċikkulata u ċejċiet oħra, u xorb u sapun u fwieħa u mitt ħaġa oħra.

Il-bumbot kien jitla' abbord u jifrex l-oġġetti fuq il-kverta u erħilu jgħajjat lil dawk ta' abbord biex jixtru b'irħis minn għandu, u jfaħħar dak li hu jkollu għall-bejgħ u jiġġebbed fuq il-prezz. Hu kien jara kif jagħmel ħabib mal-Kaptan u mal-Prim Uffiċjal billi kultant kien inewlilhom xi flixkun whisky jew rum, għax hu minn abbord kien idabbar xi ħaġa ukoll, u barra li jbigħ kien jixtri kulma jiġi għal idejh, imbasta b'irħis.

Il-biċċa l-kbira tal-bumbot kienu rġiel mill-Kalkara, il-Birgu, l-Isla u Bormla. Kien hemm ukoll ħafna mill-Belt. Kien ikollhom id-dgħajsa tagħhom u aktarx kienu jikru kmamar ħdejn ix-xatt biex iżommu fihom ix-xarbitelli tagħhom.

Kien hemm bumbot li kellhom permess huma biss biex jitilgħu fuq il-vapuri ta' xi kumpanija, imma bħala regula l-vapuri li jidħlu fil-port, malli jieħdu l-pratka, kienu jkunu miftuħin għall-bumbot, biss dawn qabel jitilgħu kien jeħtieġilhom il-permess mid-dwana. Kien hemm bħal ftehim fost dawk tal-bumbot biex fuq kull vapur jitilgħu tnejn biss, dejjem min imissu, ħalli ma jfixklux wieħed lill-ieħor, imma l-bumbot l-oħra kienu jistgħu jiragħaw ħdejn il-vapur bid-dgħajjes tagħhom kemm iridu.

Dawk kienu jifirxu kulma jkollhom għall-bejgħ fuq il-bankijiet tad-dgħajsa u joqogħdu jħufu madwar il-vapur fejn kien ikun hemm baħrin jew passiġġieri fuq il-kverta jħarsu mill-partikett lejn il-baħar. Malli xi ħadd minnhom jitħajjar għal xi ħaġa, il-bumbot kien jixħetlu biċċa għowda marbuta ma' spaga, il-baħrin jew min ikun, jaqbadha u jiġbed l-ispaga li magħha dak tal-bumbot kien jorbot dik il-ħaġa ħalli l-ieħor jaraha sewwa qabel jixtriha.

In-negozju tal-bumbot kien jirrendi qliegħ tajjeb. Wieħed mill-Belt qalli li fuq wieħed mill-vapuri tal-P & O ġie li biegħ u xtara b'kemm jiswa ħamsin lira "Li minnhom tletin kienu qliegħ!" żied igħidli minn taħt ilsien. Il-bumbot għaqli kien dejjem ifittex li jmur tajjeb mal-Kaptan, u id f'id mall-Aġent, għax b'hekk kien jagħmel lant!

Barra tal-bumbot, fuq il-vapuri kienu jinnegozjaw ukoll ix-xipxandler (ship chandlers) jew gadrajja. Dawn kienu jinnegozjaw bl-ingrossa filwaqt li l-oħrajn kienu jbigħu bl-imnut.

Il-gadrajja kellhom negozju kbir u kienu jħaddmu ħafna lavranti. Kienu jfornu l-vapuri u l-bastiment bil-proviżjon kollu li jkunu jeħtieġu. Kien hemm gadrajja li kellhom l-inkarigu jfornu lill-vapuri ta' kumpanija waħda, imma kien hemm gadrajja oħra li kellhom x'jaqsmu biss ma' vapuri jew bastimenti li jaħdmu għal rashom, jiġifieri li jkunu jappartienu lil sid jew armatur wieħed mhux lill-kumpanija.

Il-gadrajja kellhom rashom mimlija wisq bil-vapuri li jservu; kienu jitkellmu fuqhom bħala vapuri tagħhom u kienu mhux biss jipprovdu l-proviżjon iżda wkoll jaqdu lill-Kaptan u lill-Fizzjali f'kulma jkollhom bżonn saħansitra jisilfuhom il-flus jew jixtrulhom ħafna bżonnijiet mill-art.

Bejn wieħed u ieħor il-gadraj dejjem kien ikun jaf meta l-vapur tiegħu jmissu jasal Malta u kien jinżel il-Barriera jistennieh dieħel fil-Port, jew kien jitla' fil-Barrakka jħares bit-tromba biex jarah riesaq lejn Malta. Imbagħad malli l-vapur jidħol fil-port u jitrakka mal-mol, il-gadraj kien imur bid-dgħajsa tiegħu u jitla' abbord biex jagħti l-merħba bih lill-Kaptan u jistaqsih x'kellu bżonn; meta jispiċċa mill-Kaptan kien imur isib il-Purser biex igħidlu x'kien jonqos fil-ħażna tal-vapur, u l-Purser kien jordna qnatar ta' patata, basal u frott, ċestuni ta' pastard, kaboċċi, ġidra u karotti, xkejjer ta' dqiq, smid, zokkor, krietel ta' żejt u xaħam, btieti ta' nbid u mitt ħaġa oħra li jinħtieġu biex jitimgħu ċ-ċorma u l-passiġġieri ta' abbord. Qabel jinżel, il-gadraj kien idur dawra abbord u jiltaqa' mal-Fizzjali biex jara jkollhomx bżonn xi ħaġa għax bħala regula, il-gadraj kien ikun dejjem ħabib tagħhom.

Meta jinżel minn abbord, il-gadraj kien jasal wasla sas-suq tal-Belt fejn jagħmel xirja kbira għal abbord, imbagħad kien imur idur l-imħażen tan-negozjanti tax-xatt u jagħżel dak li jkunu ordnawlu għal abbord; fl-aħħar kien jispiċċa għand il-pitkali mnejn jiġbor kemm ikollhom: patata, basal, ġidra, karoti, frottijiet, u meta ma jsibx għand il-pitkali kulma jkollu bżonn, il-gadraj kien imur idur il-bdiewa u jgħabbi minn għandhom.

Wara li jixtri kulma jkollu bżonn, il-gadraj kien iġorr kollox fuq il-karettuni tiegħu u jieħodhom fuq il-moll qrib il-vapur, mnejn kien jitagħbbew kollha fuq il-luzzu tal-gadraj li jieħu t-tagħbija abbord.

Ħafna drabi l-gadrajja ken ikollhom l-imħażen tagħhom fejn kienu jżommu oġġetti meħtieġa għall-vapuri, bħal ħbula, gumni, qlugħ, għażel, bramel, żjut, pniezel, żebgħa u ħwejjeġ oħra. Kienu jaħżnu wkoll ħwejjeġ tal-ikel meta jsibu s-suq tajjeb bħal dqiq, zokkor u legumi, iżda l-oġġetti friski bħal ħxejjex u frottijiet, u oħrajn li jistgħu jitħassru fi ftit żmien bħax-xaħam, ġobon u butir, kienu jixtruhom meta l-vapur jidħol fil-Port, anzi jħalluhom għall-aħħar mument qabel ma jarġa' jsiefer.

Il-gadrajja kienu jħabirku ħafna biex ifornu l-vapuri b'kulma jeħtieġu u saħansitra ġie li siefru biex jixtru minn barra oġġetti li ma kienux isibu bil-kwantità f'Malta. Fl-istaġuni neqsin mill-frott, kien hemm gadrajja li kienu jmorru Ġibilta mnejn kienu jixtru għeneb u bittieħ u dollieħ ta' Spanja biex il-vapuri jgħabbu ħażna kbira minnhom li sservihom mhux biss sakemm jaslu l-Ingilterra imma wkoll biex ikollhom x'jaqsmu meta jkunu hemm, billi f'dak il-pajjiż ma tantx isibu minn dak il-frott.

Il-lum ix-xogħol tal-gadrajja naqas ħafna u għoddu spiċċa għax il-vapuri moderni għandhom refrigerators u konġelatorji li jistgħu jżommu kwantità kbira ta' oġġetti ta' ikel li jservu għal żmien twil. L-aġenti tal-vapuri llum qegħdin ukoll jidħlu huma għax-xogħol li dari kienu jagħmluh il-gadrajja. Dak ix-xogħol ħa daqqa ta' ħarta meta daħal is-servizz tan-N.A.A.F.I.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (23)

97

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

## KAMOMILLA U FIDLOQQOM

Daż-żmien it-Tobba jikkuraw il-marid bl-antibiotiċi u t-tetraċiċlini, imma dari l-mediċini kienu kollha magħmulin minn sustanzi veġetali jew minerali. Il-biċċa l-kbira kienu jsiru minn ħxejjex; għeruq, żrieragħ jew fjuri, tant li t-Tobba kienu jinħtieġilhom jistudjaw il-Botanika Medika, massuġġetti l-oħra.

Imma barra t-tobba kien hemm nies oħrajn li jinqdew bil-ħxejjex biex ifejqu lil marid. Kien hemm il-midilka, mara deffusija li tagħti pariri dwar duwa u fejqan; kien hemm dawk li jqiegħdu l-ksur tal-għadam jew it-tfekkik tal-ġogi; kien hemm oħrajn li kienu "jsewwu flixkun" duwa għal xi suffejra; dawk li jagħmlu l-fintusi għal uġigħ tal-muskoli, u dawk li jqabbdu s-sangwisugi biex jiġbdu d-demm ħażin.

Barra dawk li jagħmluha ta' tobba kien hemm oħrajn li jbiegħu duwa u rimedji kontra l-marid: weraq tas-sebbuqa (*Sambucus nigra*), klin (*Rosmarinus officinalis*) u kittien (*Linum gallicum*) għal ġbajjar; xpakkapjetra (*Satureja microphylla*) u xuxa tal-qamħirrun (*Żea mays*) għat-tisfija tal-kliewi; żerriegħa tal-qara (*Cucurbita maxima*) għal ħniex sfarġel (*Cydonia vulgaris*) għal uġigħ ta' żaqq; għasel għassogħla. Imma l-aktar li jinxtraw kienu l-kamomilla (*Matricaria chammomilla*) u l-fidloqqom (*Borrago officinalis*).

Il-fjuri tal-kamomilla kien jixorbuh wara li jagħmlu infus minnu bħat-te', jiġifieri wara li jixħtuh fl-ilma jgħali u jħalluh hemm għal xi ftit ħin imbagħad isaffuh minn passatur u jixorbuh sħun sħun.

Kikkra kamomilla sħuna qabel l-irqad fil-għaxija kienet isserraħ il-ġisem u ġġib rqad ħelu. Il-kamomilla hi wkoll tajba għall-istonku, tiffriska l-imsaren, tnaddaf id-demm, issaffi l-fwied u tqanqal l-aptit.

Il-fidloqqom kienu jixorbuh ukoll bħala infus wara li jgħallu fl-ilma l-fjuri u l-weraq. Ħafna drabi wara li jsaffuh kienu jżidu ftit għasel miegħu biex jagħmlu xarba ħelwa li togħġob ħafna lit-tfal. Il-fidloqqom tajjeb għas-sogħla, iserraħ il-pulmun, iniżżel id-deni u jberred l-infjammazzjoni tal-grieżem.

Il-kamomilla u l-fidloqqom huma ħxejjex tar-Rebbiegħa jimbtu weħedhom u jinsabu fl-inħawi kollha ta' Malta u Għawdex. Il-kamomilla tħobb ir-raba saqwi, imma l-fidloqqom jitla' kullimkien l-aktar f'xi rokna dellija u abbandunata. Iż-żewġ ħaxixiet joħorġu l-ward f'April u Mejju. Il-fjuri tal-komomilla jfuħu ħafna qishom buttuni sofor daqs żibġa imdawwra b'raġġiera petali żgħar bojod. Il-fjuri tal-fidloqqom huma koħol u ftit akbar minn dawk tal-kamomilla.

It-tfal tal-bdiewa, u n-nisa wkoll, jiġbru l-fjuri tal-kamomilla u tal-fidloqqom f'Mejju u l-bidu ta' Ġunju. Imorru b'qoffa żgħira u jaqtgħu b'subgħajhom il-fjuri tal-kamomilla jagħżlu l-fjuri li jkunu fl-aqwa tagħhom u jiskartaw il-blanzuni u l-fjuri li bdew jitfarfru; jiġbru l-fjuri biss u jwarrbu xi werqa jew ħuxliefa li jitħalltu magħhom.

Wara li jaqtgħu l-fjuri tal-kamomilla, kienu jnixxfuhom għad-dell; dan kien isir billi jifirxuhom fuq liżar nadif f'xi kamra arjuża u kennija u li ma jkunux hemm fiha żrieragħ jew ħwejjeġ oħra li jrejħu għax il-kamomilla tieħu r-riħa tagħhom u titlef ir-riħa pjaċevoli tagħha.

Dawk li jiġbru l-fidloqqom kienu jaqtgħu mhux biss il-fjuri iżda wkoll il-weraq tiegħu, imma kienu jagħżlu l-weraq li jkun b'saħtu mhux il-mitbiel jew dak li jibda jinxef. Imbagħad kienu jnixxfu dawk il-weraq u l-fjuri tal-fidloqqom bl-istess manjera bħal-kamomilla.

Il-kamomilla u l-fidloqqom wieħed kien isib jixtrihom minn għand l-Ispiżjar, iżda kien hemm wkoll ħafna bejjiegħa, l-aktar nisa, li kienu jduru fit-toroq b'ċurniena jew bixkilla mimlija b'dawk il-fjuri mediċinali. Kienu jgħajjtu "Kamomilla u fidloqqom għas-sogħla!" u n-nisa tad-dar erħilhom joħorġu jixtru dik id-duwa tajba għalihom u għat-tfal tagħhom. Il-kamomilla kienet timbigħ bil-kejl: nofs kejla sold u nofs; kejla tliet karnijiet. Min ma jistax jonfoq sold u nofs kien jixtri b'sitt ħabbiet, mimli żewġ mgħaref. Il-fidloqqom kien jinbiegħ bil-qabda; Kull qabda ta' id tiswa sold.

## XOGĦOL TAL-ĠIBS

Daż-żmien il-ġibs jiġi lest minn barra iżda dari kienu jaħdmuh f'Malta. Kienu jġibu minn Sqallija fuq l-iskejjen tagħbijiet ta' ġebel tal-ġibs (Pietra ġibsa) u wara li jieħduh fl-imħażen kienu jqabbdu t-tfajliet biex ikissruh b'mazza tal-ħadid u jfarrkuh bċejjeċ żgħar.

Dawk il-bċejjeċ żgħar ta' ġebel tal-ġibs kienu jifirxuhom fuq pjanċi tal-metall u jdaħħluhom ġewwa forn fejn iħalluhom xi tmien sigħat biex jinħmew sewwa. Bis-sħana tal-forn il-bċejjeċ tal-ġebel jeħilsu mill-indewwa (jiddiħajdrijaw) u jitqarqċu u hekk ikunu jistgħu jsiru trab aktar malajr.

Wara li joħorġuhom mill-forn, il-bċejjeċ tal-ġebel kienu jħalluhom jibirdu bil-mod billi jżommuhom xi nofs ta' nhar għall-arja u mbagħad kienu jidħnuhom biex jagħmluhom trab.

Il-ġebel tal-ġibs wara li jinħema kien jindaħaln bħal qamħ b'mezz ta' midħna. Imma din il-midħna ma kienetx bħal dik tal-qamħ jew xgħir: kienet tikkonsisti f'rota tqila li kienet tixbaħ lil ħaġra tal-midħna tal-qamħ; kienet magħmula minn blata żonqrija, u xi drabi kienu jagħmluha tassiment konkrit; kienet għolja xi sitt ixbar u kienet iddur wieqfa, mhux ċatta fuq qiegħda iebsa.

Il-qiegħa kienet dawra wiesa' xi qamtejn magħmula tassiment u merfugħa xi pied ogħla mill-art. F'nofs id-dawra kien ikun hemm fus wieqaf jew stwiel; isfel kien idur fuq għarqub poġġut f'bejta tal-azzar u t-tarf ta' fuq tal-istwiel kien idur f'ħolqa mwaħħla ma' travu travers minn ħajt għall-ieħor. F'nofs l-istwiel kien imwaħħal il-miġbed; dan kien biċċa għowda twila bħal seratizz li tgħaddi minn nofs il-ġebla l-wieqfa u tispiċċa f'tarf fejn kienu jorbtu l-bhima, aktarx ħmar, biex iddawwar il-miġbed. Meta l-ħmar jimxi, kien ikarkar warajh il-miġbed u dan kien idawwar ir-rota l-wieqfa. Din kienet iddur dawra mejt fuq il-qiegħa li kienu jgħattuha bil-ġebel moħmi tal-ġibs li kien jitkisser, jitgħaffeġ u jitfarrak taħt it-toqol tar-rota. Id-dawrien kien jibqa' sejjer sakemm ir-rota tidħan u tagħmel trab kulma ssib taħtha.

Filwaqt li l-ġebel ikun jitfarrak, kien ikun hemm xi tnejn min-nies biex ma jħallux il-frak jaqa' fl-art, imma kienu l-ħin kollu jgeddzuh għal taħt ir-rota, biex jissokta jindaħan sakemm isir trab.

Wara li jindaħan, it-trab tal-ġibs kienu jgħarbluh biex isaffuh minn xi għoqod jew laqx li ma jitfarrakx tajjeb. Kien hemm diversi għariebel kollha rqaq, imma l-irqaq wieħed kellu fili tar-ram isfar tant sfieq li bejniethom xejn ma kien igħaddi akbar minn għajn ta' labra.

Kienu jsaffu żewġ kwalitajiet ta' ġibs; il-ġibs fin u l-ġibs fin nett. L-ewwel kwalità kienu jixtruha l-iskulturi, dawk li jagħmlu l-forma tal-istatwi u l-figurini, il-bajjada biex iħalltuh mal-ġir. Il-ġibs fin nett kienu jużawh fl-isptarijiet biex jirfdu l-ksur tal-għadam; kienu wkoll jużawh id-dentisti biex jagħmlu l-forom għad-dentaturi.

Il-ġibs kien jimbiegħ bil-kejl jew bl-użin: siegħ ġibs fin, tliet soldi, erba' soldi jekk ikun fin nett. Ratal ġibs tliet karlinijiet jekk ikun fin, jekk ikun fin nett tliet soldi. Qantar ġibs fin kien jiswa seba' xelini.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (24)

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġużè Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

## IL-BARRIERA

Malta ftit għandha riżorsi naturali, l-aħjar hi l-ġebla tal-bini. Dik il-ġebla tinħadem tajjeb, tiżżejjen sabiħ u żżomm sħiħa u għal snin twal. L-akbar prova tar-resistenza tal-ġebla Maltija huma t-tempji preistoriċi li għandna f'pajjiżna, Ħaġar Qim u l-Ġgantija, mibnija bil-ġebel tagħna xi tlitt elef sena ilu u għadhom weqfin u sħaħ sal-lum.

Dari kien hawn esportazzjoni kbira tal-ġebla ta' Malta. Awtur Ingliż (*) fl-1839 kiteb hekk: "Stone for paving and building is quarried and exported to Constantinople, the Black Sea, Egypt, etc". Il-Palazz Irjali f'Ateni; il-Katidral ta' San Lwiġi, f'Kartaġini; il-Knisja tal-Protestanti f'Napli, kollha nbnew bil-ġebla ta' Malta. L-aħħar barkata ġebel ta' Malta għall-bini waslet Londra fi Frar 1933.

Daż-żmien l-esportazzjoni tal-ġebla Maltija nqatgħet u saħansitra f'dawn il-Gżejjer tagħna ħafna bini qiegħed jitla' bil-blokki tal-konkrit. Ix-xogħol ta' ġebel fil-barrieri nbidel ukoll; dari l-qtugħ tal-ġebel kien sir kollu bl-idejn imma daż-żmien qiegħed isir bi srieraq mekkaniċi, iżda b'danakollu tajjeb wieħed jibqa' jiftakar kif kienet is-sengħa tal-barrieri taż-żmien l-imgħoddi.

L-inħawi f'Malta fejn jinsab l-aħjar ġebel għall-bini huma madwar l-Imqabba fejn jgħidulu "Tad-Dawl", "Ta' Kandja", "Misraħ Sinjura", jinsab ukoll f'Tal-Balal u fl-inħawi tal-Għarb ta' Għawdex. F'dawn il-postijiet infetħu ħafna barrieri għal ġebla tal-franka. Fin-naħa tax-Xagħra ħdejn il-Qrendi f'Malta u f'Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, hemm barrieri tal-ġebel qawwi; minn dawk ta' Għawdex kienu jaqtgħu żonqor qisu rħam.

Wara li jagħżlu għalqa tajba, kienu jwarrbu l-ħamrija mill-wiċċ u jiġbruha gozz biex wara li jispiċċaw mill-barriera, il-ħamrija jerġgħu jifirxuha fil-qiegħ u hekk jerġa' jsir raba' jinħadem.

Fil-barriera kienu jaħdmu dawn in-nies: il-kissier li jaqta' l-ġebel; l-iżmaratur li jorqom jew jilixxa l-ġebla jew isewwiha u jġibha kantuni jew xorka jew ċangatura; it-trinkatur li jħaffer it-trinek jew kneiner fil-blat; il-ħammiel, dak li jħammel biz-zappun il-laqx tal-ġebel minn ġot-trinek u l-kniener u jiġbor kollox fil-qfief.

Wara li jikxfu l-blat kienu jibdew b'roqgħa rettangolari xi 7 x 4 qasab u jagħtuha tisfija, jiġifieri kienu jaqtgħu l-iskorċa blat ta' fuq xi erbat ixbar fond, fejn il-blat ikun imfarrak u mfellel, imbagħad il-ħammiela kienu jwarrbu dak it-tilqit u tifrik u jġibu wiċċ il-blat safi u unit. Wara dan, kienu jibdew biċċa kwadra minn dak il-blat imsoffi u jdawwruha bi trinka.

It-trinka kienet xaqq irqieq xi erba' pulzieri li kienu jħaffruh bil-baqqun. Kien hemm tliet daqsijiet ta' bqaen għat-taħfir tat-trinek: it-twal dawk li kellhom il-marloċċ twil sitt ixbar; il-qosra, xi erbat ixbar; dawk tan-nofs, xi ħamest ixbar. Aktar ma jħaffer 'l isfel fit-trinka, it-trinkatur aktar kien juża' bqaqen twal.

Wara li jdawwru r-roqgħa dawramejt bit-trinek, f'nofsha sewwa kienu jħaffru ħofra xi erba' piedi kwadri u jinżlu daqshekk ieħor fond, imbagħad kienu jgħawwru bl-imtieraq xaqq orizzontali, jgħidulu kiniera, li mill-qiegħ tal-ħofra jidħol taħt il-blat ta' madwarha. Il-kiniera, bħalma għedna, kienet tinfirex dawramejt minn qiegħ il-ħofra għal taħt il-blat tal-ġnub.

Wara li l-kniener ikunu lesti kienu jdaħħlu fihom l-ispnajjar biex jaqgħtu u jgħollu l-blat. L-ispnar kien biċċa għodda tal-ħadid qisu skalpel iżda kellu l-qiegħ oħxon u x-xifer ċatt u rqajjaq. Ma kenux idaħħlu l-ispnajjar fil-kniener ta' l-erba' naħiet tal-ħofra, iżda kienu jagħżlu żewġ naħiet faċċata ta' xulxin u skond il-vina tal-blat (li hawn f'Malta aktarx dejjem tħares lejn il-Lbiċ).

F'kull kiniera kienu jdaħħlu tliet pari spnajjar; ix-xifer ta' kull spnar kienu jpoġġuh bejn żewġ folji tal-ħadid li kienu jdaħħlu qabel ġewwa l-kiniera. Dawk il-folji kienu jgħidulhom ċapap meta jservu għal spnar wieħed, u landi meta jservu għal par spnajjar. Ix-xifer ta' l-ispnar kien jidħol qisu feles bejn iċ-ċapap u meta l-ispnajjar kollha jkunu poġġuti f'posthom, il-kissier kien isammarhom wieħed wara l-ieħor b'mazza tqila tal-ħadid tiżen xi tlieta jew erba' wiżniet. Hu kien igħaddi jsammar fuqhom wieħed wara l-ieħor, imbagħad iserraħ għal ftit tal-ħin biex iħalli lill-ispnajjar joqogħdu; imbagħad kien jerġa' jdurhom dawra oħra jew jagħmel mogħdija oħra u jerġa' jserraħ. Wara xi erbgħa jew ħames mogħdijiet, l-ispnajjar jidħlu 'l ġewwa tant li jifirqu l-blat u jaqtgħu bħal falda, jew pett, jew saff, ta' ġebel li mill-kniener tal-qiegħ tal-ħofra jilħaq sat-trinek ta' madwar. Il-qtugħ tal-pett kien isir b'ħoss qisu karba.

Iċ-ċapap u l-landi kif ukoll l-ispnajjar qabel idaħħluhom fil-kniener kienu jagħtuhom tirqija jiġifieri kienu jgħaddsuhom fl-ilma u jxarrbuhom biex bil-pressjoni u l-frizzjoni qawwija tat-tismir ma jisħnux u jsiru jikwu.

Meta s-saff jew il-pett tal-ġebel jinqata' u jogħla bl-ispnajjar, l-imgħallem kien jeħles mill-ħofra billi kien jaqta' trinek dritti mal-linji taż-żewġ ġnub fejn ikun daħħal l-ispnajjar u jibqa' jaqta' sakemm jilħaq it-trinek taż-żewġ naħiet kuntrarji, u hekk jagħmel bħal kanal bejn iż-żewġ naħiet jew ġwienaħ tas-saff blat maqtugħ.

Il-kanal kien jinħadem billi l-imgħallem kien iħaffer it-trinek fiż-żewġ naħiet u jgħolli bl-ispnajjar, imbagħad l-iżmarratur kien jaqta' bl-imterqa u jissudividi l-ġebel f'kantuni għall-bini.

Meta jeħles mill-ġebel li jaqta' mill-kanal, l-iżmarratur kien jibqagħlu żewġ naħiet jew pettijiet ta' blat lesti biex minnhom joħroġ il-ġebel għall-kantuni.

Il-kissier kien jibda biex minn dak is-saff jaqta' biċċa ta' xi qasbtejn kwadri jew xi sittax-il xiber kwadri. Din il-biċċa mbagħad kien jissokta jċekkina billi jaqsamha salib f'erba' biċċiet oħra, u kull biċċa minnhom jerġa' jaqsamha salib f'erba' biċċiet oħra, u kull biċċa minnhom jerġa' jaqsamha salib f'erba oħra u jibqa' jċekken sa jasal fi bċejjeċ xi żewġ piedi kwadri kull waħda. Imma sa hawn il-kissier ikun qasam il-wisa tal-pett biss; il-għoli tal-pett, mill-wiċċ sal-qiegħ, ikun għadu ma mtessx, għalhekk kull biċċa ta' żewġ piedi wisa' il-kissier kien jaqlibha u l-iżmarratur kien iqassamha bl-imterqa minn tulha u jġibha kantuni għall-bini. Il-bċejjeċ kbar, il-kissier kien jifraqhom bl-ispnajjar iżda ż-żgħar kienu jinqatgħu bil-bqaqen tat-tkissir jew bl-imtieraq.

L-aktar biċċa xogħol tal-ħsieb kien il-qtugħ tax-xorok għax billi dawn kienu rqaq, xi tliet pulzieri, kienu jeħtieġu attenzjoni kbira sakemm jifirquhom. Il-qtugħ kien jeħtieġ isir skond il-vina tal-blata, u l-ġebla li jisiltu x-xorok minnha kienu jpoġġuha fuq ix-xaħx biex it-theżhiża tad-daqqa tinħela fix-xejn u ma tagħmelx forza fuq ix-xorok. Bl-istess manjiera kien sir il-qtugħ taċ-ċangatura li dak iż-żmien kienu jiksu biha l-art tal-kmamar u l-passaġġi.

Il-kantuni u x-xorok ma kenux ta' daqs wieħed, iżda kienu ta' bosta daqsijiet. Kien hemm kantuni ta' 10, 9, 8, 7 u 6 pulzieri; hekk ukoll kien hemm xorok twal u qsar skond kif jordna l-imgħallem bennej. Il-ġebel li ma jinqatax tajjeb, il-bċejjeċ tal-kantuni u l-laqx tat-tisfija u t-tiksir ieħor kien kollox jissejjaħ laqx, dan kienu jużawh biex jimlew l-imrammi taħt id-djar li jkunu jibnu jew biex jimlew il-vojt tal-ħitan dobbli.

Wara li jispiċċaw l-ewwel saff ta' blat kienu jinżlu tarġa, jiġifieri kienu jaqbdu jaħdmu s-saff ta' taħtu. Kienu jagħmlu trinek, iħaffru ħofra fin-nofs u fi ftit kliem, jirrepetu x-xogħol li jkunu għamlu fl-ewwel saff biex jaqtgħu l-kantuni, ix-xorok u ċ-ċangatura; imbagħad jibqgħu sejrin hekk saff taħt l-ieħor, jinżlu aktar fil-fond tal-barriera.

Meta jkunu neżlin saff wara l-ieħor, l-imgħallem kien dejjem iħalli biċċa blat f'naħa waħda u jaqtagħha żurżieqa biex jagħmel rampa mnejn itellgħu l-ġebel biex jieħduh għall-bini. Il-ġebel kienu jtellgħuh mar-rampa bil-karrettun, iżda meta l-barriera tinżel ħafna fil-fond, it-tlugħ tal-ġebel kien isir diffiċli u allura biex inaqqsu t-tbatija kienu jtellgħu bl-armar igħidulu sienja.

* Robert Martin Montgomery — "Statistic of Tre Colonies of the British Empire, London 1839.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (25)

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

L-armar kienu jwaqqfuh fuqnett f'xifer il-barriera u kien jikkonsisti f'żewġ antaljoli marbutin ras ma' ras, forma ta' angolu u poġġuti fis-sħiħ ma' l-art, bejniethom kien ikun hemm il-pastiega, taljola msieħba ma' taljola oħra (chain block) u ftit bogħod rukkell li fuqu jimbaram il-ħabel b'mezz ta' rota bid-dras li kien idawwarha ħmar jew bagħal li jdur bħal bhima tas-sienja. Xi drabi ma kienx ikun hemm rukkell; iżda l-bhima kienet tiġbed il-ħabel tat-tlugħ billi timxi 'l quddiem sakemm ittella' l-kantuni sa fuqnett.

Wara li jinżlu kemm ikollhom jinżlu fil-barriera allura kienu jibdew jaqtgħu l-blat mill-ġenb tal-barriera, u billi l-ġenb kien ikun għoli daqs sur u maqtugħ ċatt, kien jeħtiġilhom iwaħħlu l-armar mal-faċċata tal-blat. Kienu jibdew xi sitt piedi taħt ix-xifer ta' fuq fejn kienu jħaffru żewġ toqob, li jgħidulhom prejjeż, xi qamtejn bogħod waħda mill-oħra; ġo kull waħda minnhom kienu jdaħħlu tarf tal-ħadida twila igħidulha pal, u mbagħad fuq dawk iż-żewġ pali kienu jmiddu twavel biex il-ħaddiema joqogħdu fuqhom waqt li jkunu jħaffru trinek u kniener biex jaqtgħu l-blat. Biex ikunu aktar fiż-żgur kienu jirfdu t-truf ta' barra tal-pali bil-ventijiet jew ħbula marbutin tajjeb ma' wiċċ l-art.

Il-kantuni kienu jinġarru fuq il-karrettuni tal-ġebel li kienu inġenji ta' saħħa magħmulin għal dak ix-xogħol biss. Kien xogħol iebes u l-ġarriera kienu jbatu mhux ftit; kienu jgħabbu l-ġebel bis-sengħa għax inkella biċ-ċaqliq jinqasam jew jixxellef; l-ewwel kien igħabbu saff kantuni, igħidulha s-sodda fuq ix-xatba tagħbija ta' xi nofs tunnellata. Fit-telgħa l-ġarrier kien igħin lil bhima billi jiġbed it-tarant hu ukoll; fin-niżla kien jikkontrolla l-karettun mhux biss billi jissikka l-kri, iżda jekk it-triq tkun imżerżqa ħafna jew tkun tiżloq wara x-xita, hu kien jorbot kantun b'ħabel mal-fus tal-karettun u jħallih jitkaxkar wara biex jaqta' r-rankatura.

Il-ġarriera kienu jaħdmu ma' sid il-barriera. L-imgħallem tal-bini kien jordna tagħbijiet ta' ġebel u qisijiet ta' kantuni, u s-sid tal-barriera kien jieħu ħsieb jibgħathomlu mal-ġarriera li jaħdmu miegħu.

## FUQ IL-QIEGĦA

Daż-żmien spiċċat il-qiegħa fejn kienu jidirsu, iderru u jgħarblu l-qamħ. Illum kollox qiegħed isir bil-makni, u hekk il-ġabra tal-qamħ tilfet it-tradizzjoni biblika li kellha.

Qrib l-Imnarja kien jibda l-ħsad tal-qamħ li kienu jorbtuh għarem jew qattiet u jiġbruh munzell ħdejn il-qiegħa tad-dris. Għal dan ix-xogħol il-bidwi kien jagħżel roqgħa filberaħ ħalli ma jkun hemm xejn li jilqa' r-riħ, waqt li jkunu jderru l-qamħ.

Il-qiegħa kienet dawra wiesgħa bejn il-ħamsa u għoxrin u tletin pied fejn il-ħamrija kienu jbatttuha u jwebbsuha. Kienu jibdew billi jsaqquha b'ħafna ilma u malli tistagħdar u ssir kollha tajn, kienu jroxxu fuqha sifa tat-tiben u frak tal-weraq niexef, imbagħad kif tkun għada ratba, kienu jballtuha u jrossuha b'romblu tal-ġebel tqil sakemm tibbies u ssir qisha kisja ta' bejt.

Meta l-qiegħa toqgħod u tibbies kienu jdawwruha bilqattiet u jifirxu fuqha l-ħsad, imbagħad kienu jtellgħu l-bhejjem għad-dris. Għal dan ix-xogħol il-bidwi kien ikollu ħidma u bżulija ta' sabar u ta' ħena li tfakkar fil-ħajja lieżma u miġbura li kienu jgħixu l-bdiewa ta' żmien Kristu

Il-bidwi kien jinqeda bil-bhejjem tar-razzett tiegħu biex jidres il-qamħ, kien jorbothom ringiela, u hu joqgħod f'nofs il-qiegħa jsuq il-bhejjem u jdawwarhom dawramejt fuq il-qiegħa.

Il-qattiet tal-ħsad bix-xemx kienu jkunu nexfin qoxqox u bid-dris taħt ir-rifsa tal-bhejjem kienu jitfarrku, jitqattgħu u jsiru tiben filwaqt li l-qamħ ifesdaq miż-żbula. Iżda biex isir dan kien jeħtieġ iż-żmien, għalhekk id-derries kien idum ħafna f'nofs il-qiegħa jsuq u jdawwar il-bhejjem filwaqt li x-xemx tiżreġ u t-tiben ta' taħtu jikwi. Hu kien igħatti rasu b'kappell tat-trizza wiesgħa u kultant sħabu kienu jnewlulu qannata ilma biex jixrob u jiffriska griżmejh.

Filwaqt li d-debris ikun isuq il-bhejjem, oħrajn kienu l-ħin kollu bil-midra f'idejhom iqallbu l-qamħ taħt saqajn l-annimali biex jaraw li l-qamħ kollu, ta' taħt u ta' fuq, jintrifes u jitgħaffeġ tajjeb ħalli jsir tiben u tgħam. Malli jaraw li l-qiegħa saret, jiġifieri li d-dirsa saret tiben, kienu jerġgħu jżidu saff ieħor ta' ħsad u jissoktaw iżidu hekk sakemm jidirsu l-ħsad kollu. Billi l-qamħ hu aktar tqil u iebes mit-tiben, jinżel fil-qiegħ filwaqt li t-tiben jibqa' 'l fuq.

Meta l-qiegħa ssir, jiġifieri meta l-ħsad jindires kollu, jibdew iderru. Għal din il-biċċa xogħol jeħtieġ ir-riħ, riħ tajjeb bla ma jvenven qawwi. Meta x-xorti tgħin, il-bidwi ma jdumx jistenna li jonfoħ riħ tajjeb, iżda xi drabi kienu jdumu jistennew minn jum għall-ieħor sakemm tfewweġ żiffa qawwija, u meta r-riħ jonfoħ sħiħ kienu jderru qiegħda f'qasir żmien: "Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa". Għalhekk kienet drawwa li meta jkun riħ tajjeb jibdew iderru mqar kien nhar ta' Ħadd jew il-Festi, imma meta jaħdmu fil-Ħdud jew Festi kellhom ukoll id-drawwa li jagħtu xi nofs tomna qamħ lill-Kappillan għall-Knisja.

Dawk li jderru, xi erba' jew ħamsa rġiel u nisa, kienu joqogħdu ringiela mhux favur jew kontra r-riħ, iżda jħarsu lejn il-ġenb tad-direzzjoni tiegħu; huma kienu jibdew minnaħa tal-qiegħa jimxu u bil-midra jgħollu mar-riħ troffi ta' tiben. Ir-riħ kien itajjar it-tiben ħafif li jaqa' u jitgezzez 'il barra mill-qiegħa fin-naħa kontra mnejn ikun jonfoħ ir-riħ, imma l-qamħ tqil jerġa' jaqa' fuq il-qiegħa. Kienu jdumu sejrin hekk, min-naħa għall-oħra tal-qiegħa, sakemm iderru u jtajjru t-tiben ħafif kollu u fuq il-qiegħa ma jibqax ħlief il-qamħ imħallat ma' ftit zkuk ħoxnin tat-tiben u ramel u trab jew karfa. Dawk li jderru ma kenux joqgħodu ringiela waħdu, iżda wieħed kien joqgħod pass aktar 'il quddiem minn l-ieħor biex it-trab u għabra li jtajjar hu ma taqax fuq sieħbu.

Wara li jderruh, il-qamħ kien jeħtieġ li jsaffuh millkarfa u dan kien isir mid-derries il-prim li flok ma jgħolli bil-midra kien itajjar ftit ftit dik it-taħlita bil-luħ.

Il-midra kienet biċċa għodda magħmula minn furkettun b'erba' swaba tal-għuda taż-żebbuġ twal xiber u mwaħħlin ma' lasta jew marloċċ twil xi qamtejn. Il-furkettun kien jitwaħħal mal-marloċċ b'imsiemer tal-fagu (mhux tal-metall) u kien jintrabat sħiħ bi strixxi tal-ġild. Il-luħ kien qisu keffa jew pala tawwalija ta' l-injam imwaħħla fuq marloċċ bħal midra.

Dak tal-luħ kien joqgħod la ġenba tar-riħ, jerfa' qabda qamħ fuq il-pala tal-luħ, igħolliha u jsawwabha bil-mod biex waqt li tkun nieżla, ir-riħ itajjar l-għabra u sifa filwaqt li l-qamħ imsoffi jerġa' jaqa' fuq il-qiegħa. Dak talluħ kien idum sejjer ilewwaħ u jsaffi sakemm il-qamħ jeħles mill-karfa kemm jista' jkun.

Imma wkoll wara li jissaffa bil-luħ, il-qamħ ma jkunx għadu ħeles minn xi sifa, xi naqal, xi ramel jew xi trab u għalhekk ikun jeħtieġ jintgħarbel. Kien hemm tliet kwalitajiet ta' għarbiel: dak toqob kbar biex iżomm il-karfa tażżbul, ieħor bit-toqob iżgħar mnejn jgħaddi l-qamħ biss, u ieħor bit-toqob żgħar ħafna li minnhom jinżel it-trab. Ilgħariebel kienu jkunu kbar, imma mhux indaqs: l-akbar, dak tal-karfa, kien xi qasba u nofs wiesgħa; l-iżgħar, dak tat-trab, kien xi tliet kwarti ta' qasba.

L-għarbiel kienu jżommuh tnejn minn nies, ixejjruh bejniethom, filwaqt li raġel ieħor ikun iferrex u jżid ilqamħ għat-tgħarbil u l-ħaddiema l-ħin kollu jiċċajtaw, jinbxu lil xulxin jew ukoll igħannu u jżommu t-temp tal-għanja mat-tixjira ta' l-għarbiel. Qabel ma jgħarblu kienu jikinsu u jnaddfu l-qiegħa u wara l-aħħar tgħarbila l-qamħ kienu jiġbruh fuq liżar jew inċirata mifruża fl-art fejn kien jinġema' kollu qisu gozz deheb, imbagħad kienu jkejluh, jimlewh fi xkejjer ta' tomnejn il-waħda u jbiegħuh jew jaħżnuh għall-muna.

Barra l-qamħ, fuq il-qiegħa kienu jidirsu wkoll ix-xgħir, imma billi l-faxxina tax-xgħir kienet aktar ħoxna u iebsa, taħt saqajn il-bhejjem ma kenitx titgħaffeġ u titqatta' bċejjeċ żgħar daqs dik tal-qamħ, għalhekk mix-xgħir kienu jieħdu t-tiben ta' l-oħxon filwaqt li mill-qamħ kienu jieħdu tiben ta' l-irqiq.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (26)

96

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġużè Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Bħalma għidna qabel, it-tiben ta' l-irqiq kien jittajjar mar-riħ u jinġabar għarma ma' ġenb il-qiegħa mnejn kien jinġarr fix-xbiek. Dawn kienu magħmulin minn ħbula rqaq, wiesgħajn xi qamtejn kwadri kull waħda li kienet tasa' refgħa sħiħa ta' tiben, difatti dan kien jinbiegħ tant ix-xibka. It-tiben ta' l-oħxon ma kienx itir mar-riħ, iżda wara li jindires u x-xgħir jaqa' minnu u jinġabar fuq wiċċ il-qiegħa, it-tiben ta' l-oħxon kienu jiġbruh, jorbtuh qattiet u jbiegħuh bil-ħemel, kull ħemel fih għaxra qattiet.

Fuq il-qiegħa d-derries kien jara li l-bhejjem ma jinħaqrux, għalhekk hu kien jorbot il-ħmar lejn nofs il-qiegħa, ma' ġenbu u aktar 'il barra, kien jorbot il-bagħal, imbagħad iż-żiemel u fl-aħħarnett lejn tarf il-qiegħda, il-baqra għax din kienet l-aktar b'saħħitha u għalhekk hi tiflaħ għad-dawra t-twila ma' xifer il-qiegħa. Dan skond ma tgħallem il-Bibbja fid-Deuteronomju Kap 22. vers 10. Waqt ix-xogħol fuq il-qiegħa bil-bhejjem ma kenux iżommuhom bis-sarima biex ikunu jistgħu jieklu tiben kemm iridu.

Xi drabi kienu jorbtu wara l-bhejjem biċċa għodda jgħidulha ronkun, magħmula qafas qisu romblu bix-xfafar biex iqatta' t-tiben aktar malajr, iżda ftit bdiewa kienu jinqdew b'dak il-mezz.

Ħafna drabi fuq qiegħa waħda kienu jidirsu l-qamħ ta' bosta bdiewa wieħed wara l-ieħor, u kollha jgħinu lil xulxin. Ma l-għabex kien jieqaf ix-xogħol tad-dris għax malli tinżel ix-xemx u s-sħana ttaffi u l-arja tibred, il-faxxina tal-qamħ ma tibqax niexfa mqarqċa u għalhekk ma titqattax tajjeb taħt saqajn il-bhejjem.

Ħdejn il-qiegħa l-bidwi kien iwaqqaf għarix ħalli għaddell tiegħu dawk li jkunu jaħdmu, kultant jistrieħu u jistkennu mix-xemx tikwi.

Meta jidlam u jasal ħin il-mistrieħ il-ħaddiema kienu jpattu għat-tbatija tal-jum. L-irġiel kienu jorqdu fuq it-tiben tal-qiegħa, imma qabel jimteddu kienu jdumu ħafna jħarrfu u jlegilgu xi belgħa mbid, filwaqt li t-tfal jirraġġaw u jagħmlu kukrumbajsi fuq it-tiben. Xi drabi l-kbar kienu jagħtuha għall-għana l-aktar jekk xi ħadd minnhom jinzerta jkun jaf idoqq il-kitarra jew l-organett tal-ħalq jew il-konċertina. F'xi lejl ta' qamar, dak il-għana u dak id-daqq fuq il-qiegħa, msieħbin mad-daħq u raġġar ta' ħbubija kien joħloq xena ta' paċi u sliem li tfakkar f'xi xena bukolika ta' Virġilju. Il-ħaddiema kienu jġebbdu sa xi nofs il-lejl, imma qabel ma jagħlqu għajnejhom kienu kollha flimkien iqassdu r-rużarju u jitolbu l-barka ta' Alla.

Barra dawk li jidirsu fuq il-qiegħa, kien hemm nies tassengħa li kienu jaħdmu l-għodda għal dak ix-xogħol. Kien hemm ukoll dawk li jagħmlu l-għarbiel. Ħabib tagħna (*) kitbilna dawn il-kelmtejn li ġejjin dwar dawk li kellhom issengħa tal-għariebel:

"Il-ġild kien itaqqbuh skond kif igħidilhom il-bidwi, bit-'taglia-takki'. Irqiq biex jinżel it-trab, eħxen għal qamħ, u l-aktar toqob kbar biex iżomm il-karfa taż-żbul. Il-ġild kien irid jixxarrab għal xi żmien. Iċ-ċirku jkun ta' strixxi ta' kwart ta' pulzier għal għarbiel żgħar tal-fagu, u eħxen għal kbar tal-qiegħa. It-truf tal-ġilda kienu jinħbew minn barra bi strixxa idjaq.

"Biex jagħmel it-toqob tal-għarbiel kien jibda minn ħdejn iċ-ċirku, jagħmel dawra toqob, imbagħad jagħmel dawra oħra aktar 'il ġewwa u joqgħod attent li jżomm l-istess distanza minn l-ewwel dawra toqob.

"Qabel l-1914 l-għarbiel il-kbir kien jiswa nofs lira (tad-deheb)."

Imma qabel ma jieħdu, il-bidwi kien jara li l-għarbiel hu maħdum tajjeb u ta' saħħa. Kien jipprovah billi jaqilbu wiċċu 'l isfel u jtalla tifel żgħir jaqbeż fuq il-ġilda. Jekk il-għarbiel ma jinfaqax ikun tajjeb.

Il-qamħ għandu sehem kbir fl-ekonomija ta' Malta ("Malta qatt ma rroftat qamħ!") Daż-żmien għandna importazzjoni regolari, iżda fl-antik il-ħażna tal-qamħ kienet dejjem tħabbel moħħ il-Gvernijiet li kellna tant li fi żmien il-Kavalieri, il-Gran Mastru kien ħatar ġemgħa l-"Annona" biex taħseb tixtri u tbiegħ il-qamħ għall-poplu Malti. Fi żmien l-aħħar Gwerra Kbira meta waqa' għaks kbir, ried ikun il-qamħ ta' Malta biex itaffi ftit il-ġuħ.

Dari l-qamħ kien wieħed mill-aqwa wċuħ tal-biedja tagħna kienu jiżirgħuh f'kull naħa tal-Gżira, imma l-aktar li kien ifendi f'dawk l-oqsma għammiela ta' wara r-Rabat, il-Fiddien, mnejn tnissel l-għajdut:

"Fiddien, ja Fiddien
Dak qamħek il-kejjiel
Dak qotnok il-wiżżien!"

## IS-SIENJA

M'ilux wisq l-ilma għar-raba saqwi f'dawn il-Gżejjer kienu jtellgħuh is-swieni. Kull ġnien kellu s-sienja tiegħu u madwarha wieħed kien jara ħdura, ħxejjex, siġar u frottijiet. Is-sienja kellha sehem kbir fil-biedja tal-pajjiż u kienet tagħmel dehra karatteristika fil-kampanja.

Barra li kienet daħlet fil-ħajja tal-poplu, il-ħtieġa tassienja kienet magħrufa minn kulħadd u kellha siwi fl-ekonomija tal-pajjiż. Fi żmien il-Kavalieri kienu jagħtuhom importanza lis-swieni, kienu jgħidulhom ukoll "Norija" u f'reġistri ta' Nutari antiki insibuhom imniżżlin taħt dan l-isem. F'Ħal Qormi hemm ġnien tal-Gvern irreġistrat fil-kotba tal-proprjetà tal-Gvern bħala "In-Norija tas-Sultan". Ħafna drabi l-ġonna li kellhom is-sienja kienu jgħidulhom "is-sienja". Wieħed mit-titoli tan-Nobbli Maltin hu l-Konti tas-Sienja.

Illum is-swieni spiċċaw u flokhom daħlu l-muturi biex itellgħu l-ilma bil-pompi.

Is-sienja kienet tikkonsisti f'żewġ parti: il-għajn mnejn jitla' l-ilma, u l-kamra tad-dawra, igħidulha wkoll midħna, fejn iddur il-bhima biex tħaddem is-sienja.

Il-għajn issir billi jħaffru spiera, xi sitt piedi wiesa' u tnax tul, u jibqgħu neżlin sakemm isibu l-ilma: jista' jkun ilma tal-pjan li jinsab 'il fuq minn l-ewwel saff ta' blat tafli, jew ilma tal-fond meta jibqgħu neżlin bit-taħfir aktar 'il isfel mill-ewwel saff tafli. L-ispiera tkun fonda skond innaħa ta' fejn iħaffruha: fil-Pwales, Burmarrad, il-Marsa jew il-pjanura ta' Ħal Qormi, l-ispiera ssib l-ilma bejn il-20 jew 30 pied fond, filwaqt li fin-naħiet aktar għoljin ta' Malta ġie li ħaffru spejjer ta' 160-200 pied sakemm sabu l-ilma.

Meta jsibu l-ilma kienu jtellgħu kamra fuq l-ispiera ta' l-istess tul u wisa' tagħha; dik il-kamra kienu jgħidulha tromba u kien fiha żewġ pjattaformi jew sodod, waħda 'l fuq mill-oħra, u fiha kien ikun hemm ukoll il-ġibda li magħha jduru l-ktajjen bil-bramel.

Il-kamra tad-dawra kienet kwadra u kbira xi 18 × 18 piedi. Xi seba' piedi 'l fuq mill-art kien hemm travu ta' saħħa, igħidulu ġejża, li kien mimdud bejn żewġ ħitan faċċata ta' xulxin u mwaħħal f'nofshom sewwa, hekk li n-nofs tiegħu kien jikkorrispondi għaċ-ċentru ta' l-art tal-kamra.

Bejn in-nofs tal-ġejża u ċ-ċentru ta' l-art, kien jitwaqqaf travu, igħidulu stwiel; it-tarf t'isfel tiegħu kien jidjieq u jispiċċa bl-għarqub, dan kien musmar oħxon ta' l-azzar li jdur ġewwa l-bejta, jew ġewwa s-sirk. Is-sirk kienet ħofra żgħira ta' l-azzar ingastata ġo ġebla taż-żonqor poġġuta fil-qiegħa ta' l-art. It-tarf ta' fuq ta' l-istwiel kien maqtugħ tond biex idur ġewwa ħolqa maqtugħa f'biċċa għuda talqastan li kienet imsammra tajjeb mal-ġenb tal-ġejża.

Ftit 'il fuq minn nofs l-istwiel kien hemm il-miġbed imwaħħal miegħu; dan kien bħal lasta ta' l-injam twila xi 6 jew 7 piedi; li taħt it-tarf tagħha kellha bħal żewġ imgħażel, igħidulhom wasliet, imwaħħlin iħarsu 'l isfel u mbiegħdin xi żewġ piedi minn xulxin; bejniethom kienu jorbtu l-bhima biex tiġbed u ddawwar warajha, il-miġbed waqt li hi timxi mad-dawra tal-kamra.

Taħt il-għonq ta' l-istwiel kien hemm il-luqqata. Din kienet rota ta' l-injam żgħira xi pied u nofs magħmula minn żewġ uċuħ wieħed 'il fuq mill-ieħor xi pied, u mwaħħlin flimkien b'mazzarelli jew mgħażel imsammrin madwar ix-xifer taż-żewġ uċuħ.

Bejn l-imgħażel tal-luqqata kienu jidħlu d-dras tad-dawwara. Din kienet rota ta' l-injam kbira daqs ta' karattun. Iċ-ċirku tagħha kien maqtugħ pizzi pizzi u fil-ġenb taċ-ċirku dawramejt kellha mwaħħlin id-dras ta' l-injam li kienu jingraw ma' l-imgħażel tal-luqqata.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (27)

(*) Is-Sur Ġwann Cilia, surmast ta' l-Iskola ta' l-Imġarr.

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġużè Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Il-luqqata kienet iddur ċatta jew orizzontali, filwaqt li d-dawwara kienet iddur wieqfa jew vertikali u magħha kienet iddawwar il-fus tal-ġibba. Dan il-fus kien mimdud tarf wieħed fuq il-ġejża, u n-naħa l-oħra kien igħaddi minn żewġ rewwiħat fiż-żewġ ħitan it-twal tat-tromba tal-għajn u jpoġġi fuqhom.

It-tarf tal-fus ta' fuq il-ġejża kien maqtugħ tond u kien idur ġewwa l-"ħanżira"; din kienet blokka għuda jebsa mħaffra nofs tond u mwaħħla tajjeb fuq il-ġejża. Xi drabi fuq in-nofs tond tal-"ħanżira" kienu jwaħħlu nofs kullar tal-ħadid biex il-fus ma jaqbiżx. Fir-rewwiħat tal-ħajt mnejn igħaddi l-fus kien hemm ukoll "ħanżira" biex il-fus idur fiha. Fir-rewwieħa tal-ħajt ta' bejn il-kamra u l-għajn, il-fus kienu jiċċanawh fit-tond biex idur fil-"ħanżira". Fir-rewwieħa tal-ħajt ta' barra, fejn jispiċċa l-fus, il-"ħanżira" kellha n-nofs tond miksi b'kullar tal-bronż jew bronżina, u l-fus kien maqtugħ tond u kien imlibbes kullar tal-bronż biex idur fil-bronżina.

Kienu joqogħdu attenti biex il-fus ikun livellat tajjeb għax jekk ikun ftit immejjel, jista' jqabbeż il-katina minn fuq il-ġibba.

Il-ġibba kienet magħmula minn żewġ roti kbar tal-ħadid imwaħħlin xi tliet piedi minn xulxin, kellhom mgħażel tal-ħadid li jsallbu bejn rota u oħra, u jorbtu madwar iċ-ċirku li jidħol fil-fus; kien hemm ukoll mgħażel jew traversi tal-ħadid imwaħħlin bejn iċ-ċirkumferenzi taż-żewġ roti, li kienu mhux biss jorbtu flimkien iż-żewġ naħiet tal-ġibba, iżda kienu jservu wkoll biex il-ktajjen li jtellgħu l-bramel, iduru fuqhom.

Kien hemm żewġ ktajjen waħda ma' ġenb l-oħra u marbutin xi pied u nofs minn xulxin b'mezz ta' bċejjeċ tal-ħadid qishom rigi li kienu jgħidulhom ħadidiet tal-bramel. Kull ħadida kienet imtaqqba fiż-żewġ itruf u ftit 'il ġewwa mit-toqob kellha żewġ ponot jew imsiemer ħerġin minnha. F'kull toqba kienu jdaħħlu ħolqa jew misluta biex il-katina ma toħroġx 'il barra mill-ħadida, filwaqt li l-ponot ma kenux iħallu lill-ħadida toħroġ minn postha.

Il-ħadidiet kienu jdaħħluhom tarf wieħed f'malja ta' waħda miż-żewġ ktajjen u t-tarf l-ieħor f'malja pariġġ dik tal-katina l-oħra. Sitt malji l-isfel kienu jdaħħlu ħadida oħra fil-malji pariġġ taż-żewġ ktajjen, imbagħad wara tnax-il malja kienu jerġgħu jdaħħlu żewġ ħadidiet oħra sitt malji bogħod minn xulxin, u jibqgħu sejrin hekk sakemm jimlew żewġ ktajjen twal xi 60 pied jew aktar ukoll skond kemm tkun fonda l-għajn.

Il-ħadidiet b'mezz tal-ħoloq u l-ponot kienu jżommu ż-żewġ ktajjen marbutin flimkien u mbiegħdin indaqs minn xulxin il-ħin kollu. Dawk iż-żewġ ktajjen marbutin flimkien kienu magħrufin bħala "il-katina tas-sienja".

Bejn iż-żewġ ħadidiet imbegħdin sitt malji minn xulxin kienu jdendlu barmil; dan kien ikun ta' l-injam u kienu jdendluh b'żewġ ħoloq imwaħħlin fiċ-ċirku ta' fuq u mdaħħlin fil-ħadida ta' fuq, u żewġ ħoloq oħra mwaħħlin maċ-ċirku ta' taħt u mdaħħlin fil-ħadida t'isfel. Xi drabi meta kienu jonqsulhom il-bramel tas-sienja, il-bdiewa kienu jdendlu bl-istess manjiera, landi taż-żebgħa jew tal-pietrolju jew reċipjenti oħra li jiġu f'idejhom.

Il-katina tas-sienja kienet iddur fuq il-ġibba: kienet tital' minn naħa waħda (in-naħa ta' quddiem) bil-bramel mimlijin bl-ilma, tgħaddi minn fuq il-ġibba u waqt li tkun għaddejja minn hemm, il-bramel imilu u jferrgħu l-ilma, imbagħad tinżel min-naħa l-oħra (in-naħa ta' wara) bil-bramel vojta wiċċhom l-isfel, meta tasal isfel tidħol tgħodoż fl-ilma, il-bramel jerġgħu jimtlew u meta l-katina ddur għal fuq ittellagħhom mimlijin għal fuq il-ġibba li l-ħin kollu tkun iddur. Jibqgħu sejrin hekk: il-bramel jitilgħu mimlijin min-naħa ta' quddiem, jitbattlu fuq il-ġibba ddur u jinżlu vojta min-naħa ta' wara.

Il-katina kien jeħtieġ li titla u tinżel f'direzzjoni waħda għax jekk tmil tista' taqbeż minn fuq il-ġibba u tagħmel il-ħsara. Biex ma jsirx dan, ftit l-isfel mill-ġibba, mnejn titla l-katina, kienu jwaħħlu bejn iż-żewġ ħitan, bħal romblu li l-katina kienet tgħaddi minn fuqu u ddawwru hi u tiela'. Dak ir-romblu kienu jgħidulu mitwa u kellu żewġ pjanċi tondi mxaqilbin 'il barra jgħidulhom ġwienaħ biex il-katina titla minn bejniethom, u hekk dejjem tgħaddi għal fuq il-ġibba f'pożizzjoni waħda. Xi drabi kienu jwaħħlu mitwa wkoll fin-naħa ta' l-inżul tal-katina. Fiż-żewġ naħiet taċ-ċirkumferenza tal-ġibba kien hemm ukoll swaba tal-ħadid, xi nofs pied kull wieħed, biex iservu huma wkoll ta' lqugħ.

Semmejna ż-żewġ piattaformi jew sodod. Dawn kienu magħmulin minn 3 jew 4 xorok tal-ġebel twal mimdudin minn ħajt għall-ieħor bejn it-tlugħ u l-inżul tal-katina. Is-sodda ta' fuq kienet taħt il-ġibba u magħmula qisha vaska biex fiha jaqa' u jinġabar l-ilma li jferrgħu l-bramel. Minn dik is-sodda l-ilma kien igħaddi mill-kanali għal ġewwa l-ġiebja.

Is-sodda ta' taħt kellha ċint biex min ikun fuqha ma jaqax għall-isfel; kienet livell mal-qiegħa tal-kamra tad-dawra fejn kien hemm bieb biex wieħed jidħol fiha. Dik is-sodda kienet isservi biex il-bidwi jara jekk il-katina hix tiela' jew nieżla sewwa, biex hu jaqla' bramel bil-ħsara u jwaħħal oħrajn flokhom, u fuq kollox biex iżid jew inaqqas it-tul tal-katina.

Meta s-sienja ddum ħafna ttella' l-ilma, l-ilma tal-għajn jonqos u l-livell tiegħu jinżel, tant li l-bramel ma jaslux ġewwa fih u ma jimtlewx, għalhekk il-bidwi kien itawwal il-katina. Din kienet biċċa xogħol mhix ħafifa. Bħalma għidna, kien hemm żewġ ktajjen marbutin u miżmumin bogħod minn xulxin bil-ħaddiet tal-bramel. F'kull waħda miż-żewġ ktajjen kien hemm ħolqa li ma kenitx magħluqa għal kollox imma kienet għamla ta' U li jgħidulu ġog; fiż-żewġt itruf tal-U kien hemm toqba fejn jidħol pern minn naħa għall-oħra. Tarf wieħed tal-pern kien oħxon jew ir-ras u l-ieħor kellu toqba jew għewra fejn tidħol misluta, bejn ir-ras u l-misluta, il-pern kien jinżamm sħiħ u jagħlaq il-ġog. Il-ġogi fiż-żewġ ktajjen kienu livell wieħed u pariġġ ta' xulxin.

Biex itawwal il-katina, il-bidwi kien jaħdem minn naħa ta' wara jiġifieri minn naħa ta' l-inżul, fejn il-bramel ikunu vojta wiċċhom 'l isfel. Kien jistenna sakemm jaslu quddiemu l-ġogi tal-katina u allura kien iwaqqaf il-bhima u l-katina kienet tieqaf ukoll. Meta l-katina tieqaf, il-bidwi kien idaħħal żewġ lasti ta' saħħa jgħidulhom għuda tar-rummien, igħaddihom minn taħt l-ewwel ħadida tal-bar-mil taħt il-ġogi u imiddhom miċ-ċint tas-sodda għal ġewwa żewġ toqob fil-ħajt ta' wara. B'din il-manjiera meta hu jħoll il-ġogi u jaqlagħhom mill-katina, din tibqa' mdendla fuq il-lasti u ma taqax fil-għajn.

Meta jippostja ż-żewġ lasti u qabel ma jħoll u jaqla' l-ġogi, il-bidwi kien jorbot in-naħa ta' fuq tal-katina, biex hi ma tiġbedx lura u tinqaleb minn fuq il-ġibba għal ġewwa l-għajn. L-irbitt kien isir billi l-bidwi jdaħħal ġewwa l-ħolqa ta' fuq il-ġog, ganċ marbut ma' biċċa katina mwaħħla mal-ħajt tal-ġenb.

Meta jkollu kollox marbut sewwa, il-bidwi kien jiftaħ b'manilja l-misluta tal-pern u joħorġu mill-ġog, imbagħad kien iġonġi ż-żidiet. Dawn kienu bċejjeċ ta' ktajjen xi sitt piedi l-waħda, it-tarf tagħhom t'isfel kien ħolqa u ta' fuq kien ġog għamla ta' U bħal tal-katina tas-sienja. Biex itaw-wal, il-bidwi kien idomm il-ħolqa ta' isfel taż-żieda fil-ġog tal-katina u mbagħad idaħħal il-pern fit-truf tal-ġog u jgħad-dih minn ġewwa l-ħolqa taż-żieda kif din tkun mselsla fil-ġog. Bl-istess manjiera l-ġog tat-tarf ta' fuq taż-żieda kien jeħel ma' ħolqa tal-katina, u meta jġonġi ż-żidiet maż-żewġ meddiet tal-katina, il-bidwi kien jaqla' l-ganċijiet mill-katina u mbagħad imexxi l-bhima lura bil-mod sakemm il-katina terġa' lura fuq il-ġibba u tintrefa' minn fuq il-lasti. Hekk il-katina tkun żdiedet u twalet sitt piedi jew iżjed skond kemm il-żieda jkun ġonġa l-bidwi. Biex titqassar il-katina kien jeħtieġ l-istess xogħol, biss flok li jselslu ż-żidiet, kienu jħolluhom u jneħħuhom minn mal-katina.

*(ikompli f'ħarġa oħra)* (28)

# XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI

mill-Professur Ġużè' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

Is-sienja kellha wkoll ir-rota tal-molletta. Din kienet hemm biex meta jieqaf ix-xogħol u jħollu l-bhima mill- migbed, il-pis tal-bramel mimlijin ilma ma jdawwarx lura b'saħħa kbira lis-sienja u jagħmlilha ħsara. Xi drabi d-dawwara kienet isservi wkoll għall-molletta; allura kien ikollha ċ-ċirkomferenza maqtugħa pizzi pizzi; ma ġenbha kien ikun hemm il-molletta li kienet lasta tal-injam iebes jew tal-ħadid. It-tarf t'isfel tal-molletta kien jidħol ġewwa pern imwaħħal sħiħ fuq il-ġejża, it-tarf ta' fuq kien poġġut fuq iċ-ċirkumferenza hekk li waqt id-dawrien kien jaqbeż minn fuq pezz għal fuq ieħor, iżda meta d-dawwara ddur lura, tarf il-moletta kien jidħol taħt il-pezz u jwaqqaf ir-rota. Xi drabi r-rota tal-moletta kienet iddur mal-fus ma' ġenb il-ħajt tal-għajn u allura t-tarf t'isfel tal-molletta kien ikun imwaħħal fuq pern imdaħħal f'dak il-ħajt.

Din bejn wieħed u ieħor kienet is-sienja antika, imma mbagħad għal bidu tas-seklu li aħna fih, kienu daħlu għamliet ġodda: bdew ma jibnux il-kamra tat-tromba, imma jtellgħu l-ħitan biss sal-fus, hekk li l-ġibba tibqa' fil-beraħ. Bdew ukoll ma jibnux il-kamra tad-dawra, iżda l-bhima kienet iddur fil-beraħ. Daħlet ukoll għamla ġdida, jew is-sienja Ingliża. Din kellha żewġ ħwejjeġ differenti mill-antika: il-ġibba u l-bramel. Il-ġibba kienet aktar fiċ-ċokon u kellha folji taż-żingu fil-ġnub biex tevita t-tixrid u ċ-ċarċir żejjed tal-ilma. Il-bramel kienu rettangolari qishom kexxun u kull wieħed kien jeħel mill-ġnub fin-nofs ta' żewġ vireg tal-ħadid li t-truf tagħhom jispiċċaw f'ġogi. Dawn il-ġogi kienu jselslu ma' xulxin u kollha flimkien jagħmlu medda ta' bramel, vireg tal-ħadid u ġogijiet, li ddur fuq il-ġibba bħal medda tal-katina tas-sienja. Il-bramel kellhom żewġ toqbiet fil-qiegħ biex meta s-sienja tieqaf, huma kienu jitbattlu wieħed wara l-ieħor u hekk ma jibqgħux jagħfsu bil-piż tagħhom fuq il-ġibba.

Is-sienja kienet taħdem bid-dawrien: il-bhima li jkollha għamad quddiem għajnejha, kienet timxi mad-dawra u ddawwar il-miġbed, dan idawwar l-istwiel li miegħu ddur il-luqqata, din iddawwar lid-dawwara li ddawwar il-fus; il-fus idawwar il-ġibba u din iddawwar il-katina li ttella' l-ilma mill-għajn u terfgħu fuq is-sodda ta' fuq, mnejn kien imur għal ġewwa l-ġiebja fejn jinħażen għat-tisqija.

Ħafna ġonna fil-ħajt tat-triq kellhom ħawt li jimtela' bl-ilma miċ-ċarċir tas-sienja. Dak il-ħawt kien ta' utilità kbira għan-nies u għal bhejjem ta' dik in-naħa, l-aktar fejn ma kienx hemm għejjun fit-toroq. Il-bhejjem tax-xogħol, tal-karettuni u tal-karozzini kienu jixorbu mill-ħawt waqt li jkunu għaddejin minn ħdejn; in-nisa kienu jieħdu l-ilma għal ħasil għat-tisqija tal-qsari jew għax-xorb tat-tiġieġ jew ta' xi gidja.

Is-sienja kienet teħtieġ min jieħu ħsiebha l-ħin kollu. Semmejna meta l-bidwi jtawwal jew iqassar il-katina, jew jibdel il-bramel; hu kien jagħti wkoll ix-xaħam jew sapun artab lill-għarqub tal-istwiel, lill-molletta, lid-dras tad-dawwara u tal-luqqata, u lill-għenuq tal-fus.

Ħafna nies kienu jgħixu bix-xogħol tas-swieni, kien hemm il-ħaddedin li jagħmlu l-ktajjen u bċejjeċ oħra tal-ħadid, kien hemm il-mastrudaxxi li jagħmlu l-bramel u bċejjeċ oħra ta' l-injam, kien hemm mgħallmin li jsewwu ħsarat li jiġru fis-swieni. Il-lum ix-xogħol ta' dawk in-nies ntemm u nqered għal kollox u flokhom laħqu l-inġinjieri tal-muturi u tal-pompa. Hekk kien minn dejjem, il-ġdid jaqla' l-qadim!

Illum meta ngħaddu minn ħdejn ġnien nisimgħu t-taptip tal-pompi tal-petrol, imma dari konna nitpaxxew nisimgħu l-ħsejjes polifoniċi tas-sienja, *Le Chant De La Noria*: tqawqib tal-bhima, żaqżiq tal-miġbed, taħbit tal-molletta, ċekċik tal-katina, ċarċir tal-ilma, li kollha flimkien kienu jqanqlu sens ta' ħdima u ta' xaba'.

## TQANĊIQ, ĠAĦĠIĦ U XOGĦOL KURJUŻ

*"Mħallta tal-Maxxata"*

Qabel l-aħħar Gwerra Kbira, fi Triq il-Merkanti, quddiem il-"Barclays Bank, fejn illum hemm il-Mużew tal-Knisja ta' San Ġwann, kienet l-iskola sekondarja tal-bniet u taħtha kien hemm ħafna ħwienet fosthom ħanut tax-xorb igħidulu *"Tal-Maxxata"*. Kien ħanut magħruf ħafna, iffrekwentat minn bosta nies l-aktar dawk li kienu jpoġġu dik in-naħa għan-negozju, li spiss kienu jmorru jbillu griżmejhom.

Sid il-ħanut fuq il-bank kellu bħal grada tal-metall u taħtha kien hemm reċipjent biex jilqa' t-taqtir tar-xorb.

Il-klijenti kienu jordnaw min grokk *whisky*, min grokk *brandy*, min ġnibru, min *rhum* u wara li jixorbu, dak tal-ħanut kien ipoġġi t-tazzi wiċċhom 'l isfel fuq il-grada u jħallihom joqtru fir-reċipjent ta' taħtha. Dak it-taqtir kien jitħallat kollu fir-reċipjent u jagħmel taħlita tajba (qisha l-*cocktail* tal-lum) li kienet tingħoġob minn dawk li jħobbu l-qatra; difatti kien hemm dawk li jidħlu fil-ħanut biex jieħdu grokk (ta' sitt ħabbiet!) minn dik it-taħlita, igħidulha *"Mħallta tal-Maxxata"*.

*Kannella*

Fi Triq il-Merkanti wkoll, xi erba' bibien aktar qrib is-Suq minn Muscat tal-Kotba, kien hemm ħanut (ta' Scicluna ta' Bendu) imsemmi għall-ħwawar. Kulmin irid ftit bżar qawwi jew daqsxejn kannella tfuħ, kien imur jixtri minn dak il-ħanut.

Fil-bieb tal-ħanut kien ikun hemm dejjem raġel il-ħin kollu jfarrak u jisħaq il-qxur tal-kannella ġewwa mehrież kbir tal-metall. Min jinzerta għaddej minn dik in-naħa kien jismà' t-taħbit bla ma jaqta' tal-lida fuq il-metall tal-mehrież u kien ixomm riħa taqsam ta' kannella.

*Qali u Xiwi*

Jekk dak li jkun jilwi mit-Triq il-Merkanti għall-oħra ta' ma' ġenb is-Suq, kien isib ħafna ħwienet żgħar ta' l-ikel. Fil-bieb ta' kull wieħed minnhom kien hemm xkaffa b'kuċinetta u tagħġen fuqha, u dak tal-ħanut jaqli fwied, kliewi, animelli u frixa jew igħalli l-kirxa; u fuq kollox riħa ta' qali li tiftaħ l-aptit.

*"Biskuttini tal-Bażisju"*

Sa ftit qabel l-aħħar Gwerra Kbira, konna mmorru nixtru l-biskuttini tal-Bażisju mill-ħanut ta' Żerrek li kien fi Triq Santa Luċija ftit 'l isfel minn Triq Irjali. Dawk il-biskuttini fuq il-wiċċ tagħhom kellhom ittra B magħmula bil-ġelu aħmar bħala tifkira tal-Prima Donna Enricetta Bosisio li kienet ġiet tkanta f'Malta fl-istaġuni teatrali 1863-64 u 1864-65.

Dik il-Prima Donna kienet għamlet furur f'Malta u saħħret lil ħafna nies bil-vuċi ħelwa u bil-ġmiel ta' persuntha. Xi ħadd ipprofitta ruħu mill-popolarità ta' dik id-diva u ħareġ bl-idea li jżejjen il-biskuttini bl-ittri ta' kunjomha ħalli l-ħlewwa tagħhom tfakkar il-ħlewwa tal-vuċi tagħha.

*"Talja tal-Konsultat"*

Il-Konslu Taljan għamel żmien joqgħod f'dik id-dar kbira fi Triq l-Ifran kantuniera ma' Triq San Ġwan ħdejn il-Kunvent ta' l-Agostinjani.

Taħt il-Konslu kien hemm ħanut tal-merċa, u sid dak il-ħanut kien beda jġib minn barra kwalità ta' għaġin irqiq qisu troffa ħajt mibruma f'għoqda. Dik il-kwalità ta' għaġin intgħoġbot u billi għall-ewwel kienet tinbiegħ fil-ħanut ta' taħt il-Konsolat, laqqmuha *"Talja tal-Konsolat"*.

*(ikompli f'ħarġa oħra)*



26.

# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

mill-Professur Ġuże' Galea

*(ikompli mal-ħarġa ta' qabel)*

*Ġlekk għall-Kiri*

Daż-żmien kulħadd għandu ġlekk, imma xi nofs seklu ilu nofs l-irġiel ta' Malta ma kenux jużaw il-ġlekk; meta joħorġu kienu jilbsu sidrija, qalziet tal-lanke, u terħa ta' bosta lwien u jixtħu ħorġ fuq spallithom.

Jekk ikunu mħarrkin biex jitilgħu l-Qorti, dawk l-irġiel kienu jinstarmu għax ħadd ma' jista' jidher quddiem Imħallef jew Maġistrat jekk ma jkunx liebes ġlekk; imma kien hemm xi tnejn min-nies li sabu l-għajxien tagħhom mill-kiri tal-ġlekkijiet lil dawk ta' l-irħula li kien ikollhom xi kawża fil-Qorti.

Dawk tal-ġlekkijiet kienu jpoġġu bil-qiegħda fuq iċ-ċint tal-Funtana tas-Seffud li kien hemm quddiem il-Qorti flok il-Monument ta' l-Assedju l-Kbir; kienu jilbsu xi tlieta jew erba' ġlekkijiet fuq xulxin, u meta xi raħli jersaq lejhom biex jinqeda, dak tal-ġlekkijiet kien jinża wieħed u jlibbishulu. Dwar il-ħlas, ma kienx hemm tiġbid: tliet soldi jekk il-kawża tkun quddiem il-Maġistrat, erba' soldi jekk iddehra tkun quddiem Imħallef.

*Dak Li Jdomm il-Kurduni*

F'Malta hawn ħafna devoti u tista' tgħid kollha għandhom il-kuruna tar-Rużarju. X'uħud igħożżu ħafna l-kuruna, jew għax ikunu wirtuha minn għand missierhom jew minħabba xi sentiment ieħor, għalhekk meta tinqatagħlhom ma kenux jiskartawha iżda kienu jaraw kif jagħmlu biex isewwuha.

Dari kien hawn xi rġiel li jaqilgħu x'jieklu billi jdommu u jsewwu l-kuruni. Wieħed kien jarahom bil-qiegħda fuq xi għatba mehdijin bix-xogħol tagħhom. Kienu jġorru kaxxa ċkejkna bil-għodda li jkollhom bżonn: ftit fildiferru tarramm, ftit passiperla, xi żewġ tnalji, xi żewġ imqassijiet tal-fildiferru, xifa, koċċ żibeġ, slaleb u domni u bċejjeċ ta' kuruni qodma biex iġonġihom ma' kuruni għat-tiswija jew jieħu żibeġ minnhom.

Meta jaraw 'il dak ir-raġel jaħdem, in-nisa ta' dik innaħa li jkollhom kuruni għat-tiswija, jieħduhomlu u hu jdum nofs ta' nhar bil-qiegħda jsewwi, iġonġi u jdomm il-kuruni.

*"Il-Banda ta' Indri"*

Bħalma l-okkażjonijiet ta' niket kienu jqallgħu xi sold lin-newwieħa, hekk ukoll l-okkażjonijiet ta' ferħ kienu jisfaw ta' ġid lil dawk tal-"Banda ta' Indri". Dawk kienu xi erba' mużikanti li jiddubbaw xelin jew tnejn billi jmorru jdoqqu wara l-bieb ta' min ikollu biex jifraħ.

Il-banda ma kellhiex nies wisq: xi tnejn iħanxru l-vjolin, wieħed jonfoħ il-kurunetta, ieħor iħabbat fuq it-tambur.

Kienu jmorru jżangru, jonfħu, iċemplu u jtambru quddiem il-bieb ta' min ikollu xi tifel li jieħu l-professjoni jew isir qassis, jew ta' min jirbaħ xi kawża kbira, jew ta' min jilħaq f'xi mpieg għoli, jew ta' min jiġi lura wara safra twila, u ta' oħrajn li tkun messithom ix-xorti t-tajba.

Il-banda kienet tagħmel briju li jpaxxi lin-nies tal-familja, imma jinki lil xi ġirien għajjurin; kienu jinġabru ruxxmata tfal kollha jaqbżu, jitkabarsu, igħajjtu u jwerżqu, l-aktar jekk il-kap tad-dar kien jixħtilhom qabda sittiet jew tlitiet. Xi drabi dawk tal-familja ma kienux iridu dak l-istorbju kollu wara biebhom u allura wara li jnewwlu kemxa flus lil mużikieri u jisquhom belgħa *brandy*, kienu jibgħatuhom idoqqu quddiem xi statwa jew xi niċċa biex jagħtu ġieħ lil qaddis.

*It-Terrimaxka*

Bħal dawk tal-"Banda ta' Indri" kien hemm oħrajn li jdabbru xi ħaġa mid-daqq tal-mużika. Dawn kienu joħorġu fil-Ħdud u fil-festi, jduru fl-ibliet u fl-irħula, idoqqu t-terrimaxka. Din kienet kaxxa tad-daqq qisha pjanu mwaħħal bejn żewġ lasti u wieqaf fuq fus imdaħħal f'żewġ roti daqs ta' karozzin. Fuq il-kaxxa kien ikun hemm figura ta' Kavalier bil-bakketta f'idu u kien jikkompanja d-daqq billi jdawwar rasu 'l hawn u 'l hinn u jtella' u jniżżel il-bakketta. Ftit 'l isfel minnu kien hemm ringiela pajpijiet u qniepen idoqqu u jċemplu u fil-ġnub tal-kaxxa kien hemm żewġ statwi ta' nisa jiżfnu u jduru fuq pern mad-daqq tal-kaxxa.

Ma' kull terrimaxka kien ikun hemm tlieta minn nies: wieħed bejn il-lasti jiġbed jew jimbotta t-terrimaxka, ieħor idawwar l-imradd biex idoqqha u l-ieħor b'xi sasla jew bieqja f'idu biex jiġbor is-sittiet jew is-soldi li jagħtuh innies li jkunu fil-gallarijiet jew fit-twieqi jew fit-triq; għax kienu jinġabru ħafna nies u x'uħud kienu saħansitra joħorġu jiżfnu mad-daqq tal-kaxxa. Xi drabi dawk tat-terrimaxka kienu jorbtu xadina fuq il-kaxxa biex bil-mutetti tagħha tiġbed aktar nies.

It-terrimaxka ma kenitx ta' dawk li jdoqquha: dawn kienu jikruha minn maħżen fil-Ħamrun. Is-sid tal-maħżen kien ikollu ħafna minn dawk il-kaxxi tad-daqq u kien jikrihom ħames xelini għal jum kollu, jew tliet xelini għal nofs ta' nhar. Xi drabi flok tlieta minn nies kien ikun hemm tnejn mat-terrimaxka, għax bejn il-lasti kienu jorbtu ħmar biex jiġbed it-terrimaxka.

*Il-Ħabbara*

Dari kien hawn ħafna Maltin li jbaħħru: kienu mpjegati bħala baħrin, "stokers", "stewards", nostromi, nawċieri u padruni fuq vapuri, bastimenti u skejjen li kienu deħlin u ħerġin fil-Port il-Kbir. Nies dawk ta' fuq il-baħar ikunu jistennewhom bi ħrara kbira, imma ma jkunux jafu sewwa meta se jaslu għax f'dak iż-żmien ma kellhomx telegrammi bil-"wireless".

Dak in-nuqqas ta' komunikazzjoni kien ta' profitt għal ħabbara. Kien hawn numru mhux żgħir minnhom, l-aktar fi żmien il-Kavalieri meta l-mezzi ta' komunikazzjoni kienu neqsin wisq.

Il-Ħabbara kienu rġiel, aktarx baħrin xjuħ, li jafu sewwa l-bċejjeċ tal-baħar l-aktar dawk li kellhom fuqhom baħrin Maltin u kienu jagħrfuhom mill-bogħod. Kienu jistħarrġu u jitkixxfu min huma l-baħrin Maltin u fejn joqgħodu u kienu jqattgħu s-sigħat jitlajjaw fil-Barrakka ta' Fuq jew f'dik ta' Isfel; malli joqrob vapur jew bastiment lejn il-bokka tal-Port, huma kienu jagħrfuh mill-ewwel u jekk ikunu jafu li hemm baħrin Maltin fuqu, dlonk jitilqu jiġru biex jagħtu l-aħbar lill-familji tagħhom u dawn, ferħanin bl-aħbar, ma kienux iħallu b'xejn lill-ħabbara.

*Il-Panka*

Fis-sajf Malta tagħmel sħana wisq. Illum għandna ħafna mezzi biex intaffu s-sħana iżda fl-antik ma kellhomx ħlief imriewaħ, paljijiet u l-panka.

Imriewaħ u paljijiet għadhom ma nqatgħux, iżda l-panka ilha li spiċċat u daż-żmien ftit issib min għadu jiftakarhom. Il-panka kienet biċċa ħasira twila xi sitt piedi u wiesa' xi tliet piedi, mdendla mit-tul bil-ħoloq mas-saqaf. Matul ix-xifer f'isfel kien ikollha strixxa ta' l-injam li f'nofsha kellha marbuta lenza jew ħabel irqiq. Dak il-ħabel kien igħaddi minn taljola għall-oħra mwaħħlin fis-saqaf, u joħroġ minn toqba fil-għoli tal-ħajt u jiddendel f'kamra oħra fejn kien ikun hemm xi qaddej jiġbed il-ħabel, u bil-ġbid tiegħu kien ixejjer il-panka 'l hawn u 'l hinn bħal imrewħa li tqanqal l-arja u tagħmel il-frisk. Xi drabi meta l-panka tkun imdendla fuq skrivanija, min ikun jikteb kien irewwaħha billi jagħfas b'siequ fuq pedala li magħha jkun marbut il-ħabel li jxejjer il-panka.

Il-panka kienet tinsab l-aktar fil-palazzi jew f'xi bankа ta' Nutar jew f'xi uffiċċju ta' Impjegati għoljin. Kienu jdendluha fuq xi sodda, xi mejda ta' l-ikel jew xi skrivanija. Fi żmien il-Kavalieri kienu jqabbdu xi lsir jiġbed il-ħabel u xi drabi kien jeħtieġlu jishar il-lejl kollu bil-qiegħda fl-art, jiġbed il-ħabel u jrewwaħ il-panka biex is-Sinjuri jorqdu filfrisk. Meta l-ilsiera spiċċaw minn pajjiżna, is-Sinjuri kienu jimpjegaw ir-rewwieħa, nies li jikkuntentaw bi ħlas żgħir basta ma jbatux.

(TMIEM)

Dawn l-Artikli tal-Prof. ĠUŻE ĠALEA se jiġu Pubblikati fi Ktieb li jkun jista' jinxtara mid-Dipartiment ta' l-informazzjoni.

26